


# Għaqda Mużikali Imperial

## Festa Marija Bambina 2023
## Il-Mellieħa




one80.com.mt
Multiple Destinations, Unique Experiences.

one80
KITCHEN • LOUNGE
MELLIEĦA

one80
ST. CHRISTOPHER STR.
VALLETTA

one80
KITCHEN
AT MGARR YACHT MARINA, GOZO

IX-XATT
AT one80

one80
IZAKAYA • 居酒屋

MĠARR MARINA
YACHT CLUB
BY one80

# Werrej

L-Għaqda Mużikali Imperial tul l-aħħar Sena – Josef Borg – President ....................4
Xogħol kontinwu – Dario Vella – Sindku ....................9
Messaġġ mill-Arċipriet – Kan. Fr Joe Caruana – Arċipriet ....................13
Niġġeddu biex nimxu 'l quddiem – Prof. John Baptist Gauci – Segretarju Ġenerali ....................16
Il-Finanzi – Responsabbiltà u Għaqal – Anthony Schembri – Segretarju Finanzjarju ....................20
Sena ta' Ħidma – Clayton Vella – Direttur ....................21
Ħsibijieti… – Mro Anthony Borg – Surmast Direttur ....................24
Ħidma Dejjiema – Ryan Micallef – Membru tal-Kummissjoni Banda u Kor ....................29
Looking Good! – Julie Thomas – Director of the Imperial Choir ....................32
X'inhi l-Mużika u x'inhuma l-Effetti li tħalli fuq il-Bniedem? – Manuel Cassar – Għalliem tal-mużika ....................36
L-Istrumenti tar-Ram u l-Versatilità tagħhom – Mark Vella – Għalliem tal-mużika ....................40
Messaġġ tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda – Avv. Noel Camilleri – President tal-GħNKB ....................41
Djarju 2022 - 2023 ....................45
Nifirħu lil… ....................57
Niftakru f'ħutna li ħallewna ....................60
Apprezzament - Gtano Sultana (1944- 2022) ....................61
Proġett – Restawr tal-Faċċata tal-Każin Imperial ....................62
Messaġġ mill-Ministru għat-Turiżmu – L-Onor. Clayton Bartolo ....................65
Messaġġ mill-Ministru għall-Ġustizzja – L-Onorevoli Dr Jonathan Attard ....................66
Going Green – Crafting Workshops at the Imperial – Amanda Jenkins ....................67
It-tagħlim tal-mużika fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial ....................70
When you feel like quitting, think about why you started – Pippa Roberts ....................72
Programm t'Attivitajiet ....................74
Programme of Activities ....................77
Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial ....................78
Anniversarji ....................81
Għad baqagħlu x'jikteb – David Muscat ....................82
Xogħol ta' ristrutturar u rinovazzjoni fl-ewwel sular tal-Każin Imperial ....................83
Xi Kompożituri tal-Belġju u r-Reġjuni li jdawruh – Carl Borg ....................87
X'festa għandna! – Philip Borg ....................91
Dejjem Niftakar li kull Festa tkun iffesteġġjata bil-Ħsieb, Responsabbiltà u ħafna Xogħol – Christopher Bartolo ....................92
L-Għaqda tan-Nar Marija Bambina rebbieħa tal-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Ajru 2023 ....................94
Ħsibijieti waqt Żerniq Imbierek f'Selmun – Rita Gatt ....................95
Il-Captain – Joseph F. Cachia ....................96
Marija fil-ħajja tagħna – Rev. Karl Andrew Schembri ....................97
The Coexistence of the 'Old' and the 'New' in the Maltese Wind Band Tradition – Anthony Borg ....................98
Stejjer minn Selmun – Jeffrey Sammut ....................104
Celebrating Malta's Musical Heritage: Francesco Schira – Geoff Thomas ....................115
Settembru – Mario Fenech ....................119
Bis-skiet u l-qima ma' George Fenech – Evarist Bartolo ....................120
Tislima lil Anthony Fenech – Poeta Mellieħi – Alfred C. Sant ....................122
Brøttum Brass in Malta – Anne Linnea Rømo and Mildri Een Eide ....................123
Ħbit mill-ajru u inċidenti oħra fil-Mellieħa bejn Jannar u Ġunju 1942 – Charles Debono – Kuratur, Il-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra ....................126
Investiment Maġġuri fil-Qalba tal-Mellieħa ....................131
Is-Surmast Salvu Vella (1910-1982) – Ħabib ta' Salvu s-Surmast ....................132
Climate Change and the Mediterranean – Professor Stephen Calleya ....................133
Pjanti u mapep tal-Mellieħa fl-Arkivju tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi – David Bartolo ....................136
L-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda: 75 sena ta' storja – Duncan Brincat ....................140
Proġett – Id-Diġitalizzar u l-Organizzar tal-Arkivju Mużikali tal-Għaqda Mużikali Imperial ....................142
Il-Ġellieda tal-Art – Paul P. Borg ....................143
Min Irreklama f'din il-Pubblikazzjoni ....................148

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

*VO/0841*

*Pubblikazzjoni:*
Għaqda Mużikali Imperial
Misraħ il-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
Tel.: 21523467

*Korrispondenza:*
Il-Bord Editorjali
Leħen l-Imperial
Għaqda Mużikali Imperial
Misraħ il-Parroċċa
Il-Mellieħa Malta
info@imperialbandclub.com
*webpage:*
www.imperialbandclub.com

*Bord Editorjali:*
Josef Borg, John Baptist Gauci, Anthony Borg, Carmen Schembri, Anthony Schembri

*Nota Editorjali:*
Il-Bord Editorjali jfakkar illi l-opinjonijiet u l-fehmiet espressi fl-artikli u fl-ittri ppubblikati f'dan il-magazin huma opinjonijiet u fehmiet tal-awturi nfushom, u m'għandhom qatt jinftiehmu bħala l-fehma tal-Bord Editorjali jew tad-Direzzjoni tal-Għaqda Mużikali Imperial. Il-fehma tad-direzzjoni hija riflessa fil-messaġġi tal-uffiċjali u fl-editorjal.

**Ittajpjar:**
Carmen Schembri,
John Baptist Gauci

**Disinn tal-Faċċata:**
Stephen Grima

**Ġbir tar-Riklami:**
Anthony Schembri
John Baptist Gauci

**Qari tal-Provi:**
David Muscat
Grazio Barbara
Amanda Jenkins

Ritratti tal-Faċċata:
Misraħ il-Parroċċa wara l-proġett ta' riġenerazzjoni u l-faċċata tal-Każin Imperial wara l-proġett ta' restawr.

*Disinn u Stampar:*
BEST Print CO. LTD
Triq iż-Żurrieq, Il-Qrendi
Tel: 21 680789, 9925 9084
E-mail: bestprintqrendi@gmail.com

G3 GROUP

G3 Hospitality is a hospitality management company running hotels, bars, restaurants and wellness centres, at the north of Malta.

We believe in trust, autonomy, availability and attention to detail, ensuring that each member of our team and each guest feel our deep care.

## HOTELS | BOUTIQUE HOTEL | BEACH RESORT











PERGOLA HOTEL AND SPA

SOLANA HOTEL AND SPA

DOMS boutique hotel

DOMS Brasserie

Palm Beach

SQUARE GASTRO BAR

Discover more on **www.g3.com.mt**

FOOD & BEVERAGE OUTLETS | SPA & WELLNESS CENTRES











tòsca | THE PRICKLY PEAR | Da Ciccio cucina | CAVE BAR | Topdeck | NATARAYA day spa & wellness

G3 Hospitality Ltd. | Adenau Street, Mellieħa, Malta | (+356) 2152 3913 | info@g3.com.mt | www.g3.com.mt



# L-Għaqda Mużikali Imperial tul l-aħħar Sena

**Josef Borg**
*President*



Insellem lill-qarrejja kollha ta' dan il-ktejjeb li ta' kull sena l-Għaqda Mużikali Imperial tippubblika fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina. Fih insibu tagħrif dwar il-ħidma li tkun saret matul is-sena ta' qabel kif ukoll tagħrif ieħor interessanti. Il-festa ta' Marija Bambina hija l-qofol tal-attivitajiet li l-għaqda tagħna torganizza matul is-sena, li għaliha twaqqfet u ħadmet matul is-snin. Dan għandu jibqa' jsir biex inkomplu nsaħħu ċ-ċelebrazzjoni tal-festi f'pajjiżna ħalli nkomplu nkabbru dan il-patrimonju tagħna l-Maltin.

Bħalma kont ktibt fil-messaġġ tiegħi tas-sena l-oħra, din is-sena kienet sena impenjattiva ħafna għax ħdimna fuq diversi proġetti pjuttost kbar biex inkomplu nsebbħu u nattrezzaw il-każin tagħna dejjem aħjar.

### It-tisbiħ tal-entratura tal-każin u l-bar

Kien ilu jinħass il-bżonn li l-entratura tal-każin u l-bar jiġu rinovati u modernizzati għax mad-daqqa t'għajn kif wieħed jidħol fil-każin tagħna, l-impressjoni li tieħu kienet tagħti stampa differenti mis-sbuħija u l-attrezzar li jgawdi minnhom il-każin tagħna. Tant hu hekk li kienu saru ħafna preparamenti biex dan ix-xogħol isir, fosthom anke permess tal-MEPA, iżda minħabba l-ispiża involuta u anke għax ried prattikament jingħalaq il-bar tal-każin, dan ix-xogħol qatt ma nbeda. Iżda kollox ħa dimensjoni oħra meta s-sena li għaddiet, grazzi għall-Ministru l-Onorevoli Clayton Bartolo, fondi mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu kienu katalisti biex il-Kumitat Direttiv jieħu deċiżjoni importanti u jingħata bidu għal dan il-proġett tant meħtieġ u importanti. Fl-istess żmien tħabbar li kien se jibda x-xogħol ta' tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa u għalhekk kien tajjeb li x-xogħol jibda fl-istess żmien biex l-impatt li jħallu dawn ix-xogħlijiet ikun wieħed mill-inqas.

Saru diskussjonijiet mal-Perit Joseph Attard u nġabu l-istimi neċessarji biex ix-xogħol ikun jista' jibda. L-ispiża għal dan il-proġett ma kinitx waħda żgħira, iżda grazzi wkoll għal għajnuna kbira li sibna mid-diretturi tal-kumpaniji Carmel Vella Ltd u Central Asphalt Ltd, li ġentilment offrew li jagħtu sitt travi kbar tal-ħadid, il-kumitat kien kunfidenti li kien se jkollu l-finanzi neċessarji biex iwettaq dan ix-xogħol. Kien propju nhar it-22 ta' Frar 2023 li beda x-xogħol tal-kostruzzjoni mill-kuntratturi Carmel u Malcolm Cilia, li b'sengħa u ħila kbira tellgħu sitt travi kbar li jserrħu fuq erba' kolonni waqt li neħħew il-ħitan u l-arkati li kien hemm. Il-każin ħa dehra oħra meta tara dak il-ftuħ kollu (open plan) malli tidħol mill-bieb tal-każin. Wara li tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni, kien imiss li jsiru s-servizzi kollha neċessarji. Ix-xogħol tat-tibjid u żebgħa sar mis-Sur Darren Vella. Kien propju nhar il-Ġimgħa 14 ta' Lulju li l-bar reġa' beda jopera mill-ewwel sular wara li x-xogħol kollu kien lest.

Dan ix-xogħol ħa ftit aktar minn ħames xhur biex tlesta. Ma kienx xogħol faċli u d-diffikultajiet ma naqsux, imma żgur li se jħalli impatt kbir u qed jagħti dehra oħra lill-każin. Minn qalbi rrid ngħid grazzi kbira lill-Ministru tat-Turizmu l-Onorevoli Clayton Bartolo u l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għall-għajnuna kbira permezz tal-fondi biex seta' jsir dan il-proġett. Grazzi minn qalbi lid-diretturi tal-kumpaniji Carmel Vella Ltd u Central Asphalt Ltd, li offrew it-travi l-kbar tal-ħadid u għajnuna oħra loġistika li kien hemm bżonn waqt li kien qed isir dan ix-xogħol. Il-Perit Joseph Attard li dejjem kien disponibbli waqt ix-xogħol kollu li kien qed isir u dan jagħmlu mill-qalb u mingħajr ħlas. Grazzi perit! Lill-kuntratturi Carmel u Malcolm Cilia għax-xogħol tal-kostruzzjoni u lis-Sur Darren Vella għax-xogħol ta' tikħil u żebgħa. Grazzi wkoll lil ħafna volontiera li taw l-għajnuna tagħhom biex sar dan ix-xogħol kollu.

### Restawr tal-faċċata tal-każin

Ir-restawr tal-faċċata tal-każin kien proġett ieħor li kien qed isir biex il-faċċata tal-każin tieħu dehra ferm isbaħ u hekk tikkumplimenta u taqbel aħjar mal-estetika ta' Misraħ il-Parroċċa. Id-disinn tal-faċċata sar mill-iskultur Emanuel Cini fuq stil Neoklassiku. Xogħol ta' restawr huwa xogħol delikat li jitlob sengħa kbira, aktar u aktar meta x-xogħol qed isir fuq bini eżistenti. Dan ix-xogħol ilu li nbeda madwar erba' snin u sa ftit xhur ilu kien hemm lest ir-restawr fuq it-tieni sular tal-faċċata tal-każin. Meta l-kumitat, madwar sena u nofs ilu, iddeċieda li jsir il-proġett ta' tisbiħ tal-bar li semmejt aktar qabel, kien deċiż li r-restawr fuq l-ewwel sular jieqaf u jitkompla wara li jkun tlesta x-xogħol fuq in-naħa ta' ġewwa tal-każin. Dan minħabba li x-xogħol li sar fuq in-naħa ta' ġewwa seta' jkollu impatt fuq il-faċċata tal-każin. Madwar tliet xhur ilu, wara li tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni fil-bar tal-każin, tkompla x-xogħol fuq ir-restawr tal-faċċata. B'sodisfazzjon kbir ngħid li dan ir-restawr sebbaħ mhux ftit il-faċċata tal-każin.

Dan ix-xogħol kien importanti ħafna u issa li l-faċċata tal-każin hija waħda mill-aktar faċċati prominenti li nsibu f'Misraħ il-Parroċċa. Dan il-proġett sar grazzi għall-fondi li l-każin ingħata mill-iskema "Irrestawra Darek 2018" amministrata mill-Awtorità tal-Ippjanar. Dan ix-xogħol seta' jkun possibbli grazzi għall-iskultur Emanuel Cini, li frott l-esperjenza vasta tiegħu, ta dehra ġdida lill-faċċata tal-każin, u bħal dejjem, grazzi għall-Perit Joseph Attard li ħa ħsieb l-applikazzjoni quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar u d-dokumenti relatati mal-iskema msemmija. Grazzi wkoll lil dawk kollha li ħadmu fuq dan il-proġett, lis-Sur Frankie Bartolo, l-aħwa Stephen u Mark Galea u s-Sur Lino Calleja għax-xogħol ta' lavur u tqegħid tal-ġebel. Fl-aħħar iżda mhux l-inqas lis-Sur John Sammut, Christopher Xuereb u l-ħaddiema ta' JDS Furniture Ltd għax-xogħol fuq l-aperturi tal-faċċata magħdumin b'sengħa kbira. Grazzi wkoll lil ħafna volontiera li taw daqqa t'id fejn kien hemm il-bżonn.

### Blokka ġdida għall-arblu tal-bandiera biex jiġu eliminati l-ventijiet

Wara l-intervent li sar fuq il-faċċata nħasset il-ħtieġa li ssir blokka tal-konkos li magħha jintrabat l-arblu fuq il-bejt tal-każin mingħajr il-ħtieġa li jkollu aktar bżonn il-ventijiet u l-pupress bħala sapport biex dan iżomm wieqaf. Ma' din il-blokka se tkun magħduma sistema mekkanizzata li permezz ta' pompa li taħdem bil-hydraulic, it-tlugħ u l-inżul tal-arblu jista' jsir faċilment minn fuq il-bejt tal-każin. Din is-sistema biex jittella' l-arblu tal-każin kien ilha titħaddem ħafna snin imma issa qed naraw li tkun integrata bħala parti minn dan il-proġett. Ix-xogħol fuq il-blokka tal-każin qed isir bl-għajnuna tal-volontiera membri tal-każin dejjem taħt id-direzzjoni tal-Perit Joseph Attard li dejjem insibuh disponibbli kull meta jkun hemm il-bżonn.

### Tisbiħ ta' Misraħ il-Parroċċa

F'Ottubru tas-sena l-oħra ngħata bidu għal xogħol estensiv biex Misraħ il-Parroċċa jingħata dehra isbaħ, b'pavimentar ġdid li jixraq tassew lil din il-pjazza b'pożizzjoni unika f'Malta. Id-dehra u l-ambjent tal-pjazza nbidlu totalment, id-disinn u x-xogħol tal-pavimentar huma tassew sbieħ u taw dimensjoni għalkollox differenti lil dan il-post. Ħajr lil Infrastracture Malta u l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għal dan il-proġett u fuq quddiem il-Ministru tat-Turiżmu l-Onorevoli Clayton Bartolo li ħadem qatigħ biex jara li dan ix-xogħol li kien fir-responsabbiltà tal-ministeru tiegħu mhux biss ikun lest fil-ħin biex jitgawda kemm mill-Maltin u mit-turisti li jżuruna fix-xhur tas-sajf, imma jkun hemm l-infrastruttura kollha biex ma jtellef xejn mill-armar li l-għaqdiet li jagħtu sehemhom fil-festa ma jsibu l-ebda diffikultà. Ħajr lill-kuntattur li ħadem fuq dan il-proġett tal-għajnuna tiegħu biex saru s-servizzi u xogħol ieħor mitluba mill-għaqda tagħna, u għad-disponibbiltà u l-koperazzjoni sħiħa li tana. Fl-aħħar nappella lil kulħadd biex nibżgħu għal dak li sar u nieħdu ħsiebu għax b'hekk biss inkunu nistgħu ngawduh għal ħafna snin.

### L-Għaqda tan-Nar Marija Bambina

Nixtieq nifraħ lill-Għaqda tan-Nar Marija Bambina li rebħet il-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Ajru ta' din is-sena. Unur li huwa mertu għall-ħidma li l-għaqda tagħmel u li bih jifraħ il-poplu Mellieħi. Prosit lil kull min ta s-sehem tiegħu.

### It-Tagħlim tal-Mużika

Għalkemm matul l-aħħar xhur konna impenjati ferm bix-xogħol li kien qed isir fil-każin, bħala kumitat dejjem qgħadna attenti li nibqgħu nagħtu l-attenzjoni tagħna lill-banda, il-kor u dawk l-attivitajiet li lkoll flimkien ikomplu jmexxu 'l quddiem soċjetà ħajja u attiva. Kultant faċli li tagħti prijorità lil ħaġa waħda u ma tagħtix importanza lix-xogħol li jkun meħtieġ biex soċjetà tibqa' miexja 'l quddiem. Għalhekk ħassejna l-ħtieġa li t-tagħlim tal-mużika jkompli jaġġorna ruħu maż-żminijiet u s-sistemi li dejjem jinbidlu u jiżviluppaw. F'Novembru tas-sena l-oħra, wara konsultazzjoni bejn il-kumitat u s-Surmast Direttur, inħatru żewġ għalliema ġodda. Dawn huma s-sur Manuel Cassar, li jgħallem l-istrumenti tal-injam, u s-sur Mark

# Art in Beauty

MED-AESTHETIC CLINIC



- Botox & Dermal Fillers
- Laser Hair Removal
- Advanced Aesthetic Facials
- Semi Permanent Make Up
- Pedi Spa
- Solarium Tanning
- Vein Treatments & Tattoo Removal
- Body Shaping Treatments
- Laser Resurfacing Peels
- HIFU - Facelifts
- Stretch Marks & Pigmentation
- Acne & Rejuvination
- Massage
- Cosmetics & much more...

132 Triq il-Kbira, Mellieħa
+356 21 522 123
+356 99 843 941
info@artinbeauty.com
www.artinbeauty.com
Art in Beauty






**"The important thing in life is to have a great aim, and the determination to attain it."**

## It's never too early to start saving for your future.

**Call us for your non-obligatory appointment today!**

+356 2015 1320 | +356 99477121 | pensjoni@pensjoni.com | www.pensjoni.com

ROCS Co. Limited is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Distribution Act for MAPFRE MSV Life p.l.c. (MMSV). MMSV (C-15722) is authorised under the Insurance Business Act. Both entities are regulated by the Malta Financial Services Authority.

Vella, li jgħallem l-istrumenti tar-ram. Sar tibdil fis-sistema tat-tagħlim u qegħdin naħdmu biex l-għaqda tagħna tkun minn ta' quddiem sabiex tissieħeb fil-proġett li se tkun qed tniedi l-Għaqda Nazzjoni Każini tal-Banda b'kollaborazzjoni mal-MCAST. It-tagħlim tal-mużika huwa s-sinsla tal-banda u l-banda hija l-fulkru tas-soċjetà; għalhekk għandha tingħata l-akbar attenzjoni u investiment. B'sodisfazzjon ngħid li kien hemm rispons tajjeb għal dan ix-xogħol li sar fejn jidħol it-tagħlim tal-mużika u rajna numru akbar ta' studenti li qed jattendu għat-tagħlim tal-mużika fil-każin tagħna.

Waqt li minn qalbi nawgura lis-Sur Manuel Cassar u lis-Sur Mark Vella fil-kariga ġdida bħala għalliema tal-mużika mal-Banda Imperial, nixtieq nirringrazzja lill-għalliema preċedenti, is-Sur Geoff Thomas, is-Sur Philip Schembri u s-Surmast Anthony Borg tal-impenn u l-ħidma tagħhom fit-tagħlim tal-mużika fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial.

Din is-sena sar ħafna xogħol biex inkomplu nsebbħu u nagħtu valur miżjud lill-każin tagħna, il-post fejn il-membri u nies oħra jiltaqgħu u jgħaddu l-ħin liberu tagħhom. Dan ix-xogħol kien jitlob impenn akbar, l-aktar minna l-membri tal-kumitat direttiv, fosthom deċiżjonjiet fuq finanzjament tal-proġetti, ippjanar tax-xogħol u affarijiet oħrajn li jistgħu jinqalgħu meta jkun qed isir xogħol ta' dan it-tip. Imma b'sodisfazzjon ngħid li f'dawn ix-xhur sar ħafna xogħol biex il-każin inbidel u ħa dehra ġdida kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa. Bħala kumitat ippruvajna mill-aħjar li nistgħu biex il-ħajja u l-attività fil-każin tibqa' għaddejja b'mod normali. Bilfors li kien hemm ċertu limitazzjonijiet minħabba n-natura tax-xogħol li kien qed isir, imma sa fejn kien possibbli ridna li l-ħajja fil-każin tkompli miexja b'mod normali. Bħalma sar tibdil fit-taghlim tal-mużika, irridu naraw fejn hemm il-ħtieġa li naġġornaw jew nibdlu oqsma oħra li jistgħu jitmexxew b'mod aħjar biex jikkontribwixxu aħjar fit-tmexxija tal-għaqda tagħna. Imma fuq kollox il-ħajja ta' kull għaqda timxi 'l quddiem kemm ikun hemm parteċipazzjoni ta' individwi li lesti jagħtu s-sehem tagħhom b'ħidma volontarja. Dak kien li sawwar l-għaqdiet tagħna. Forsi fil-ħajja tal-lum għandna ħafna impenji u l-ħajja mgħaġġla, iżda jien konvint li jekk ikun hemm rieda u bi ftit sagrifiċċju kulħadd jista' jagħti s-sehem tiegħu ħalli l-Għaqda Mużikali Imperial tkompli miexja 'l quddiem.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi minn qalbi nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jagħtu l-għajnuna u s-sehem tagħhom biex l-Għaqda Mużikali Imperial tkompli miexja 'l quddiem. Ejja mela lkoll flimkien inkomplu naħdmu biex il-futur ikun isbaħ u aħjar.

Nawgura lil kulħadd biex niċċelebraw il-festa ad unur Marija Bambina fi spirtu ta' ferħ u għaqda li jagħmel ġieħ lill-Mellieħa.

Bejn il-25 t'Awwissu u t-8 ta' Settembru 2023
ser inxandru 'live'
l-attivitajiet tal-Għaqda Mużikali Imperial
u l-funzjonijiet reliġjużi
fl-okkażjoni tal-

Festa ta' Marija Bambina 2023

fuq is-sit elettroniku

www.imperialbandclub.com



# Xogħol kontinwu

**Dario Vella**
*Is-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa*



Nixtieq nibda billi nirringrazzja minn qalbi lill-Għaqda Mużikali Imperial ta' din l-opportunità biex inwassal il-messaġġ tiegħi bħala Sindku tal-Mellieħa fil-ktejjeb li l-għaqda tippubblika ta' kull sena fl-okkażjoni tal-festa.

Il-festa tar-raħal hija xi ħaġa tradizzjonali li aħna l-Maltin ilna niċċelebraw snin twal. Tieħu gost li ta' kull sena tara raħal wieħed magħqud biex flimkien niċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina. L-Għaqda Mużikali Imperial hija għaqda oħra fil-lokalità tagħna li taħdem bla waqfien mhux biss matul il-jiem tal-festa iżda matul is-sena kollha. Ta' dan nirringrazzja lill-membri kollha tal-impenn tagħhom b'risq il-komunità Melliħija. Dan huwa wkoll is-sabiħ tar-raħal tagħna fejn tirrenja l-għaqda, fejn b'ħidma flimkien inkomplu nagħmlu lill-Mellieħa unika. Għalhekk inkompli nħeġġeġ lil dawk kollha li jistgħu, biex jersqu 'l quddiem u jagħtu s-sehem tagħhom fil-komunità. Bħalissa wkoll għaddejja ħidma fuq ir-restawr tal-faċċata tal-każin tal-Għaqda Mużikali Imperial u dan ikompli juri l-impenn ta' din l-għaqda biex tkompli taġġorna maż-żminijiet. Prosit ta' dan il-proġett mill-isbaħ.

Ta' kull sena wkoll jiġu organizzati attivitajiet mill-għaqdiet tal-lokal biex niftakru f'ħutna l-emigranti li jkunu ħallew pajjiżna snin twal ilu u ta' kull sena jiġu jiċċelebraw il-festa magħna. Huwa sabiħ li nilqgħuhom u niċċelebraw flimkien ma' ħutna Maltin u Melliħin. Bħala Kunsill Lokali tal-Mellieħa qegħdin naħdmu u ħa nibqgħu naħdmu bla heda. F'dawn l-aħħar snin sar xogħol u ttieħdu deċiżjonijiet li forsi ma jidhrux, però li huma importanti għal-lokalità tagħna. Ma nistax ma nirringrazzjax lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill tal-impenn tagħhom ta' kuljum, li ħafna drabi ma jkunx faċli għax id-domanda dejjem tiżdied.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi f'ismi u f'isem sħabi l-kunsilliera kollha u l-istaff tal-kunsill, nirringrazzja lill-President, is-Sur Josef Borg, u lil sħabu kollha, tal-ħidma bla waqfien tagħhom matul is-sena kollha, u lill-familjari tagħhom tas-sapport.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. Viva Marija Bambina!






Happy Feast

**MARITIM** Antonine Hotel & Spa
George Borg Olivier Street
Mellieha MLH 1021

00356 2289 2000
www.maritim.com.mt
F: maritim.malta



Nella's
BY ANTONELLA
TEL. 2152 2705 | 2752 2705 | MOB. 9989 8335
FORTIZZA STREET,MELLIEHA. ANTONELLAVELLA82@GMAIL.COM




TÀ DRONK
Wines, Spirits, Cigars & Tobacco
"Għamillom wieħed tal-festa!"
Miftuħin mit-Tnejn sas-Sibt,
ghal kull bzonn tà xorb, spirti u minerali,
biex torganizza festin sabiħ bejn il-ħbieb!
Triq Borg Olivier, Mellieha • 21520883 - 99461433 - 99498855 • cvellasons@gmail.com


Find us on
Facebook
MELLIEHA
TOOLS
DIY
JOHN DEBONO
HARDWARE LTD.
TELEPHONE: +35621523892
MOBILE: +35699492554
EMAIL: JOHNDEBONOHARDWARELTD@GMAIL.COM
7, 8 TRIQ L-GHOLJIET
MELLIEHA
MLH2109



# Messaġġ mill-Arċipriet

**Kan. Fr Joe Caruana**
*L-Arċipriet*



Il-festa parrokkjali hi tradizzjoni Maltija antika sewwa. Il-qalba tagħha hi l-festa tal-patrun jew patruna tal-parroċċa, allura hi prinċipalment festa reliġjuża. Biss, peress li aħna l-bnedmin magħmulin minn ruħ u ġisem, anke dak li hu spiritwali, sikwit inlibbsuh libsa materjali.

Hekk, il-festi reliġjużi tagħna huma mdawrin u libsin b'ħafna drawwiet u mġiba li fil-fatt jolqtu wisq aktar lill-ġisem milli r-ruħ. U billi aħna poplu Mediterranju, il-festi tagħna x'aktarx ikunu festi storbjużi – irridu l-baned, irridu n-nar, nitkellmu ngħajtu u l-kumplament.

Fih innifsu dan ma fih xejn ħażin – l-istess Ġesù kien jattendi l-festi ta' niesu. Narawh jieħu sehem fil-festi reliġjużi Ġerusalemm, preżenti għat-tieġ ta' Kana (naħseb li xorob xi naqra mill-ilma li bidel f'inbid!) u diversi drabi kien mistieden għal xi ikla ma' ħbiebu. Għalhekk m'hemm xejn ħażin filli nżewqu l-festi reliġjużi tagħna bi drawwiet li huma ispirati mill-folklor ta' pajjiżna. Anzi, naħseb li nistgħu ngħidu li sikwit kienu dawn l-istess festi li spiraw diversi drawwiet folkloristiċi.

Realtajiet storiċi li għadda minnhom pajjiżna komplew jipprovdu mod kif niċċelebraw dawn il-festi. Hekk, l-isparar tal-kanuni tax-xwieni tal-Kavallieri ta' San Ġwann kien dak li fil-bidu spira l-logħob tan-nar li mdorrijin bih. Il-baned militari ta' żmien l-Ingliżi kienu l-bidu tal-baned u l-marċi tal-festi kif narawhom illum.

Żmienna wkoll qed jintroduċi drawwa oħra f'dawn il-festi li hi ispirata mill-mużika kontemporanja - il-mużika disco fil-ġranet ta' qabel jew anke dakinhar tal-festa nnifisha. Jekk ikolli ngħid il-verità ma jidhirlix li din il-kwalità ta' mużika tmur tajjeb mal-festi tagħna, ukoll għax x'aktarx li din id-drawwa hi marbuta ma' xorb eċċessiv li jagħmel il-ħsara u jkerrah minflok isebbaħ il-festa.

Waqt li nerġa' ntenni li m'hemm xejn ħażin li jkun hemm realtajiet umani li jżewqu l-festi reliġjużi tagħna, fl-istess ħin irridu noqogħdu attenti li ma narmawx il-karrettun quddiem il-ħmar. Tal-ewwel għandu jibqa' dejjem jiġi l-ewwel. Irridu noqogħdu attenti li b'dak li nżidu mal-festi ma nissugrawx li nwarrbu dak li għandu jkun ċentrali – il-karattru reliġjuż tal-festi parrokkjali.

F'soċjetà, li aktar ma jmur, aktar qed issir anjostika, ma jinteressahiex minn Alla u dak li jitlob minnha, aktar qed jidħol il-periklu li l-festi tagħna jiddeġeneraw f'żewġ kategoriji ta' nies: dawk li jinteressahom biss mit-tradizzjoni u l-folklor, u allura allaħares tneħħi jew tbiddel xi ħaġa mill-mod kif tiġi ċċelebrata l-festa fil-knisja jew barra, u l-kategorija l-oħra ta' dawk li l-festa ma tinteressahom xejn il-festa reliġjuża imma l-festa hija biss okkażjoni oħra mal-ħafna oħrajn li jkollna matul is-sena, biex joħorġu u jiċċelebraw, jekk mhux ukoll biex jitbahardu.

F'dawn iż-żewġ ċirkostanzi mhux talli l-festi tagħna ma jibqgħux festi Nsara imma talli ma nara l-ebda sens li nibqgħu niċċelebrawhom. Ma jagħmel l-ebda sens li parroċċa, hi liema hi, taħli tant ħin u riżorsi, inkluż flus, torganizza dak li mhux talli ma jgħinx imma talli jmur kontra l-iskop tal-eżistenza tagħha.

Fil-parroċċa tagħna, nirringrazzja 'l Alla li anke dawk li jieħdu ħsieb il-festi ta' barra huma konxji ħafna tal-ispirtu Nisrani tal-festa parrokkjali u jaħdmu flimkien mal-parroċċa biex nikkoordinaw l-avvenimenti kollha, ta' barra u ta' ġewwa, b'mod li mhux biss ma jtellfux lil xulxin, imma, meta possibbli jaġevolaw lil xulxin. Dan jien napprezzah ħafna u minn hawn irrid nirringrazzjahom u nurihom l-apprezzament tiegħi. F'isem il-parroċċa kollha nirringrazzjahom ukoll tas-sagrifiċċji kollha li jagħmlu biex jorganizzaw l-avvenimenti tagħhom.

Fl-istess ħin irrid nagħmel appell qawwi lilek li qed taqra dan l-artiklu, kemm jekk int membru jew soċju ta' xi waħda minn dawn is-soċjetajiet li jorganizzaw il-festi ta' barra, u kemm jekk int persuna mill-kumplament tal-parroċċa, biex nibqgħu ngħożżu l-festi tagħna kif għandhom ikunu, festi fundamentalment reliġjużi, iċċelebrati anke fil-mod estern tagħhom b'valuri bażikament Insara. Jekk ma niċċelebrawx il-festi tagħna b'dan il-mod, ma jibqa' l-ebda raġuni għalfejn għandna niċċelebrawhom.

Il-festa t-tajba.









# A. VELLA BORG & SONS LTD (Tal-Blu)

SUPPLIERS OF SAND, SPALLS, TORBA, SOIL, RED SAND, CEMENT, BRICKS, CONCRETE, DUMPING AND RECYCLING OF BUILDING MATERIAL

A. VELLA BORG & SONS LTD
QUARRY: 13A, TRIQ IL-MELLIEHA, MELLIEHA
OFFICE: 42, COUNTRY VIEW, TRIQ IT-TGHAM, MELLIEHA.

TELEPHONE: 2152 1214 / (OFFICE) 2152 1213
MOBILE: 9987 7860 / 9946 0507
EMAIL: info@avbsons.com




EPC
COMPUTER CENTRE
WWW.EPC.COM.MT

# IT FOR HOME & BUSINESS

LAPTOPS, PCs, CUSTOM PCs, MOBILES, TABLETS, PRINTERS, CARTRIDGES, POS SYSTEMS, BATTERIES & MUCH MORE. **FREE DELIVERY FOR ONLINE PURCHASES.**




Proffesional IT Services; including repairs, home network installaitons & more.

You can find us in the main road directly on top of Jevon's Fruit Shop. We also provide delivery for online purchases.

For Professional Consultations, Quotations & Setups for Business please contact us on the below email.

2, TRIQ SANT'ELENA, MELLIEHA
21525280 / 79043333
INFO@EPC.COM.MT




CAFE
SUIGA
EST. 1963
BAR






Norganizzaw ikliet għall-gosti ta' kulħadd, bħal fenkati, bachelors u hens parties, birthdays u okkażjonijiet privati. Biex tibbukkjaw jew għal aktar informazzjoni, ikkuntattjawna fuq 9929 5415 jew fuq jfsuiga@gmail.com.

Segwuna wkoll fuq il-paġna ta' Facebook

Burmarrad



# Niġġeddu biex nimxu ’l quddiem

**Prof. John Baptist Gauci**
*Segretarju Ġenerali*



Il-bidla qatt mhi faċli biex wieħed jaċċettaha jew iħaddanha. Forsi l-iktar pass diffiċli f’din id-direzzjoni hu li tirrikonoxxi li l-bidla qed isseħħ madwarna, irridu jew ma rridux, f’ċerti oqsma b’pass kajman, imma f’oqsma oħra b’ritmu mgħaġġel. Li tifhem li din hi r-realtà li qed ngħixu fiha hu l-iktar ħaġa importanti sabiex tieħu l-ewwel u l-itqal pass ’il quddiem. Dan jgħodd fi kwalunkwe aspett ta’ ħajjitna, sew jekk dak personali jew soċjali, l-aspett kulturali inkluż il-qasam mużikali, l-edukazzjoni u x-xogħol, biex insemmi biss ftit. Fil-passat, l-għaqdiet kulturali li għandna fostna llum, fosthom il-baned, għarfu jimxu mal-pass ta’ żvilupp li s-soċjetà inġenerali kienet għaddejja bih – li kieku ma kienx hekk, kieku sfaxxaw fix-xejn u m’għadhomx magħna llum. Qatt ma kienet biċċa xogħol faċli, imma missirijietna ntebħu li dan it-tiġdid kontinwu kien neċessarju u inevitabbli. Għalhekk sabu kompromess bejn il-bidla u t-tradizzjoni sabiex sawru għaqdiet li jkunu jappellaw għan-nies mingħajr ma jitilfu xejn mill-istorja li sawrithom.

F’dinja fejn il-bidla qed tieħu pass mgħaġġel iktar minn qatt qabel, dan il-bżonn ta’ tiġdid kontinwu qed jinħass sew, anke fis-settur tagħna, jiġifieri l-baned. Naħseb li l-iktar qasam li għandu jkun għall-qalb il-baned hu l-mużika, għad li b’dispjaċir ninnota li xi minn daqqiet, dan qed jitlef postu fil-quċċata tal-prijoritajiet. Nagħmel osservazzjoni f’dan ir-rigward. Ftit tal-ġimgħat ilu kellna l-pjaċir li nilqgħu fostna l-Brøttum Brass min-Norveġja, grazzi anke għall-kuntatt inizjali li l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Baned għamlet ma’ din il-brass band. Malli daħlu l-Każin Imperial u dawwarniehom ftit, baqgħu impressjonati bil-kobor, sbuħija u kumditajiet li għandna. Dan qed ngħidu għax din hi s-sitwazzjoni tista’ tgħid tal-każini kollha f’Malta u Għawdex u din ir-reazzjoni nosservawha kull meta jkollna xi gruppi mhux Maltin li jżuru l-każini tagħna. Għad li l-Brøttum Brass hi waħda mill-aqwa brass bands fin-Norveġja, m’għandhom xejn minn dan kollu u għall-provi jiltaqgħu fis-sala tal-iskola. Dan ġegħelni nirriflletti ftit… jista’ jkun li fin-nuqqas ta’ “distrazzjonijiet” oħra, huma qed ikollhom iċ-ċans li jiffukaw iktar fuq il-mużika u l-avvanz tagħhom f’din l-arti milli kemm qed ikollna aħna?

Dan iwassalni għall-ewwel punt li xtaqt naqsam magħkom. Naħseb li wasal iż-żmien li f’pajjiżna, fejn jidħol it-tagħlim tal-mużika u l-eżekuzzjoni tagħha, ma jistgħux jibqgħu jsiru kompromessi jekk veru rridu li navvanzaw. Nibda bit-tagħlim tal-istudenti tagħna fl-iskejjel tal-mużika tal-każini. L-istorja turina li bosta mill-aqwa mużiċisti li kellna u li għandna llum f’pajjiżna jafu l-bidu tagħhom fil-każini tal-banda. Sfortunatament jiġri, iżda, li meta jilħqu ċertu livell, xi wħud qishom jinsew il-bidu tagħhom, jew forsi jħossu li l-avvanz li għamlu ma kienx riżultat tat-tagħlim li ħadu minn dawn il-każini. Mhux se nkun jien li niġġudika kemm minn dan hu veru jew le, għax nemmen li kull każ hu differenti u jimmerita li jkun trattat għalih. Li hu żgur hu li l-każini jridu jibqgħu javvanzaw u jtejbu t-tagħlim mużikali li joffru fi kwalunkwe livell, mil-livelli tal-bidu sa livelli aktar avvanzati. Inħoss li l-Għaqda Mużikali Imperial dan għarfitu, u ilha għal dawn l-aħħar snin taħdem sabiex it-tagħlim li tagħti lill-istudenti li jiġu jitgħallmu l-mużika fi ħdanha jkun tal-aqwa livell.

F’Novembru u Diċembru li għadda għamilna pass ieħor f’din id-direzzjoni billi ħtarna żewġ għalliema tal-mużika żgħażagħ ta’ livell mużikali għoli, b’esperjenza fit-tagħlim u fid-daqq tal-istrument tagħhom, imma, fuq kollox, li jħossu li l-edukazzjoni mużikali tagħhom stess hi essenzjali sabiex ikomplu jikbru f’dan il-qasam. Ma biddilniex biss l-għalliema, imma bdilna wkoll il-metodoloġija li biha qed ngħallmu lill-istudenti tagħna. Inħossu li din id-deċiżjoni li niġġeddu, anke jekk ma kinitx

waħda faċli, qed tħalli l-frott mixtieq. Wasalna? Le, għad baqa' xi jsir u għandna pjan ta' fejn nixtiequ naslu u, iktar importanti, kif nixtiequ naslu s'hemm.

Semmejt l-eżekuzzjoni mużikali u l-bżonn li navvanzaw anke f'dan ir-rigward. Mhux faċli li l-bandisti li ilhom xi ftit snin mhux ħażin idoqqu mal-banda jerġgħu lura għat-tagħlim formali, iżda dan ma jfissirx li ma tistax tkompli tedukahom mużikalment. Dan jista' jsir billi tpoġġi quddiemhom sfidi ġodda, u bla ma forsi jintebħu, tkun qed tkompli tiżviluppa l-ħiliet mużikali tagħhom. Jekk kulħadd iħossu li qed f'dik li bl-Ingliż insejħu l-comfort zone, mhux se jkun hemm motivazzjoni biex intejbu l-ħiliet tagħna. Fl-istess ħin ma tridx tissettja miri li taqta' qalb il-bandisti tiegħek stess. Nemmen li l-għaqda tagħna dan fehmitu u, prinċipalment grazzi għas-surmast direttur, din id-direzzjoni qbadnieha żmien ilu. Ir-repertorju mużikali li l-Banda Imperial għandha hu xhieda ta' dan. Wasalna? Le, għax hemm ġeneri mużikali li għadna qatt ma messejna u forsi wasal iż-żmien li nesperimentaw b'forom mużikali oħra.

Ir-realtà tal-baned tagħna hi li, kif semmejt iktar qabel, il-mużika hi waħda mill-funzjonijiet tagħna, imma mhux l-unika funzjoni. Mingħajr ma nagħmel referenza għal dawk il-każini li jieħdu ħsieb ukoll l-armar tal-festa u n-nar, l-aspett soċjali hu komuni għas-soċjetajiet tal-baned kollha. Dan ifisser li trid tara li l-post fejn tilqa' lill-membri u lil ħafna nies oħra li minn żmien għal żmien iżuru l-każini tagħna jkun akkoljenti, sigur u adattat. Hemm bżonn li dawn il-binjiet ikomplu jiġġeddu matul is-snin, fosthom billi jsiru iktar aċċessibbli u armati b'tagħmir teknoloġiku li llum hu mistenni minn tista' tgħid kulħadd. Dan kien dak li mbuttana sabiex għamilna proġett estensiv ta' rinnovazzjoni fis-sular t'isfel tal-Każin Imperial. Illum għandna ambjent li nittamaw jilqa' aħjar lil dawk kollha li jżuruna. Wasalna? Le, għandna pjanijiet ambizzjużi li nixtiequ nwettqu fis-snin li ġejjin sabiex dan l-ambjent inkomplu nagħmluh aktar attraenti u li jixraq lil għaqda bħal tagħna.

Dawn il-bidliet kollha huma xprunati mill-konvinzjoni li għandna li l-membri tagħna u l-familjari tagħhom, il-bandisti, il-membri tal-kor, l-istudenti tal-mużika, u kull min b'xi mod jew ieħor imiss mal-għaqda tagħna jistħoqqlu l-aħjar u xejn inqas. Mhux faċli li twettaq dan kollu, anzi, it-tentazzjoni li żżarma u tħalli kollox lil ta' warajk hemm tkun. L-intoppi ma jonqsux, għax qisu llum sar li biex tieħu xi ħaġa min-nies mhux biżżejjed li tagħmlilhom l-ilma jiżfen, anke, jew forsi iktar, jekk se tħallashom. Dan biex ma nsemmix li l-volontarjat naqas sew minħabba l-istess bidla li għaddejja minnha s-soċjetà inġenerali. Iżda hemm bżonn ukoll li din il-bidla naċċettawha għax ta' xejn noqogħdu ngergru dwarha. Nemmen li llum, jekk issib persuna li lesta tagħmillek biċċa xogħol volontarja ta' darba għandek tkun grat lejha, tkun xi tkun, żgħira kemm hi żgħira. Għad li ngħidha b'ċertu toqol f'qalbi, fil-verità hemm limitu ta' kemm wieħed jista' jew għandu jistenna mingħand il-volontiera. Għalhekk li wieħed jiddelega fejn jista' hu bżonjuż u essenzjali f'għaqda volontarja, imma fl-istess waqt xi ftit perikoluż. Veru li jmut papa u jilħaq ieħor, imma nafu li kull nuqqas jinħass u jinħass sew. Ċertu nies jonqsu b'mod naturali u dejjiemi meta jmorru jiltaqgħu mal-Ħallieq – ma tista' tagħmel xejn dwar dawn ħlief li titlob għalihom u tkompli taqdef sabiex dak li ħadmu għalih huma ma jisfaxxax fix-xejn. Ċertu nies oħra forsi jitbiegħdu għal diversi raġunijiet, u wieħed jittama li jerġgħu lura meta aħna nagħmluhom iħossuhom komdi li jagħmlu hekk.

Il-proċess ta' tiġdid hu neċessarju biex nimxu 'l quddiem billi bl-azzjonijiet tagħna llum nibnu fuq il-passat billi nitfgħu ħarsitna lejn il-futur. B'hekk biss l-għaqdiet tagħna jistgħu jibqgħu relevanti u ħajjin. B'hekk biss nistgħu verament nagħtu dan is-servizz importanti lill-komunitajiet tagħna. B'hekk biss dan il-wirt li għandna fid-dmir li nħarsu jibqa' jgħodd għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

*Żuru s-sit elettroniku tagħna*
**www.imperialbandclub.com**
**Ikkuntattjana b'*e-mail*:**
**info@imperialbandclub.com**



WE MANAGE IT
"At Eyetech we strive to offer the best IT services and solutions to suit our customer's needs, through a knowledgeable team that focus on the growth of the IT Technology"
CLOUD PRODUCTIVITY
MANAGED SERVICES
IT PROJECTS
EYETECH
we manage IT
www.eyetechltd.com
Microsoft Partner
Microsoft
Gold Cloud Productivity
Gold Cloud Platform
Gold Collaboration and Content
Gold Small and Midmarket Cloud Solutions
Silver Application Development




MOSTA BACON
®
since 1970
Your Number One Choice!
115 Hope Street, Mosta
Tel: 21 414637, 21432102
www.mostabacon.com




## DISCOVER OUR SERVICES

- Weddings
- Conferences
- Birthdays
- Graduations
- Baptisms
- Holy Communions
- Confirmations

Get in touch with us today to discuss your event and get a tailor-made quotation based on your unique requirements.






For more information please call us on 2289 5000 or send us an email to events@paradise-bay.com



# Il-Finanzi – Responsabbiltà u Għaqal

**Anthony Schembri**
*Segretarju Finanzjarju*



Li tiegħu ħsieb il-finanzi ta' kwalunkwe organizzazzjoni, b'mod partikolari ta' għaqda bħal tagħna, jirrikjedi ħafna responsabbiltà u għaqal. Fl-opinjoni tiegħi, ix-xogħol jinqasam f'erba' partijiet prinċipali. L-ewwel u qabel kollox, hemm bżonn li jkollok pjan ta' kif il-finanzi li l-għaqda għandha se jlaħħqu mal-ħtiġijiet tal-istess għaqda, kemm fil-qrib, kif ukoll għal numru ta' snin bil-quddiem. Wieħed ma jistax jonfoq illum u mbagħad għada naraw xi jġib. Trid toqgħod attent tara li l-ispejjeż tal-lum ma jpoġġux l-għaqda fi stat diffiċli fis-snin ta' wara, għax inkella din l-imġiba ġġib magħha problemi serji iktar 'il quddiem. Dan jgħaqqad mat-tieni parti tax-xogħol tiegħi, li jirrikjedi li jkun hemm forom ta' kontroll fuq l-ispejjeż.

Ċertu spejjeż huma meħtieġa biex l-għaqda tibqa' għaddejja bil-ħajja ta' kuljum. Pereżempju, il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, it-telefon u l-internet, il-manteniment regolari tal-binja; dawn huma kollha spejjeż li wieħed ma tantx jista' jaħrab minnhom. F'dan il-każ, wieħed irid jara li ma jkunx hemm ħela ħalli l-ispiża tkun l-iktar baxxa possibbli. Imbagħad hemm spejjeż oħra li l-għaqda tidħol għalihom biex twettaq proġetti minn żmien għal żmien. Ta' min wieħed isemmi li, għad li biex inwettqu dawn il-proġetti nieħdu fondi minn diversi sorsi, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-fondi ma jkunux ikopru l-ispiża kollha imma persentaġġ minnha. Dan biex ma nsemmux li, iktar iva milli le, il-fondi ma jingħatawx kollha qabel ma tibda l-proġett iżda wara li tkun wettaqtu, li jfisser li biex tibda xorta jrid ikollok iktar fondi mill-parti li l-għaqda tkun trid toħroġ. Il-kontroll fuq il-finanzi tal-għaqda, għalhekk hu essenzjali, kemm fejn jidħlu spejjeż ta' kuljum, kif ukoll f'każijiet ta' proġetti.

L-organizzazzjoni tad-dħul u l-ħruġ tal-finanzi hi t-tielet aspett. Il-miżata tal-membri u d-donazzjonijiet huma s-sors prinċipali tad-dħul, imma fid-dinja tal-lum, dawn m'għadhomx biżżejjed. Ix-xogħol volontarju hu pilastru ieħor li wieħed ma jridx jinsa. Diġà semmejt il-fondi li l-għaqda tapplika għalihom bħala parti minn proġetti amministrati jew mill-gvern ċentrali jew mill-Unjoni Ewropea. Dawn huma ta' importanza kbira għax jekk ma jkunux huma, ċertu xogħol u inizjattivi ma jkunux jistgħu jsiru. Imma wasal iż-żmien li l-għaqdiet ikunu iktar innovattivi f'kif se jsostnu d-dħul tagħhom. Ftit tas-snin ilu, l-Għaqda Mużikali Imperial investiet f'sistema ta' pannelli fotovoltajċi sabiex iservu bħala sors ta' dħul. Madanakollu, hemm limitu ta' x'inizjattivi wieħed jista' jieħu u għalhekk il-bżonn li torganizza l-ħruġ tal-flus hu importanti immens. Pereżempju, l-għaqda tagħna dieħla għal proġett biex tnaqqas kemm jista' jkun il-konsum tal-elettriku billi se tinvesti f'apparat u sistemi ġodda ta' dawl, parti minn proġett amministrat mill-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma.

L-aħħar aspett jittratta d-deċiżjoni ta' fejn se tpoġġi l-finanzi. Hemm ħafna affarijiet li wieħed ikun jixtieq li jwettaq, uħud bi spiża moderata u oħrajn bi spiża xi ftit jew wisq iktar kbira. Forsi t-tentazzjoni tkun li tidħol għal numru ta' proġetti żgħar għax l-ispiża tkun tiflaħ għaliha f'dak iż-żmien, imma dan ifisser li diffiċli mbagħad iġġemma' biżżejjed flus sabiex eventwalment tidħol għal proġetti kbar. Fl-istess waqt, jekk toqgħod iġġemma' biex ikollok biżżejjed finanzi, malajr issib min jgħidlek li l-kumitat mhu qed jagħmel xejn u li ħsiebu biss biex ikabbar il-kont tal-bank.

Diffiċli ġġibha żewġ ma' kulħadd! Għalhekk il-kompromess huwa l-aħjar triq – twettaq proġetti żgħar li jħallulek nifs biex bil-mod tkun tista' tidħol għal proġett kbir wara numru ta' snin. Din hi t-triq li nippruvaw nieħdu fl-għaqda tagħna. Riżultat t'hekk tul dawn l-aħħar snin wettaqna diversi proġetti żgħar u oħrajn ħafna ikbar, bħalma kien ir-ristrutturar tal-ewwel sular tal-każin tul l-aħħar sena. Nixtieq minn hawnhekk nirringrazzja lil kull min ta u għadu jagħti sehmu sabiex dawn il-proġetti kollha setgħu jkunu mwettqa, u nappella biex kull min jista' jibqa' jagħti l-għajnuna volontarja tiegħu ħalli nibqgħu għaddejjin fuq it-triq li qbadna. Grazzi mill-qalb!

Nawgura l-festa t-tajba lill-anzjani, l-emigranti u l-Melleħin kollha.



# Sena ta' Ħidma

**Clayton Vella**
*Direttur*



Kif itir iż-żmien u ma jistenna lil ħadd kif jgħidu! Għaddiet sena oħra u erġajt ninsab hawn nikteb żewġ versi għall-magażin li l-għaqda tagħna toħroġ ta' kull sena għal żmien il-festa ta' Marija Bambina. Din is-sena kienet sena impenjattiva fejn jidħol xogħol ġewwa l-każin għax kif kont antiċipajt fl-artiklu tas-sena l-oħra, ġewwa l-każin sar proġett strutturali kbir fis-sular t'isfel. Kien ilu jberren il-ħsieb illi kif kien imqassam il-każin, ma kienx għadu jgħodd għall-ġurnata tal-lum u kien hemm il-bżonn li jitneħħew il-ħnejjiet u jsir open plan.

Hekk kif għaddiet il-festa bdejna nitkellmu mill-ewwel ma' xi kuntratturi illi konna diġà avviċinajniehom u kienu diġà tawna kwotazzjonijiet u, wara li erġajna ddiskutejna l-proġett iżjed fid-dettall, dawn urew li ma ridux jidħlu għalih. Dan kien ifisser li kellna nerġgħu nibdew kollox mill-bidu, jiġifieri nsibu kuntrattur li jaqdina għal dan il-proġett bi prezz raġonevoli u fi żmien tajjeb. Kien għalhekk illi fi Frar il-bar tal-każin ġie trasferit fis-sala tan-nofs u beda x-xogħol fuq isfel. Ġew imħaffra erba' pilastri tal-konkos bi preparazzjoni għal proġett ambizzjuż ieħor li nista' ngħid diġà ssottomettejna l-pjanti neċessarji lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-approvazzjoni tiegħu. Wara li saru l-pilastri tal-konkos daħal il-bennej u beda x-xogħol strutturali l-ieħor fejn ġew mibnija erba' pilastri, li fuqhom ġew installati sitt travi tal-ħadid. Din kienet biċċa xogħol delikata u bi ħsieb. Parti minn dan il-proġett kien jirrikjedi illi ssir sistema ta' dawl ġdida u preparazzjoni għal servizzi ta' telekomunikazzjoni oħra. Dan ix-xoghol sar kollu volontarjament minn membri tal-każin biex kemm jista' jkun nippruvaw innaqqsu mill-ispejjeż. Kif jgħidu, kif konna fiż-żifna, għamilna wkoll il-kamra ta' fejn ix-xaft bil-madum u sar xi xogħol ta' aluminju ġdid. Il-ħsieb hu li din il-kamra tkun tojlit addizzjonali tal-irġiel. Ġew installati dwal u fannijiet ġodda kif ukoll xogħol ta' kisi u żebgħa. Dan il-proġett sar ukoll fl-istess żmien illi kien qed jsir ix-xogħol ta' pavimentar ġdid tal-pjazza u allura kien inqas ta' inkonvenjent biex jidħol makkinarju kbir iġorr l-affarijiet.

Hekk kif kien magħluq is-sular t'isfel tkompla x-xogħol fuq il-lavur tal-bibien t'isfel u saru bibien ġodda. It-tieqa ġiet miftuħa bieb biex b'hekk issa l-proġett tal-faċċata jinsab komplut. Proġett ieħor illi sar din is-sena huwa l-proġett tal-blokka tal-arblu. Kien ilu għaddej il-ħsieb li jitneħħew il-ventijiet u l-alzarun. Dan seta' jkun possibbli bil-għajnuna li ngħatajna taħt l-iskema "Ngħinu finanzjarjament lill-Każini tal-Banda" amministrata mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda u l-Kunsill Malti għall-Arti. Dawn ix-xogħlijiet jirrikjedu finanzi kbar għax il-fondi li tingħata qatt ma jkunu l-mija fil-mija u għalhekk dejjem tkun trid toħroġ minn ġewwa.

Hemm diversi proġetti oħra li applikajna għalihom. Hemm minnhom illi diġà ġew approvati u li se jsiru hekk kif tgħaddi l-festa. Fost dawn nista' nsemmi d-dawl ġdid tal-faċċata li issa se jiġi jikkumplimenta d-dehra l-ġdida tal-faċċata tal-każin.

Nagħlaq billi nawgura l-festa t-tajba lill-Melliħin kollha, lil sħabi tal-kumitat u lil dawk li qed jaqraw din il-pubblikazzjoni u nħeġġiġkom biex fil-festa tgħaddu sal-każin ħalli wieħed ikun jista' jara b'għajnejh ix-xogħol li sar matul is-sena.

*Inħeġġu lil kulħadd jattendi l-funzjonijiet reliġjużi u jersaq għas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin b'mod speċjali matul il-ġranet tal-Festa.*

HaILYS for Men & Women

SCOTCH & SODA AMSTERDAM COUTURE

Jus d'Orange PARIS

MINOTI for Kids

RIP CURL

TIMEZONE

adidas

DAINTY

CLOTHING & FOOTWEAR

85 g. borg olivier street
mellieha • malta

2152 3538



fieldsports

Shooting Sports & The Outdoor Life



IMPORTERS & DISTRIBUTORS OF THE WORLD'S LEADING BRANDS

HAND GUNS - SHOTGUNS - RIFLES - AIR GUNS - AMMUNITION - SCOPES - KNIVES - FOOTWEAR - EYEWEAR - CLOTHING - ACCESSORIES

**Shop:** 21/22 Parish Square, Mellieha. **Telephone:** 21523036. **Email:** info@fieldsportsmalta.com. **Website:** www.fieldsportsmalta.com.

Benelli BERETTA BROWNING COLT Perazzi GAMO FIOCCHI Rizzini

B&P Baschieri & Pellagri WINCHESTER EOTech LOCK Blaser BUCK KNIVES Aimpoint CCI meopta NEXTORCH

# Enjoy your space

Whether you are purchasing a new home or setting up an office, Eight24 offers a complete bespoke service.











Eight24
PROPERTY & INTERIORS

info@eight24.mt

+356 2752 1035 / +356 7982 6535

68, Triq is-Sagħtar, Mellieħa

eight24.mt



# Ħsibijieti...

**Mro Anthony Borg**
*Surmast Direttur*



Kif ilkoll tistgħu taħsbu, f'dawn il-jiem il-Banda u l-Kor Imperial għaddejjin bl-aħħar preparamenti għall-festa ta' Marija Bambina. Inkunu qegħdin ukoll noqorbu lejn it-tmiem ta' sena mużikali oħra li bħal ta' qabilhom kienet waħda ta' impenn mhux żgħir kemm għall-Banda kif ukoll għall-Kor Imperial. Nieħu gost ferm ngħid li l-Banda u l-Kor Imperial huma impenjati matul is-sena kollha u l-attivitajiet mużikali ma jiqfux. Tajjeb li l-ewwel ħsieb tiegħi jkun l-apprezzament tiegħi lejn il-bandisti, id-Direttriċi tal-Kor, il-koristi u dawk kollha li jagħtu daqqa t'id b'mod jew ieħor fix-xogħol tal-banda. Ħajr u apprezzament ukoll lill-familji tagħhom tas-sagrifiċċju u tas-sapport li ma jaqta' qatt. Minn qalbi nixtieq inrodd ħajr lil sħabi tal-Kummissjoni Banda u Kor tal-ħidma li ma taqta' xejn tul is-sena kollha.

### Għalliema tal-Mużika...

Wara tlieta u tletin sena ngħallem l-istrumenti tar-ram, ħsibt li jkun għaqli jekk dan il-mestier tant importanti jgħaddi għand ħaddieħor. Tlabt lill-kumitat u aċċetta. Kienu snin ta' ħafna sagrifiċċju u impenn. Għamilt l-aħjar li stajt skont il-ħiliet tiegħi. Nittama li ħallejt xi ħaġa pożittiva, żgħira kemm hi żgħira, fil-ħajja u l-karattru ta' kull persuna li attendiet għal-lezzjonijiet tal-mużika. Nixtieq ukoll nirringrazzja mill-qalb u nsellem lis-Sur Philip Schembri li kien jgħallem l-istrumenti tal-injam tal-impenn u d-dedikazzjoni tiegħu. Fl-aħħar nett nixtieq nawgura minn qalbi lil Manuel Cassar, l-għalliem tal-istrumenti tal-injam, u lil Mark Vella, l-għalliem tal-istrumenti tar-ram, kull suċċess fil-kariga ġdida tagħhom fl-Għaqda Mużikali Imperial.

### Brøttum Brass...

Esperjenza mill-isbaħ kien il-kunċert li l-Banda Imperial u Brøttum Brass tan-Norveġja tellgħu nhar il-Ħadd, 25 ta' Ġunju 2023 fil-Mellieħa. Għalkemm fl-imgħoddi mhux imbiegħed kellna attivitajiet simili ma' baned u korijiet barranin, din kienet l-ewwel waħda wara l-pandemija u l-ewwel esperjenza għall-Banda Imperial li daqqejna flimkien ma' brass band. Mumenti bħal dawn ifakkruni fil-kobor tal-arti mużikali li kapaċi tgħaqqad persuni bi drawwiet, fehmiet u ilsna differenti flimkien. Huma wkoll opportunità fejn nagħmlu ħbieb ġodda, naqsmu l-esperjenzi tagħna ma' xulxin u fuq kollox li nitgħallmu minn xulxin.

Fuq nota personali kien ta' privileġġ li fuq stedina tad-Direttur Mużikali ta' Brøttum Brass David Morton kelli l-opportunità li nidderieġi din il-banda wkoll waqt il-programmi li kellhom f'Malta u Għawdex.

### Gejtu...

Il-mewt mhux mistennija ta' Gejtu ħasditni u nikktitni bil-kbir. Kont qed nistenna li niltaqa' miegħu dakinhar filgħaxija għall-programm tal-festa u qabel nibdew iżellaqli xi kelmtejn kif kien jaf hu. Imma d-destin ried mod ieħor…

Lil Gejtu ltqajt miegħu għall-ewwel darba madwar erbgħin sena ilu meta hu kien ikanta u jien indoqq fl-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina, u bqajna ħbieb kbar sal-aħħar. Kien bniedem intelliġentissmu, serju, għani kulturalment u li għex fis-sempliċità. Dejjem lest biex jgħin lil min għandu bżonn mingħajr storbju u jagħti l-għajnuna tiegħu kull fejn kien jiġi mitlub. Kien l-ewwel kunsillier elett għall-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Kien ukoll l-ewwel student tiegħi meta bdejt ngħallem il-mużika mal-Għaqda Mużikali Imperial u ħareġ idoqq mal-Banda Imperial ta' età pjuttost kbira, imma baqa' jagħti sehmu sal-aħħar, anke meta saħħtu bdiet tiddgħajjef. Gejtu ta ħafna lill-Mellieħa fil-qasam kulturali mingħajr qatt ma ppretenda xejn lura. Strieħ fis-sliem ħabib.

### Mary ta' Ġużepp...

L-aħħar li kellimtha kien fil-festa ta' Santa

Marija tal-Imġarr, raħal twelidha u twelidi – kienet kuntenta ferm. Kont qed nittama li se nerġgħu niltaqgħu din is-sena wkoll, imma issa dan mhux se jkun.

Lil Mary Bartolo kont ilni nafha sa minn meta kont tfajjel ċkejken. Niftakarha dejjem preżenti fl-attivitajiet tal-każin. Mara tal-affari tagħha, ta' ftit kliem, li rabbiet familja f'għożża kbira. Tat kontribut kbir lill-Għaqda Muzikali Imperial, l-ewwel billi għal snin twal kienet ta' sostenn u appoġġ għal żewġha Ġużepp, matul is-snin twal li serva f'diversi karigi fil-Kumitat Direttiv tal-każin, u t-tieni għax serviet għal snin twal fil-Kumitat tan-Nisa. Strieħ fis-sliem Mary.

Nixtieq insellem ukoll il-memorja tal-membri kollha li ħallewna fl-aħħar tnax-il xahar. Nirringrazzjahom tas-sostenn li taw lill-għaqda tagħna biex illum qegħdin ingawdu frott ħidmithom. Dmirna hu li nibqgħu niftakru fihom fit-talb tagħna u li nimxu 'l quddiem fuq l-eżempju tagħhom.

### Awguri...

Intemm dawn il-ħsibijiet tiegħi billi nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba u fuq kollox nawgura s-saħħa lil kulħadd.

**Ningħaqdu mad-dinja kollha ħalli nagħtu qima lill-**

# IMQADDSA VERĠNI MARIJA

**f'għeluq sninha nhar it-8 ta' Settembru.**

## Agħtiha r-Rużarju bħala rigal

**"Mur u pprietka r-Rużarju u l-għadu ta' kull ġid jiġi mirbuħ." -** il-Madonna lil San Duminku

**"Wieħed mill-mezzi l-iżjed tajba biex naslu li nbiddlu ħajjitna mhuwiex ħaġa oħra ħlief ir-reċita tar-Rużarju."** - Papa Ljun XIII






THE CORE
RESTAURANT & LOUNGE

FOR RESERVATIONS
Tel: (+356) 27600223 / 4
reservations@lurehotelmalta.com
www.lurehotelmalta.com













1600 SQM OF HIGH QUALITY BRANDS & PRODUCTS



FREE PARKING






AVAILABLE ON Wolt

welbee's **MELLIEHA** **WE ARE FAMILY**



**Location**
Mellieha, Triq il-Kbira

**Opening Hours**
Monday to Sunday
7:30am - 10pm

**Operations Manager**
Pierre Camilleri
pierre.camilleri@welbees.mt

**Customer Care**
mellieha@welbees.mt
Tel: +356 2152 3192








FREE DELIVERY MONDAY TO SATURDAY

BILLY'S




113, George Borg Olivier Street,
Mellieha MLH 1020, MALTA

Tel: (+356) 21 523 676
(+356) 21 523 784

Mob: (+356) 9949 7575
(+356) 9942 7575

www.billyscarhire.com
info@billyscarhire.com

CHAUFFEUR SERVICE | CAR HIRE | HOLIDAY HOMES



# Ħidma Dejjiema

**Ryan Micallef**
*Membru tal-Kummissjoni Banda u Kor*



Il-festa reġgħet magħna għax kif jgħid Il-Malti, iż-żmien igerbeb u ma jistenna 'l ħadd. Hekk kif għaddiet sena oħra, erġajt ninsab qed nikteb kelmtejn għal żmien il-festa bħas-snin preċedenti.

Ħidmitna ma tiqafx fit-tmienja ta' Settembru. Kieku sew! Għalkemm nistgħu ngħidu illi l-festa hija l-qofol prinċipali ta' kull soċjetà mużikali, wieħed ma jistax jinsa l-importanza tax-xogħol li jsir matul is-sena, kemm mill-banda u kif ukoll mill-kor illi jibqgħu attivi sew matul is-sena kollha bi programmi u attivitajiet mużikali oħra addattati għaż-żmien illi jittellgħu fih. Fost dawn, l-għaqda reġgħet tellgħet il-programmi vokali u strumentali għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Milied, żewġ attivitajiet illi xtaqna illi nkomplu wara l-pandemija. Naturalment, dan jinvolvi ħafna xogħol illi jista' jsir biss bis-saħħa tad-dedikazzjoni tal-membri tal-banda u l-kor illi jattendu għall-provi tal-kunċert u preparamenti oħra biex jittellgħu dawn l-attivitajiet. Matul is-sena, il-Kor u l-Banda Imperial jieħdu sehem f'Jum it-Tifkira, li fih insellmu l-memorja ta' sħabna li rħewlha għal ħajja aħjar, attivitajiet oħra mtellgħin mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u saħansitra dis-sena programm mużikali ma' banda barranija.

It-tagħlim tal-banda jibqa' fil-quċċata tal-prijoritajiet tal-għaqda tagħna, illi tgħallem il-mużika mingħajr ħlas lil dawk illi juru interess li jitgħallmu xi strument. Sfortunatament, qegħdin ngħixu f'dinja mgħaġġla żżejjed illi ma tantx tinkoraġġixxi ż-żgħażagħ sabiex jitgħallmu l-mużika. Dan nifhmu, għaliex ħafna jkunu impenjati bl-istudji tagħhom fix-xitwa u bix-xogħol fis-sajf u dan ma jagħmilha xejn faċli biex wieħed isib ftit ħin liberu… realtà kiefra. Però, nixtieq b'mod speċjali ninkoraġġixxi liż-żgħażagħ sabiex jissieħbu f'għaqdiet mużikali, korali u volontarji bħal tagħna sabiex flimkien nippreservaw l-arti u l-kultura tagħna. B'wiċċi minn quddiem ngħid illi dan jagħti sodisfazzjon kbir!

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ ċkejken billi nirringrazzja lil sħabi l-bandisti u l-membri tal-kor tax-xogħol u d-dedikazzjoni tagħhom biex l-għaqda tagħna tkompli tpaxxi l-widna ta' dawk il-Melliħin u mhux, kif ukoll ħutna emigranti f'pajjiżi oħra. Is-suċċess tal-għaqda jinkiseb biss bis-sostenn tal-istess membri u l-familjari tagħna. Nixtieq ukoll nirringrazzja lil sħabi membri tal-Kummissjoni Banda u Kor tal-għajnuna u s-sostenn tagħhom fil-każin tal-għaqda, biex b'hekk l-għaqda tagħna dejjem timxi 'l quddiem!

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd!

Stardust
Stationery, Greeting Cards
Harberdashery, Toys & Gifts
**Cross Street, Mellieha**
**Tel: 21571692 • Mob: 99223908**
**Email: starduststationary@gmail.com**

TRAVEL

BOAT

MOTOR

HOME

Do you need insurance? We've got you covered!

BUSINESS

HEALTH

LIFE

PROTECTION
SAVINGS
INVESTMENT
RETIREMENT

**JOSEPH DEBONO**
Tied Insurance Intermediary

73, Karizia Office,
Triq Gorg Borg Olivier, Mellieħa

M: 9942 2894
T: 2152 0552-2752 0552
E: insurance@jdebono.com

MAPFRE

*The General Business Products are manufactured by MMS whilst the Life Insurance Products are manufactured by MMSV. All products are distributed by Joseph Debono.*

Joseph Debono is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Distribution Act for both MAPFRE Middlesea p.l.c. (MMS) and MAPFRE MSV Life p.l.c. (MMSV). MMS (C-5553) and MMSV (C-15722) are authorised under the Insurance Business Act. All entities are regulated by the Malta Financial Services Authority. MAPFRE refers to MAPFRE Middlesea p.l.c. (MMS) and MAPFRE MSV Life p.l.c. (MMSV).





THAI THAI
AUTHENTIC
KITCHEN & BAR

***Outdoor and Indoor Seating***
***Bookings Advised.***

Take Away Available.
Delivery Through Bolt.
9938 9689
16, Triq Il-Marfa, Mellieħa.

/thaithaimellieha /thai.thai.mellieha

# the Beach at Paradise Bay

thebeachmalta.com



Mediterranean Dishes / Sunbeds / Kayaks / Live Paella Cooking

Paradise Bay Lido PO Box 18 Mellieħa, Northern Region, Malta |
+356 2157 5491 | FB: @thebeachatparadisebay



# Looking Good!

**Julie Thomas**
*Director of the Imperial Choir*



Since this time last year, things have certainly returned to normal. Reflecting on my article '*Business As Usual*' in last year's magazine, it is amazing how vulnerable our engagements and choir members were. Since then, we have been quite busy as everybody now takes the opportunity to perform like never before. Our main concert on the 2nd of September went very well and the ladies enjoyed performing a range of musical styles, from Proud Mary with keyboard, drum kit and guitar to a call and response song in Xhosa (one of South Africa's four main languages) beautifully led by Mark Anthony Bartolo.

After a small, well-earned rest, we started to work on our pieces for the Christmas season; having been a teacher, both primary and peripatetic, Christmas music rehearsals always start in September! In November we sang at the Remembrance Sunday service, accompanied by the band, and later in the month we sang our usual mass at St Catherine's Monastery in Valletta, which was officiated by Monsignor Charles Scicluna, Archbishop of Malta. Christmas was business as usual, with a joint concert with the band at the Imperial Band Club, concerts at the Solana and Paradise Bay Hotels and we also took part in the Milied Mellieħi, performing outside in the Sanctuary courtyard (on a very cold evening) next to the live crib, complete with donkey! We were helped for this event by soprano, Eleanor Vella, who enjoyed it so much that she joined us for our final Christmas performance for the guests at the Maritim Hotel on the 26th of December.

A new event for us in March was singing a mass at Manikata church where we received a warm welcome from both the congregation and the priest. For our Palm Sunday concert with the band at the Parish Church at the beginning of April, we enjoyed singing some rousing hymns together with one or two old favourites. We had another surprise concert later that month as part of Mellieħa's contribution to the Malta Fireworks Festival, singing popular Maltese pieces with the band on Triq Ġnien Ingraw, watching the sunset overlooking the beautiful valley and sea below. Slightly chilly and windy, but well enjoyed by the crowds.

As the weather warmed up, and boy did it warm up this year, we were asked to sing again at the festa of Il-Madonna tad-Duttrina in Ħal Tarxien. Again, we performed popular Maltese pieces accompanied by the Imperial Band. At the end of July, we performed as part of the Iljieli Melleħin planned by the Mellieħa Local Council. This year we sang outside in the courtyard which was slightly more comfortable than last year, despite the oppressive heat and humidity. Due to illness, and short notice, we were down to our bare minimum in terms of singers, but the Romans, peasants, visitors, and birds of prey seemed to enjoy it.

Which brings me to my topic this year. Maybe this should have been in last year's magazine, however, it was a nice surprise for the audience to see our new choir uniforms, which had their debut at our main concert on the 2nd of September. It was decided that our choir uniforms needed a bit of rethinking. The beautiful dresses which we wear on the festa week concert look very smart, but they are heavy and it's like wearing a mini-sauna. To be fair, and keep this a secret, many of the ladies have 'reshaped' over the years and this also causes problems with the two blouses that we wear for informal concerts or concerts during the winter.

Now it is not a small thing for a choir to choose a new uniform. A ladies choir will talk about clothing and concert dress for ages and not do a lot of singing! So how did we choose our new uniform? Luckily, discussions took place at the end of rehearsals. We decided to replace the formal dresses first. A decision was made to keep the black trouser bottoms and go for a single colour formal top.

For this we needed:

- A simple, yet practical and smart style to suit all ages and body shapes;
- To use an easycare fabric which would not wrinkle and would travel well if we went on tour;
- Something that would be comfortable and breathable to wear during the warm festa performances;
- A colour that would suit everybody, not too bright as to dazzle the audience yet not too sombre as we would be using the top for the festa as well as church performances.

Basically, we needed something that the singers were comfortable in but also felt dressed up for the occasion. Pictures of ideas were brought in and discussed. Material swatches were produced and prices were sought from various sources. Gradually a design for a blouse in royal blue was agreed upon. Material was bought and a local seamstress was asked to make up the pattern and sew up the blouses.



We were very excited as we went for our measurements and fittings to La Sartoria di Stefy Sewing Services in Mellieħa and finally our blouses were ready for Festa 2022. They looked beautiful and classy at our concert on the 2nd of September and if the uniform of a choir is there to set the first impression and tone of the choir even before they sing, I think we achieved our goal. Thank you to those who organised the buying of the material and the coordination of fittings with Stefy.

Of the other uniforms, we have adapted the turquoise blouses by pairing them with a black camisole vest underneath which looks smart but casual: useful for warmer weather outside or inside concerts. Our next uniform makeover will be to replace the striped, white blouses used for Christmas and some church services. We cannot replace these with the same. Perhaps a simple white blouse would work as we normally wear these with a black blazer, and at Christmas, complete the look with a bright red scarf. Discussions obviously pending.

I'm very proud of my ladies and what they achieve during the year, even when some events are taken on at short notice. I would like to welcome Graziella Azzopardi to the choir. She joined the soprano section after our Palm Sunday concert and she seems to be enjoying the challenge very much.

Ladies, you are lovely people who put up with my more adventurous ideas with great enthusiasm. I can't wait for the audience to hear you singing in Welsh at this year's festa and performing an exciting selection from The Hunger Games films.

Thank you for your dedication, ladies, and I wish you and your families and all who support us *il-festa t-tajba*.

**Interested in joining the Imperial Choir?**

*New Members Welcome!*

Contact us on

**info@imperialbandclub.com**

HB MOTORS



Vehicle Repairs & Services

Tel: 2152 0429

Mob: 9986 8092

20, Triq il-Għasel, il-Mellieħa

Nixtiequ l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha



50
ANNIVERSARY
The HILLTOP MELLIEHA
RESTAURANT
Gorg Borg Olivier Street MLH 1027
Mellieha, Northern Region, Malta
The HILLTOP MELLIEHA
EST. 1972




OPENING HOURS (JULY/SEPTEMBER):
09.30AM-6.00PM
Animation Shows
Water games
Guided tours
Kids Pool
Mini-Golf
POPEYE VILLAGE
THE POPEYE FILM SET - MALTA
I yam what I yam!


P&C Cauchi
CRANE HIRE
UP TO 59m REACH
7925 9208
www.pccauchi.com


P&C Cauchi
DemolitionExcavation
info@pccauchi.com .E
www.pccauchi.com .W
9989 9839 / 7925 9208 .M



# X'inhi l-Mużika u x'inhuma l-Effetti li tħalli fuq il-Bniedem?

**Manuel Cassar**
*Għalliem tal-mużika*



X'inhi l-mużika? Din il-mistoqsija hija waħda li x'aktarx kull bniedem jistaqsi xi darba jew oħra fil-ħajja tiegħu. It-tweġibiet li nistgħu nsibu fuq din il-mistoqsija huma kważi infiniti. Fost dawn it-tweġibiet insibu li d-definizzjoni ta' mużika hija tifsira ta' arti relatata ma' diversi ħsejjes differenti miġbura fi struttura waħda. Hemm diversi sorsi li saħansitra jgħidu wkoll li l-mużika hija lingwa universali, però, din it-tweġiba hija waħda dibattibbli minħabba li lingwa jrid ikollha xi tip ta' fonetika. Allura x'inhi eżatt il-mużika? Biex inkunu nistgħu nwieġbu din il-mistoqsija rridu mmorru lura fiż-żmien u naraw kif bdiet il-mużika u għal liema raġunijiet kienet tintuża.

Diversi studji juru li l-mużika ilha teżisti minn kważi 40,000 sena qabel Kristu. It-tip ta' mużika ta' dak iż-żmien kienet waħda kompletament differenti minn kif nafuha llum. Kienet tikkonsisti f'diversi ritmi differenti u l-istrumenti li kienu jużaw in-nies li kienu jgħixu f'dak iż-żmien huma ċ-ċapċip tal-idejn u strumenti magħmulin bl-idejn b'materjal li kienu jsibu, bħal għadam u zkuk ta' siġar. Ma nistgħux ninsew ukoll il-vuċi li kienet tintuża wkoll minn dawn in-nies ikkombinata mal-istrumenti l-oħrajn.

Il-mużika magħmula minn dawn l-istrumenti differenti kienet tintuża meta kien ikun hemm xi ritwal spiritwali jew xi festin. Nimxu ftit iktar 'il quddiem fiż-żmien meta bdiet tiġi vvintata s-sistema tal-kitba. Il-kompożituri ta' dakinhar bdew jesperimentaw bl-alfabett biex jikkomponu biċċa mużika.

Diversi riċerkaturi sabu biċċa mużika miktuba b'alfabett sillabiku fis-Sirja. Ma nistgħux ma nsemmux ukoll żmien il-Griegi fejn id-dinja beda jkollha diversi avvanzi fil-qasam matematiku, filosofiku, kif ukoll mużikali fost l-oħrajn. F'dan iż-żmien ġew ivvintati strumenti ġodda bħal-lira (*lyre*) u 'aulos', li bis-saħħa tagħhom diversi mużiċisti setgħu joħolqu ħsejjes ġodda u setgħu wkoll jesperimentaw b'mużika ġdida.

Żmien il-Medjuevu kien żmien li fih il-mużika rat avvanz kbir. Diversi kompożituri bdew jesperimentaw bil-polifonija li tikkonsisti f'mużika b'iktar minn vuċi waħda biex tinħoloq armonija. Nistgħu ovvjament nibqgħu nanalizzaw l-istorja tal-mużika u kif bdiet, però xi ħaġa li kien hemm komuni hija li l-mużika minn dejjem kienet tintuża kważi f'kull okkażjoni – f'ċerimonji, logħob, funerali, festi u rikreazzjoni fost l-oħrajn.

Wieħed jista' jgħid li llum il-ġurnata, il-mużika għadha tintuża għal dawn l-istess tip ta' ċerimonji. Fit-tiġijiet kulħadd iqabbad xi band jew kantant, fil-funerali kważi dejjem ikun hemm xi tip ta' orkestra jew pjanu jdoqq, waqt diversi funzjonijiet fil-knisja wkoll ikun hemm xi tip ta' akkumpanjament mużikali. Il-mużika ddur mal-bniedem u fejn m'hemmx mużika l-ambjent ikun kompletament differenti. Biex inġib eżempju, festa mingħajr banda ma jkollhiex l-istess atmosfera. Forsi llum ma tantx nagħtu kas, però żgur mhux forsi jkun hemm iċ-ċans li mingħajr banda, festa tkun monotona. Permezz ta' dan l-eżempju nistgħu mela wkoll ngħidu li l-mużika tħalli diversi effetti fuq il-moħħ tal-bniedem.

Provi xjentifiċi juru kemm il-moħħ tal-bniedem kapaċi jibdel il-ħsejjes tal-mużika f'emozzjonijiet differenti. Biex inġib eżempju, jekk persuna tkun mdejqa u tisma' diversi diski li jferrħu, permezz tal-mużika kapaċi dak li jkun jibdel l-emozzjoni. Hawn min juża l-mużika billi jdoqq xi strument biex iferraħ lill-oħrajn. Niftakar qisu lbieraħ meta konna mmorru jiena u sħabi ndoqqu fil-Home Centre tal-anzjani, Għawdex. Il-ferħ li konna naraw u l-apprezzament li kienu jagħtuna dawn l-anzjani kien żgur mhux forsi mument mill-isbaħ. Xi ħaġa oħra ta' benefiċċju li għandha l-mużika hija li permezz tad-daqq ta' xi strument, il-bniedem kapaċi jinsa l-istress li jkollu fil-ħajja ta' kuljum.

Din naraha ta' sikwit meta nlaqqa' diversi studenti flimkien biex indoqqu f'xi ensemble. Ikun hemm mument fejn kulħadd jitkellem fuq il-problemi tax-xogħol jew skola, imma malli nibdew indoqqu dawn l-affarijiet jintesew. Bħala għalliem huma dawn l-affarijiet li nħeġġeġ fl-istudenti tiegħi. Apparti li jieħdu l-istrument tagħhom bis-serjetà, jipparteċipaw f'diversi attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-mużika.

Ma nara xejn isbaħ minn grupp ta' studenti jiltaqgħu u jdoqqu ma' xulxin. Personalment, bħala għalliem kemm tas-saksofon kif ukoll tal-klarinett, hija x-xewqa tiegħi li xi darba nibda ensemble żgħira li jipparteċipaw fiha studenti li jitgħallmu fil-każin. Biex inkompli nżid, diversi adulti jsaqsuni, "Imma issa tard wisq biex nibda strument?" It-tweġiba tiegħi tkun waħda sempliċi u qasira: il-mużika m'għandhiex żmien u hija tajba għal kulħadd. L-iktar ħaġa importanti fejn tidħol il-mużika huwa l-istudju. Bħal kollox, jekk mużiċist ma jipprattikax is-sengħa tiegħu kapaċi jitlifha. Il-prattika m'għandniex narawha bħala skariġġ, iżda għandna nħarsu lejha bħala għodda li permezz tagħha l-mużiċist jista' jitjieb. Permezz tat-teknoloġija, illum il-ġurnata hawn diversi għodod biex il-mużiċist jagħmel il-ħin tal-prattika iktar eċitanti, fosthom bl-użu tal-backing tracks.

Għal min jixtieq jitgħallem xi strument ġdid, il-każini tal-banda joffru servizz ta' tagħlim b'xejn lil kull min jixtieq jitgħallem il-mużika. Il-Banda Imperial hija waħda minn dawn il-baned li tinvesti ħafna fl-istudenti tagħha u tagħti diversi opportunitajiet lil dawk li lesti jieħdu l-mużika bis-serjetà.

Illum il-ġurnata l-metodu tat-tagħlim inbidel u ġie jixbah ħafna l-kurrikulu tal-iskejjel tal-mużika ta' barra minn Malta. Jiena ngħallem l-istrumenti tal-qasba bħall-klarinett u s-saksofon, u dejjem nieħu gost meta jkolli student ġdid.

L-età tal-istudenti li ngħallem jiena mal-Banda Imperial hija waħda varjata. Bħalma diġà semmejt, il-mużika m'għandhiex età u jekk hawn min forsi qed jaqta' qalbu jintroduċi l-mużika fil-ħajja tiegħu jew tagħha minħabba l-età, jiena xorta ninkoraġġixxihom jibdew jitgħallmu. Hawn diversi mużiċisti tajbin ħafna li bdew il-karriera tagħhom fil-mużika eżatt malli rtiraw mix-xogħol li kellhom. Biex nagħlaq, nixtieq nirringrazzja lill-Għaqda Mużikali Imperial tal-fiduċja li wrew fija biex inkun għalliem tal-qasba ma' din is-soċjetà. Huwa ta' unur u gost tiegħi li nwassal dak li tgħallimt jiena bħala mużiċist lill-istudenti l-ġodda.

**J & G Discount**
Discount Detergent Shop
Triq it-Tgħam, Il-Mellieħa
Tel: 21522658
Mob: 79057948
**Opening Hours**
Mon-Fri:
9.00 – 13.00 & 16.00 – 19.00
Sat: 9.00 – 14.00

*Free Delivery*




Winston Steakhouse


Great Dane Restaurant


Hansen Gastro Bar

WINSTON Steak House



GREAT DANE RESTAURANT Ghadira Bay Mellieha



HANSEN GASTRO BAR



## View our Menus

MENU

Menus

## Ideal for all the Family

### All Inclusive Buffet
### Every Sunday Lunch

Opens at 12:30 hrs &
last seating is at 14:30 hrs

**Starting from mid-October '23**



## Book now
(+356) 21575750







greatdanerestaurant1 www.greatdane.mt

## Beauty Mood Hair+Beauty Salon



28 Saint Helen Street Mellieha
Tel:21523514
beautymoodmellieha@gmail.com

## A.J.M Service Station Ltd.

- AUTO MECHANIC/SERVICE -
- CAR COMPUTER DIAGNOSTIC -
- BATTERY CHANGE -
- VULCANIZING -
- TYRE CHANGE/REPAIRS -
- 24/7 CAR WASH -
- CALL FOR ROAD ASSISTANCE -

TEL: 2752 5200

ajm@mzfuels.com





# L-Istrumenti tar-Ram u l-Versatilità tagħhom

**Mark Vella**
*Għalliem tal-mużika*



Il-familja tal-istrumenti tar-ram tikkonsisti minn strumenti varji kemm fil-forma, daqs u ħoss. L-istrumenti tar-ram huma maqsuma fi tnejn primarjament, il-*high brass* u l-*low brass*. Il-*high brass* jikkonsisti fi strumenti b'tubi iqsar kif ukoll idjaq minn dawk tal-*low brass*. Dan iwassal sabiex dawn l-istrumenti jkollhom ħoss irqaq u ogħla (*high pitch*). Fost dawn l-istrumenti li jagħmlu parti mill-formazzjoni bandistika Maltija hemm it-trumbetta (*trumpet*), il-kurunetta (*cornet*), u l-kurnu (*French horn*). Min-naħa l-oħra, l-istrumenti tal-*low brass* huma magħmula minn tubi itwal u eħxen li allura jwassal sabiex dawn l-istrumenti jkollhom ħoss aktar baxx (*low pitch*). L-istrumenti ta' dil-familja li nsibu fil-baned huma t-trumbun (*trombone*), l-althorn (*baritone*), l-ewfonju (*euphonium*) u l-baxx (*tuba*).

L-istrumenti tar-ram bejn wieħed u ieħor kollha jaħdmu bl-istess mod. Spjegazzjoni sempliċi ta' kif jaħdmu hija li permezz ta' vibrazzjoni bejn ix-xofftejn tinħoloq vibrazzjoni fit-tubi tal-istrument li biha jinħoloq il-ħoss. In-noti jinbidlu permezz tal-valvi li meta jiġu magħfusa jkunu qed itawlu t-tul minn fejn tgħaddi l-vibrazzjoni. Għalkemm it-trumbun m'għandux valvi, dan xorta waħda jaħdem b'sistema li hija teoretikamnet l-istess. Id-differenza hija li minflok jiġi magħfus il-valv, tiċċaqlaq l-islajd sabiex jitwal it-tubu tal-istrument.

L-istrumenti tar-ram urew il-versatilità tagħhom fuq firxa wiesgħa ta' ġeneri mużikali. Fil-mużika klassika, it-tonijiet maestużi tal-kurnu u l-melodiji tat-trumbetta żejnu għadd ta' sinfoniji u kunċerti. It-trumbun, bil-glissandos bla xkiel u l-kwalitajiet espressivi tiegħu, ikkontribwixxa għall-mużika orkestrali kif ukoll għall-*musica da camera*. Il-*Jazz*, ġeneru ċċelebrat għall-improvizzazzjoni u r-ritmi dinamiċi tiegħu, fih jintużaw diversi strumenti tar-ram. It-trumbetta, b'mod partikolari, saret simbolu ta' *jazz virtuosity* permezz ta' leġġendi bħal Louis Armstrong u Miles Davis. Fil-qasam tal-mużika popolari, is-sezzjonijiet tar-ram ħallew marka li ma titħassarx fuq il-*Rock*, il-*Funk*, u s-*Soul*.

Nixtieq nagħlaq billi nistieden lil dawk kollha interessati li jkunu jafu iktar fuq dawn l-istrumenti u forsi jibdew jitgħallmu xi wieħed minnhom biex jersqu lejn il-Banda Imperial. It-tagħlim ta' strument mużikali huwa esperjenza li ġġib magħha diversi benefiċċji u tlaqqgħek ma' nies differenti li għandhom għal qalbhom forom diversi ta' mużika. Taqtgħux qalbkom għax it-tagħlim li jsir hu wieħed individwali u fuq bażi personali.

Nirringrazzja lill-Għaqda Mużikali Imperial talli afdawli t-tagħlim tal-istudenti tal-istrumenti tar-ram u nittama li jkun hemm ħafna iktar studenti ġodda li jibdew jitgħallmu l-mużika.

***Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial.***



# Messaġġ tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda

**Avv. Noel Camilleri**
*President tal-GħNKB*



Meta fis-16 ta' Settembru 1947 ġiet kostitwita l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, mill-ewwel bdiet tissejjaħ **'l-għaqda tal-għaqdiet'** u r-raġuni hija waħda sempliċi u ċara għaliex missirijietna riedu li l-każini tal-Banda jkollhom vuċi waħda li titkellem għalihom b'mod kollettiv. Dan minkejja li dak iż-żmien l-għaqdiet tal-Banda kellhom ħafna influwenza. Biżżejjed infakkar li huma kienu l-vuċi tal-poplu, ta' dawk li ma kinux nobbli jew proprjetarji ta' artijiet. Fil-fatt il-każini tal-Banda kienu involuti fil-bidu tas-seklu l-ieħor fil-kwistjoni tal-lingwa, kif ukoll fil-mixja tal-iżvilupp kostituzzjonali ta' pajjiżna.

Hekk ukoll fil-festi sbieħ tagħna. Is-soċjetajiet tal-Banda kienu u għadhom minn ta' quddiem nett sabiex jorganizzaw flimkien ma' entitajiet oħra, b'mod partikolari l-parroċċi tagħna, dak li għalina l-Maltin u l-Għawdxin huma okkażjonijiet ta' ċelebrazzjonijiet komunitarji kemm fuq bażi ta' belt u raħal imma wkoll bħala familja; kemm jekk tkun soċjetà tal-banda imma anke jekk tkun in-nukleu ta' familja individwali li hija l-pedament ta' kull soċjetà bħal tagħna.

Tajjeb wieħed ifakkar li l-ewwel deċiżjonijiet li ttieħdu fi ħdan 'l-Għaqda tal-għaqdiet' kien li jkun hemm bord proviżorju ta' surmastrijiet sabiex flimkien ifasslu l-aħjar grammatika mużikali għat-tagħlim tal-mużika. Miegħu ġiet ukoll kostitwita struttura sabiex dawk l-istudenti jew allievi l-aktar li jippromettu jingħataw boroż ta' studju ħalli jkomplu jipperfezzjonaw il-kapaċitajiet tagħhom. Din t-triq qed nerġgħu naqbduha bix-xogħol li qed isir mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda flimkien mal-membri tagħha. L-GĦNKB b'kollaborazzjoni sħiħa mad-Direttorat tal-Kultura u mal-MCAST, qed taħdem fuq il-kurrikulu komuni u t-tagħlim tiegħu ħalli jingħata r-rikonoxximent formali mill-Awtoritajiet Edukattivi liċ-ċentri tat-tagħlim tal-mużika fil-każini tagħna.

Dan qed ikun magħqud mal-masterclasses mgħallma mill-professjonisti internazzjonali li diġà saru u l-ħsieb hu li dawn jitkomplew sabiex il-livell tal-mużika jkompli jogħla kif deher fil-kunċert ċelebrattiv tal-75 anniversarju tal-GĦNKB li sar fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fl-24 ta' Frar 2023. Kunċert tal-ogħla livell u eċċezzjonali kif ġie deskritt minn kull min attenda dakinhar. Dan kien l-ewwel kunċert mill-Malta Symphonic Band u l-awguri hu li nkomplu f'din t-triq ħalli ndaħħlu mill-ġdid kultura bandistika ta' livell għoli imma aktar minn hekk, nerġgħu nkattru sens ta' appartenenza li tant huwa fundamentali f'soċjetà li trid tħares l-identità tagħha.

Huwa importanti li bħala komunità nħarsu u nagħtu sostenn lis-soċjetajiet tal-banda mhux biss fil-jiem tal-festa, li huwa ferm importanti, imma s-sostenn għandu jkun wieħed kostanti billi wieħed jagħti ftit ħin biex jgħin b'mod volontarju l-ħidma tal-każin. Dan ngħidu għaliex il-ħajja ta' kull każin hija msejsa fuq element qawwi ta' volontarjat. Ftit ħidma volontarja hija fiha nnifisha sens ta' sodisfazzjon u turi wkoll impenn komunitarju u sens ta' appartenenza. Għandna nkunu aħna nfusna li nersqu 'l quddiem biex ngħinu u nagħtu kontribut kif qed nerġa' nara żgħażagħ impenjati biex dak li lkoll jagħmilna Maltin - il-festi u l-każini tagħna ma jogħtrux. Għaliex id-diffikultajiet jeżistu u huwa biss bil-ħidma ta' kull wieħed minna li nistgħu nħarsu dan il-patrimonju kulturali li jagħtina identità bħala poplu.

Għalhekk inħeġġeġ li l-festi tagħna jibqgħu jingħataw libsa xierqa li turi fuq kollox l-aspett reliġjuż li huwa s-sisien ta' kull festa flimkien mal-qima popolari u komunitarja li tagħmilna Għawdxin u Maltin. Ma għandniex inħallu s-sinifikat sabiħ tal-festi jittappan u jittebba' b'aspetti oħra li ma għandhom x'jaqsmu xejn mas-sinifikat vera tal-festa tagħna. Dan nistgħu nagħmluh billi nkunu aħna stess li nixprunaw is-sabiħ u nbiegħdu mill-festi tagħna dak kollu li ma jagħmlilniex ġieħ bħala poplu. Irridu nkunu aħna bħala poplu matur u responsabbli u b'veru sens ta' appartenenza li naraw li l-festi tagħna jibqgħu okkażjoni ta' qima reliġjuża u komunitarja.

F'ismi u f'isem l-Eżekuttiv tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, nawgura festa sabiħa u xierqa.










OSTRICA NERA

AT GILLIERU, SAN PAWL IL-BAĦAR ☎ 2226 6282


HERBIES
JEWELLERY LTD.
44, Triq Ġorġ Borg Olivier, Mellieħa • 2152 5906 • info@herbiesmalta.com


LIFTING
SERVICE
Call 99448559
To any location


Tal-Puzzu
Pizza . Pasta . Grill
We are also catering for Kid's Parties, Events, Majjalati, Fenkati, Buffets and more
Wood Fire Oven
Take Away Available
11, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa
Mob: 79707755


MARIANNA
STATIONERY GIFTS AND MORE
find us on facebook
Book binding, Photocopying & covering
Toys, Stationery, Haberdashery,
Household goods, Gifts,
Laundry and Watch Repairs
School list can be sent by email and picked up when ready
Parish Square, Mellieha
Tel. No.: 21522267
Facebook Page: Marianna Stationery
E-mail: mariannastationery@gmail.com


MARIO GAUCI
Fruit & Vegetable Seller
10, South Street,
Mellieħa
Daily vendor selling
at St. Paul's Bay and
Mellieħa
Mob: 9945 5717



# Djarju
## 2022 - 2023

26 t'Awwissu 2022 – Barbecue tal-festa f'Misraħ il-Parroċċa.

28 t'Awwissu 2022 - Tombla speċjali tal-festa organizzata mill-Kummissjoni Banda u Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial.

29 t'Awwissu 2022 - Kunċert ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

30 t'Awwissu 2022 – Żjara ta' korteżija mill-Prim Ministru ta' Malta l-Onorevoli Dr Robert Abela fil-Każin Imperial fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja 2022.

30 t'Awwissu 2022 - Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin fl-okkażjoni tal-festa tal-Vitorja.

31 t'Awwissu 2022 - L-Għaqda Mużikali Imperial ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' 'Jum l-Għaqdiet Ċiviċi'.

31 t'Awwissu 2022 - Riċeviment fil-Każin Imperial għall-membri tal-kumitati, bandisti, u membri tal-kor, flimkien mal-familjari tagħhom.

31 t'Awwissu 2022 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għal riċeviment organizzat mill-Ministru tat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tax-xogħol li sar fix-xelters tal-Mellieħa mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

1 ta' Settembru 2022 - Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għall-programm vokali u strumentali tal-festa mtella' mill-Għaqda Korali u Orkestrali Marija Bambina.

2 ta' Settembru 2022 - Programm vokali u strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg f'Misraħ il-Parroċċa. Wara sar riċeviment fis-sala tal-każin.



3 ta' Settembru 2022 – Il-President u s-Segretarju Ġenerali tal-Għaqda Mużikali Imperial ħadu sehem fil-programm 'Mill-Briju tal-Festi 2022' fl-istudios ta' ONE Radio fil-Marsa.

3 ta' Settembru 2022 - Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għall-programm mużikali mtella' mis-Società Filarmonica La Vittoria.

4 ta' Settembru 2022 - Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għall-festin tal-festa fil-Każin tal-Partit Laburista tal-Mellieħa.

4 ta' Settembru 2022 - Marċ mill-Banda Imperial li beda minn Triq l-Għerien u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

5 ta' Settembru 2022 - Sar il-funeral ta' Gejtu Sultana, bandist mal-Banda Imperial għal madwar 30 sena. Il-Banda Imperial daqqet waqt il-korteo funebri u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjawh waqt il-funeral.

5 ta' Settembru 2022 - Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Melleħin fil-Mellieħa Sports Club.

5 ta' Settembru 2022 - Marċ mill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, Malta, li beda minn Triq Qasam Barrani u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

5 ta' Settembru 2022 – Grupp ta' żgħażagħ membri tal-Għaqda Mużikali Imperial ħadu sehem waqt iċ-ċelebrazzjoni fil-Knisja Arċipretali fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina.

6 ta' Settembru 2022 - Marċ mill-Banda Imperial li beda minn Triq il-Mitħna l-Qadima u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

7 ta' Settembru 2022 - Marċ mill-Banda Imperial li beda minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq is-Salib



Find us on: facebook












Bellevieu
BISTRO CAFÉ PIZZERIA

BELLEVIEW BISTRO - CAFÉ - PIZZERIA
Triq Il-Kbira, Il-Mellieħa
Telephone: +356 2152 5555





# Il-Festa t-Tajba!





SQUARE BISTRO
PAVI Shopping Complex, Triq Manwel Dimech, Ħal Qormi
Telephone: +356 2270 0227

SQUARE
serving smiles

u spiċċa f'Misraħ il-Parroċċa. Wara, il-Banda u l-Kor Imperial esegwew l-Innu ad unur Marija Bambina minn fuq il-planċier.

8 ta' Settembru 2022 - Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq Sant'Anna sa Misraħ il-Parroċċa. Wara ttella' programm mużikali mill-istess banda minn fuq il-planċier li laħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu ad unur Marija Bambina mal-wasla tal-istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin.

9 ta' Settembru 2022 - Ħarġa tal-festa bil-lanċa mill-Għadira sal-Birgu Waterfront u lura organizzata mill-Kummissjoni Żgħażagħ fost briju minn membri tal-istess Sezzjoni Żgħażagħ.




11 ta' Settembru 2022 - Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għall-festin tal-festa fil-Każin tal-Partit Nazzjonalista tal-Mellieħa.

15 ta' Settembru 2022 - Membri tal-Għaqda Mużikali Imperial ħadu sehem waqt Car Treasure Hunt li kienet organizzata mill-Mellieħa Sports Club bħala parti mill-attivitajiet organizzati f'għeluq il-75 Anniversarju.

17 ta' Settembru 2022 – Il-Banda Imperial tellgħet programm mużikali waqt serata kommemorattiva tal-75 Anniversarju tal-Mellieħa Sports Club fi Triq Qasam Barrani.

17 ta' Settembru 2022 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għal-laqgħa ġenerali speċjali u riċeviment organizzati mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda fil-Każin tal-Banda San Ġużepp il-Ħamrun li bihom ingħata bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-75 sena mit-twaqqif tal-istess għaqda.

19 ta' Settembru 2022 - Fuq l-inizjattiva tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda, l-Għaqda Mużikali Imperial ingħaqdet mal-kumplament tal-għaqdiet mużikali ta' Malta u Għawdex biex issellem il-memorja tar-Reġina Eliżabetta II fil-jum tal-funeral tagħha billi ttellgħet bandiera mezzasta fuq il-każin.

30 ta' Settembru 2022 – Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

8 t'Ottubru 2022 - Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għall-festin tal-festa organizzat mill-Għaqda tan-Nar Marija Bambina.

16 t'Ottubru 2022 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

29 t'Ottubru 2022 - Rappreżentant tal-Għaqda Mużikali Imperial attenda għall-konferenza reġjonali dwar il-festi tar-Reġjun Tramuntana organizzata mill-Każin tal-Banda Peace tan-Naxxar.

30 t'Ottubru 2022 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għall-quddiesa ta' radd il-ħajr u ftuħ ta' wirja tal-arti organizzati mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina fl-okkażjoni tal-75 Anniversarju mit-twaqqif tal-istess għaqda.

30 t'Ottubru 2022 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

12 ta' Novembru 2022 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għas-seminar nazzjonali fuq il-Festa Maltija organizzat fl-Università l-Antika l-Belt Valletta mill-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda.

13 ta' Novembru 2022 - Ġiet organizzata quddiesa fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa għar-ruħ il-mejtin kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial. F'din il-quddiesa



ħadu sehem membri tal-Banda u l-Kor Imperial. Wara sar korteo għaċ-Ċimiterju 'Sultana tal-Vittorji', fejn indaqqet fanfara mill-membri tal-Banda Imperial, tkantaw innijiet, sar it-tberik tal-oqbra u tpoġġew fjuri fuq l-istess oqbra.

13 ta' Novembru 2022 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

16 – 20 ta' Novembru 2022 – Saret fiera tal-ktieb fis-Sala Imperial organizzata minn Wise Owl Publications.

19 ta' Novembru 2022 – Saret l-ewwel sessjoni tal-krafts bit-tema tal-Milied fil-Każin Imperial.

19 ta' Novembru 2022 - Rappreżentanti tal-Għaqda Mużikali Imperial ipparteċipaw waqt il-festa ta' Santa Ċeċilja fil-Belt Valletta organizzata mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda.

21 ta' Novembru 2022 - Il-Kor Imperial ħa sehem f'quddiesa għand is-Sorijiet tal-Klawsura fil-Monasteru ta' Santa Katerina fil-Belt Valletta. Membri mill-Kumitat Direttiv attendew għal din l-okkażjoni.

25 ta' Novembru 2022 – Membri tal-Kumitat Direttiv attendew għal press call mill-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo bit-tema ta' 'Il-Villaġġ tal-Milied fil-Mellieħa'.

26 ta' Novembru 2022 - Membri tal-Għaqda Mużikali Imperial ingħaqdu ma' membri ġejjin missoċjetajiet mużikali ta' Malta f'kampanja nazzjonali ta' għoti ta' demm organizzata minn One Radio fiċ-Ċentru tal-Għoti tad-Demm fi Gwardamanġa.

3 ta' Diċembru 2022 – Saret it-tieni sessjoni tal-krafts bit-tema tal-Milied fil-Każin Imperial.

4 ta' Diċembru 2022 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

9 ta' Diċembru 2022 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għall-kunċert annwali tal-Milied organizzat mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa.

10 ta' Diċembru 2022 - Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għall-kunċert mużikali annwali mtella' mis-Società Filarmonica La Vittoria fid-db Seabank Resort & Spa, il-Mellieħa.

10 ta' Diċembru 2022 – Saret it-tielet u l-aħħar sessjoni tal-krafts bit-tema tal-Milied fil-Każin Imperial.

11 ta' Diċembru 2022 – Programm Vokali u Strumentali tal-Milied mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin Imperial.



13 ta' Diċembru 2022 - Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied fis-Solana Hotel & Spa, il-Mellieħa.

14 ta' Diċembru 2022 – Membri tal-Għaqda Mużikali Imperial attendew għall-ftuħ uffiċjali tal-'Villaġġ tal-Milied fil-Mellieħa' mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

15 ta' Diċembru 2022 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-funeral tas-Sinjura Rita Vella, omm is-Sindku tal-Mellieħa Dario Vella.

15 ta' Diċembru 2022 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għal Jum il-Kunsill tal-Mellieħa 2022 organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

17 ta' Diċembru 2022 - Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied waqt l-attività 'Il-Villaġġ tal-Milied fil-Mellieħa' organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fil-Bitħa tas-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa.

18 ta' Diċembru 2022 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

20-22 ta' Diċembru 2019 – Il-Kummissjoni Żgħażagħ ħadet sehem permezz ta' bejgħ ta' mqaret waqt l-attività 'Il-Villaġġ tal-Milied fil-Mellieħa' organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

20 ta' Diċembru 2022 - Il-Banda Imperial esegwiet



programm ta' għanjiet tal-Milied fil-Labranda Riviera Hotel & Spa, il-Marfa.

23 ta' Diċembru 2022 - Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied fil-Paradise Bay Resort, il-Marfa.



26 ta' Diċembru 2022 - Il-Kor Imperial esegwixxa programm ta' għanjiet tal-Milied fil-Maritim Antonin Hotel & Spa, fil-Mellieħa.

8 ta' Jannar 2023 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

14 ta' Jannar 2023 – Membri tal-Għaqda Mużikali Imperial attendew għall-kunċert mill-Brass Ensemble organizzat mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda biex jimmarka t-tmiem ta' sett ta' sessjoni ta' Masterclasses organizzati fl-okkażjoni tal-75 sena anniversarju mit-twaqqif tal-istess għaqda.

14 ta' Jannar 2023 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għall-professjoni reliġjuża ta' numru ta' Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù fil-Knisja Parrokkjali tal-Mellieħa.

22 ta' Jannar 2023 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

5 ta' Frar 2023 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

18 ta' Frar 2023 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-funeral tas-Sur Anthony Fenech li kien akkumpanjat waqt il-korteo funebri mill-Banda La Vittoria.

19 ta' Frar 2023 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

22 ta' Frar 2023 – Il-bar tal-każin Imperial beda jopera mis-sala fit-tieni sular minħabba li ngħata bidu għax-xogħol ta' rinovazzjoni u ristrutturar fis-sular t'isfel tal-każin.




**Birkirkara** T: (+356) 2149 6235 | **Gżira** T: (+356) 2134 5123 | **Mellieħa** T: (+356) 2152 3672
**Mosta** T: (+356) 2713 5297 | **Paola** T: (+356) 2166 2815 | **Rabat** T: (+356) 2145 5523 | **Sliema** T: (+356) 2134 2211
**Qormi** T: (+356) 2148 7118 | **Mrieħel** T: (+356) 2778 8277 | **Valletta** T: (+356) 2123 2666

GASANMAMO INSURANCE LIMITED IS AUTHORISED UNDER THE INSURANCE BUSINESS ACT AND REGULATED BY THE MFSA | GASANMAMO.COM


Manuel Bezzina Co Ltd
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
HERMOSA
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi impurtata f'Ottubru
SANTE
Bikrija
DRUID
Ħamra
BUFFALO
Bajda
SLANEY
Bajda
ALPHA
Safra
CARA
Ta' Għajna Ħamra
Aktar tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd, 'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur
Tel: (Res) 2141 0204, (Ta' Qali) 2141 8192 • Mob: 9949 7346
Fax: 2141 2587 • Email: info@manuelbezzinacoltd.com


Jevon's Fruit Shop
27, Ġorġ Borg Olivier Street
Mellieħa MLH 1024
Tel: 2152 3546
Mob: 9947 3825
Free Delivery

24 ta' Frar 2023 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendew għall-kunċert sinfoniku 'Laudate Dominum in sanctis eius' fil-Konkatidral ta' San Ġwann organizzat mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda għall-okkażjoni tal-75 anniversarju mit-twaqqif tagħha.

3 ta' Marzu 2023 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għal-laqgħa ġenerali tal-Kunsill tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda li saret fis-sala prinċipali tal-MCAST, f'Raħal Ġdid.

4, 11, 18, 25 ta' Marzu 2023 – Kienu organizzati sett ta' sessjonijiet ta' krafts bit-tema tar-rebbiegħa fil-Każin Imperial.



5 ta' Marzu 2023 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

17 ta' Marzu 2023 - Delegazzjoni mill-Kumitat attendiet għall-funeral tas-Sur Emanuel Farrugia li kien akkumpanjat waqt il-korteo funebri mill-Banda La Vittoria.

18 ta' Marzu 2023 – Il-Kor Imperial ħa sehem waqt quddiesa fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġużepp iċċelebrata fil-Manikata.

18 ta' Marzu 2023 - Saret is-seduta ġenerali tal-Għaqda Mużikali Imperial fejn ingħata rendikont tal-ħidma fi ħdan l-Għaqda tul is-sena 2022.

19 ta' Marzu 2023 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

29 ta' Marzu 2023 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv ħadu sehem għall-ftuħ ta' wirja b'rabta mal-Ġimgħa Mqaddsa organizzata mis-Società Filarmonica La Vittoria.

2 t'April 2023 – Kunċert annwali ta' Ħadd il-Palm mill-Banda u l-Kor Imperial bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fil-Knisja Arċipretali Marija Bambina, il-Mellieħa, fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa.



4 t'April 2023 – Żjara ta' korteżija mill-Onorevoli Ministru Dr Jonathan Attard fil-Każin Imperial.

6 t'April 2023 - L-Għaqda Mużikali Imperial ipparteċipat fil-Viżti tas-Sepulkru fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' Ħamis ix-Xirka.

22 t'April 2023 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għaċ-ċelebrazzjoni fl-okkażjoni tal-ordinazzjoni djakonali ta' Karl Andrew Schembri li saret fil-Konkatidral ta' San Ġwann mill-E.T. Mons. Charles Jude Scicluna, Arċisqof ta' Malta.

23 t'April 2023 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

27 t'April 2023 - Programm vokali u strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial bħala parti mill-Malta International Fireworks Festival 2023 fi Triq Ġnien Ingraw, il-Mellieħa.

7 ta' Mejju 2023 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

9 ta' Mejju 2023 - Sar il-funeral ta' Andrew Vella, membru tal-Għaqda Mużikali Imperial. Indaqqet fanfara u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjaw il-funeral.

21 ta' Mejju 2023 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

27 ta' Mejju 2023 – Saret sessjoni oħra ta' krafts fil-Każin Imperial.

2 ta' Ġunju 2023 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

11 ta' Ġunju 2023 - Daqq ta' fanfara fil-purċissjoni ta' Corpus Christi. Membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjaw il-purċissjoni.

16 ta' Ġunju 2023 - Daqq ta' fanfara fil-purċissjoni tal-Qalb ta' Ġesù. Membri tal-Kumitat akkumpanjaw il-purċissjoni.

23 ta' Ġunju 2023 - Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa tal-Qalb bla Tebgħa ta' Marija ċċelebrata f'Burmarrad.

25 ta' Ġunju 2023 - Programm mużikali mill-Banda Imperial flimkien mal-Brøttum Brass tan-Norveġja f'Misraħ il-Parroċċa.



26 ta' Ġunju 2023 - Sar il-funeral ta' Anthony Cauchi, membru tal-Għaqda Mużikali Imperial. Indaqqet fanfara u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjaw il-funeral.

30 ta' Ġunju 2023 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

8 ta' Lulju 2023 - Sar il-funeral ta' Mary Bartolo, membru tal-Għaqda Mużikali Imperial. Indaqqet fanfara u membri tal-Kumitat Direttiv akkumpanjaw il-funeral.

9 ta' Lulju 2023 - Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa tal-Madonna tal-Karmnu ċċelebrata fil-Fgura.

13 ta' Lulju 2023 – Membri tal-Kumitat Direttiv attendew għal seminar t'informazzjoni organizzat mill-Majjistral Action Group Foundation fl-uffiċju tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr, Malta.

14 ta' Lulju 2023 – Il-bar tal-każin Imperial reġa' beda jopera mill-ewwel sular tal-każin wara li ġie fi tmiemu x-xogħol ta' rinovazzjoni u ristrutturar tas-sular t'isfel.

14 ta' Lulju 2023 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

15 ta' Lulju 2023 – Il-Banda u l-Kor Imperial tellgħu programm vokali u strumentali f'lejlet il-festa tal-Madonna tad-Duttrina ċċelebrata f'Ħal Tarxien.

29 ta' Lulju 2023 - Il-Kor Imperial tella' programm vokali fil-Bitħa tas-Santwarju Nazzjonali Madonna tal-Mellieħa waqt 'Iljieli Melleħin 2023' organizzati mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

30 ta' Lulju 2023 - Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Marija Addolorata Sultana tal-Martri ċċelebrata f'San Pawl il-Baħar.

31 ta' Lulju 2023 – Delegazzjoni mill-Kumitat Direttiv attendiet għal laqgħa organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa għall-għaqdiet tal-Mellieħa u l-Manikata.

4 t'Awwissu 2023 - Afternoon Bingo & Tea fis-sala ewlenija tal-Każin Imperial organizzat mill-Kummissjoni Banda u Kor.

14 t'Awwissu 2023 - Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Marija Assunta ċċelebrata fil-Mosta.



20 t'Awwissu 2023 - Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' Marija Assunta ċċelebrata fl-Imġarr, Malta.

27 t'Awwissu 2023 - Il-Banda Imperial ħadet sehem waqt il-festa ta' San Ġużepp iċċelebrata fil-Manikata.



# IMPERIAL BAR

*We give appetizers with drinks*

For good Maltese food and genuine drinks the Imperial Bar is the place to be ...

Specialising in Malt, Whiskey & Gin

Pjazza tal-Parroċċa, Mellieħa
Tel: 79296738 (Alfred Xuereb)





Ph Borg Ltd.
FUEL & LPG SUPPLIER
WE DELIVER FUEL AND LPG TO
Hotels Domestic Industrial Farms Yachts
WE FOCUS ON
Timely deliver
24/7 delivery service
Flexible credit terms
Excellent quality products
... all of which are offered by our trained staff and well equipped vehicles.
FUEL & L.P.G SUPPLIER
Ph.Borg Ltd.
Joseph Yard, Triq Il-Prinjol, Wied Il-Ghasel, L/O Naxxar, NXR 6345
mob: 9949 1177 web: www.phborgltd.com email: info@phborgltd.com
find us on facebook


EST. 1927
Dingli Butcher
MELLIEHA
: 21523588
: Dingli Butcher Mellieħa


Julie's
lifestyle
Unisex Hair Salon
Fortizza Street,
Mellieħa
Tel: 2152 3332
Mob: 7920 2627


agalaya
BEAUTY CLINIC
Tel: 21524002


Café • Bar • Grill
Ċavett
Place
EST. 2003
Made with love
Triq il-Kbira, L-Imġarr, Malta
Mobile: 9978 8449



# Nifirħu lil...

- Steven Fenech li flimkien mal-partners tażżfin tiegħu kellu diversi riżultati pożittivi f'ħafna kompetizzjonijiet differenti, fosthom l-ewwel post fil-*Ballroom* u fil-*Latin* f'Settembru 2022 fil-Belġju, l-ewwel post fil-*Ballroom* u fix-*Show Dance* f'Novembru 2022 f'Malta, l-ewwel post fil-*Freestyle Show Dance*, fil-*Latin* u fil-*Ballroom* f'April 2023 fl-Olanda, l-ewwel post fil-*Latin* u fil-*Freestyle Show Dance* f'Ġunju 2023 fil-Polonja, u l-ewwel post fil-*Latin* f'Awwissu fil-Ġermanja. Steven ħa sehem ukoll fil-filming li sar f'Marzu 2023 ta' 'The Dancing Detective: A Deadly Tango' bi produzzjoni ta' Hallmark.



- Rev. Karl Andrew Schembri li ġie ordnat djaknu mill-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles Jude Scicluna.
- Is-Sur Evarist Bartolo li ngħata l-Onorefiċenza ta' Ġieħ il-Mellieħa; il-mibki Anton Tanti, il-Grupp Katekisti tal-Parroċċa tal-Mellieħa, il-Mellieħa Sports Club u l-Onorevoli Ivan Castillo li ngħataw l-Onorefiċenza ta' Rikonoxximent il-Mellieħa; u s-Sra Clare Jackson, is-Sur Gary Gauci u Fr Denis Schembri li ngħataw l-Onorefiċenza ta' Apprezzament il-Mellieħa.



- Is-Sindku tal-Mellieħa, is-Sur Dario Vella, li ġie onorat mill-Ordni ta' San Lazzru ta' Ġerusalemm bil-premju ta' mertu għall-ħidma u l-ġid li jwettaq fil-komunità.
- L-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda f'għeluq il-75 anniversarju mit-twaqqif tagħha.
- L-Għaqda tan-Nar Marija Bambina li rebħet il-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Ajru 2023.
- Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li ġie fl-ewwel post fil-kategorija 'Local Councils Award 2022' u fit-tieni post fl-2021. Dawn l-awards jingħataw bħala rikonoxximent u apprezzament għall-attivitajiet u inizjattivi sportivi.
- It-tim tal-baskitbol Mellieħa Libertas għar-rebħ tagħhom tat-Tazza Louis Borg.
- It-tim Northenders tad-diversi rebħiet li kisbu fosthom the National Slow Pitch League u the National Baseball Championship.
- Il-ħaddiema tal-Active Ageing and Community Care Mellieħa li kklassifikaw fit-tieni post matul is-serata tal-Active Ageing and Community Care Employee Awards 2022.
- Il-kantanta Alexia Micallef li rebħet ir-raba' edizzjoni tal-festival 'Kantamagħna' li sar f'Jannar 2023.
- Dawk kollha li għamlu suċċess fl-istudji jew f'xi dixxiplina partikolari li jipprattikaw u nawgurawlhom iktar suċċess f'dak kollu li jaħdmu għalih.

# SALA IMPERIAL

* * * **mgħammra b'arja kundizzjonata** * * *

Ideali għal kull tip ta' **riċeviment**, bħal tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u tal-Anniversarji





Tintrama ukoll għal **konferenzi**, ***workshops*** u ***seminars***

*Jekk qed tipprepara għal xi* ***attività soċjali****,*
*kellimna u toħroġ sodisfatt żgur!*

*Għal aktar informazzjoni, avviċinaw lill-membri tal-Kumitat*

Tel.: 21 520 536
e-mail: info@imperialbandclub.com
facebook: fb.me/imperialAD1930


Aalayah's
Stop & Shop
12, Main Street
Mellieħa.
FREE PACKET OF
WATER WITH
EVERY €33 SPENT
OPEN ALL DAY
FROM MONDAY TO SUNDAY
FREE DELIVERY TO
MELLIEHA
Find us on
Facebook


THE CATERER
Ernest Vella,
Triq in-Nahal, Mellieha
+356 2152 3023
+356 9923 8591
Fresh Bread, Frozen Food, Cakes,
Pastries, Sweets & More!
We also cater for Weddings,
Parties, Events & Outside Catering
Visit our shop for our full range of
products!
www.thecaterer.com.mt
info@thecaterer.com.mt
Find us on
Facebook



# Niftakru f'ħutna li ħallewna

**Gaetano Sultana**
2 ta' Settembru 2022

**Andrew Vella**
6 ta' Mejju 2023

**Anthony Cauchi**
23 ta' Ġunju 2023

**Mary Bartolo**
5 ta' Lulju 2023

***Agħtihom O Mulej il-Mistieħ ta' Dejjem. Ammen.***

Green Valley
Triq il-Fortizza Mellieħa,
Tel: 21520080 • Mob: 7905 1874
E-mail: greenvalley.ra@gmail.com
This Discount Store with
daily Fresh Fruit and vegetables!
We are open 7 days a week
from 6.30am till 8.00pm
Sundays and public Holidays
from 8.00am till 1.00pm
We do free deliveries
Join our loyality card!





*Apprezzament*

# Gaetano Sultana (1944- 2022)

## *Kien jifraħ bil-bosta meta kien iferraħ 'il ħaddieħor...*




Din hija l-aktar espressjoni li biha tista' tiddeskrivi li Gejtu Sultana. Gejtu trabba u għex il-Mellieħa, persuna popolari ħafna fostna l-Melleħin. Għex ħajja sempliċi imma kellu sens ċiviku kbir. Kien imżejjen b'ħafna talenti li ma żammhomx għalih iżda użahom u qasamhom mal-komunità ta' madwaru. Tul bosta u bosta snin Gejtu ta s-servizzi tiegħu lill-Mellieħa f'għadd ta' oqsma mingħajr qatt ma talab xejn lura. Kien maħbub minn kulħadd u kellu ħabta kif iżellaq kelmtejn waqt diskursata li kienu jnisslu tbissima fost dawk ta' madwaru.

Fl-1993 Gejtu kien ikkontesta b'suċċess l-ewwel elezzjoni għall-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u serva bħala Kunsillier fl-ewwel Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Għal diversi snin ta servizz lill-parroċċa tal-Mellieħa fejn kien janima l-quddies tal-ewwel. Kien ukoll membru attiv tal-Kor 'Għalenija'.

Gejtu kellu għal qalbu wkoll it-teatrin. Fis-snin sebgħin kien jifforma parti mill-grupp teatrali Għaqda Spartani Melleħin. Aktar tard huwa kien membru attiv tal-Għaqda Teatrali 'Mellieħa Stage Friends'.

Gejtu ħadem qatigħ għal snin twal fl-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina tal-Mellieħa. Kien membru tal-kor u serva bħala segretarju tal-istess għaqda sa mewtu. Kien jifforma wkoll parti mill-grupp 'Simar', grupp folkloristiku fi ħdan l-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

Ta' sikwit kien ikun mistieden biex ikanta f'attivitajiet soċjali kemm fil-Mellieħa kif ukoll 'il barra minnha. Kienet l-hena tiegħu jkanta kanzunetti antiki Maltin, siltiet operistiċi u kanzunetti Taljani, l-aktar dawk Naplitani. Diversi drabi Gejtu kien ikun mistieden mill-Awtorità Nazzjonali tat-Turiżmu biex ikanta barra minn xtutna waqt attivitajiet promozzjonali. Għal sentejn konsekuttivi, huwa kien mistieden biex ikanta ma' orkestra sinfonika fl-Iskozja.

Bla dubju l-għana kienet ferm għal qalb Gejtu. Kien għannej magħruf kemm f'Malta u kemm f'Għawdex. Kellu ħila straordinarja għall-għana spirtu pront. Kien dejjem korrett fi kliemu u qatt ma qabeż il-linja. Kellu wkoll talent biex jikteb il-versi għall-għana, l-aktar għall-għana tal-fatt. Mhux darba jew tnejn waqt li kien ikun jgħanni quddiem udjenza barranija kien jgħanni bil-lingwa tagħhom l-aktar jekk ikunu Taljani. Kien jieħu sehem ukoll fil-Festival tal-Għana li kien isir fl-Argotti fil-Furjana. Għal xi snin kien ukoll iħarreġ għannejja żgħażagħ promettenti biex jieħdu sehem fl-istess festival.



Ta' mezzetà Gejtu tħajjar jitgħallem strument. Tgħallem idoqq il-baxx u ngħaqad mal-Banda Imperial. Minbarra li kien idoqq mal-banda, xi drabi kien ikanta wkoll waqt programmi mtellgħin mill-istess banda. Kien mużiċist eżemplari u baqa' jservi l-Banda Imperial sakemm il-Mulej għoġbu jsejjaħlu għal għandu għalkemm saħħtu ma baqgħetx li kienet.

It-telfa ta' Gejtu hija telfa wkoll għall-attività kulturali fil-Mellieħa. Jalla jkollna aktar persuni bħal Gejtu li jagħtu dak li jafu għall-ġid komuni. Ta' dan kollu ngħidulu *'Grazzi Gejt… strieħ fis-sliem'*.



# Proġett – Restawr tal-Faċċata tal-Każin Imperial

L-Għaqda Mużikali Imperial ilha għal dawn l-aħħar erba' snin għaddejja bix-xogħol sabiex tbiddel id-dehra tal-faċċata tal-Każin Imperial. Għad li l-proċess ħa fit-tul iktar milli kien mistenni, partikolarment minħabba dewmien fl-approvazzjoni ta' dan ix-xogħol mill-awtoritajiet konċernati, fl-aħħar irnexxielna ntemmu dan il-proġett b'suċċess.



Disinn tal-faċċata l-antika tal-Każin Imperial (fuq) u ieħor tal-faċċata l-ġdida tal-każin (taħt).



Id-disinn tal-faċċata l-ġdida tal-każin sar mill-iskultur Emanuel Cini u dan kien approvat mill-Perit Joseph Attard qabel ma kien sottomess għand l-Awtorità tal-Ippjanar. Il-ħsieb wara dan ir-restawr kien li l-faċċata tal-każin issir fuq stil Neoklassiku, stil li jaf l-oriġini tiegħu lejn nofs is-seklu tmintax. Dan l-istil joqrob lejn l-istil klassiku tal-arkitettonika billi josserva l-proporzjonijiet tal-bini, iżda fl-istess waqt inaqqas minn ċertu dettalji (bħal pilastri u kaptelli) biex ikun iktar addattat għaż-żminijiet tal-lum. Dawn ix-xogħlijiet fuq il-faċċata jikkumplimentaw sew ix-xogħol fuq stil Joniku li sar is-sena l-oħra fuq ġewwa tal-każin, b'mod speċjali fit-taraġ li jagħti għat-tieni sular, xogħol li sar ukoll fuq id-disinn u taħt is-superviżjoni tal-iskultur Cini.

Fost affarijiet oħra li kien jirrikjedi l-istil tal-faċċata, il-qisien tal-bibien tal-każin kellhom jiġu modifikati sabiex jimxu mal-proporzjonijiet neċessarji. It-tliet bibien tal-gallarija fit-tieni sular tal-każin ġew imdejqa, filwaqt li l-bieb tan-nofs fis-sular t'isfel ġie iktar għoli u t-tieqa li kien hemm fuq in-naħa tal-lemin infetħet bieb tal-istess qies bħal dak fuq in-naħa tax-xellug. Biex dan ix-xogħol seta' jsir, il-Perit Attard ħa ħsieb li jidħlu t-travi li kien hemm bżonn. Il-burdura tal-bibien iżżejnet





*Ritratt tal-faċċata l-antika tal-Każin Imperial (xellug) u ieħor tal-faċċata l-ġdida tal-każin (lemin).*





*Waqt ix-xogħol fuq il-faċċata*





b'xogħol fuq il-ġebla tal-franka fuq l-istess stil, iddisinjat ukoll mill-iskultur Cini. Il-bibien saru tal-injam iroko sabiex ikunu jifilħu għall-elementi ta' barra u nżebgħu kulur aħdar skur skont l-iskema ta' kuluri aċċettati mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

Minbarra l-aspett estetiku, fid-disinn ġew inkorporati wkoll aspetti prattiċi. Il-bieb prinċipali tal-każin ġie maħsub b'tali mod illi jkun jista' jinfetaħ kollu. B'hekk idawwal id-daħla tal-każin u jagħti dehra iktar miftuħa lis-sular t'isfel, li tikkomplimenta x-xogħol li sar f'dan is-sular. Apparti minn dan, ix-xogħol li sar hu maħsub diġà sabiex, meta jkollna l-permessi meħtieġa biex inbaxxu l-livell tal-art tal-ewwel sular, id-daħla prinċipali tkun aċċessibbli wkoll għal persuni li jagħmlu użu minn siġġu tar-roti. B'hekk inkomplu ntejbu l-aċċessibbiltà għall-każin għal kulħadd mingħajr distinzjoni.

Dan ix-xogħol seta' jsir grazzi għal fondi li l-Għaqda Mużikali Imperial ingħatat mill-iskema "Irrestawra Darek 2018" amministrata mill-Awtorità tal-Ippjanar, u grazzi wkoll għal diversi nies li ħadmu sabiex dan il-proġett seta' jseħħ. Nibdew bid-diversi volontiera li għenu biex dan ix-xogħol seta' jsir, b'mod speċjali s-Sur Lawrence Vella tal-għajnuna tiegħu fix-xogħlijiet fit-tieni sular. Lis-Sur Frankie Bartolo li ħadem u poġġa x-xogħol ta' lavur tat-tliet bibien tat-tieni sular, is-Sur Lino Calleja li ħadem il-lavur tat-tliet bibien tal-ewwel sular, u s-Sinjuri Stephen u Mark Galea li poġġew ix-xogħol tal-lavur tal-ewwel sular. Lid-diretturi u l-ħaddiema tal-kumpanija JDS Furniture li ħadmet il-bibien kollha taż-żewġ sulari. Lis-Sur Stephen Grima li pprepara d-disinni tal-faċċata b'mod diġitali, lill-Perit Joseph Attard tax-xogħol tiegħu fuq il-pjanti u l-ħtiġijiet strutturali neċessarji f'dawn ix-xogħlijiet. Fl-aħħar imma żgur mhux l-inqas, lill-iskultur Emanuel Cini li kien il-moħħ wara d-disinn kollu tal-faċċata u t-tifsila tal-bibien, kif ukoll li għamel superviżjoni kontinwa tax-xogħlijiet kollha.








# Messaġġ mill-Ministru għat-Turiżmu

**L-Onor. Clayton Bartolo**



Għeżież Melleħin,

Festa oħra ad unur il-patruna Marija Bambina reġgħet magħna. Huwa tassew żmien sabiħ li fih il-komunità tal-Mellieħa tingħaqad biex tiċċelebra ġimgħa ta' festa tant mistennija.

F'dawn il-jiem ta' ċelebrazzjoni għandna nkunu grati lejn in-numru ta' voluntiera li b'dedikazzjoni jaħdmu matul is-sena kollha fi żmien fejn il-volontarjat fil-festi kulturali u reliġjużi jibqa' ta' relevanza kbira.

L-Għaqda Mużikali Imperial Mellieħa minn dejjem kienet fost il-protagonisti ewlenin biex il-festa f'din il-lokalità tkun waħda li tagħti pjaċir kemm lir-residenti kif ukoll lil dawk li jżuru l-Mellieħa fil-ġimgħa tal-festa.

Il-festa ta' Marija Bambina hija opportunità biex tkun vetrina kulturali u reliġjuża li fiha nuru t-tradizzjonijiet tagħna bħala Maltin u Għawdxin.

Irrid nirringrazzja lill-President, il-kumitat u l-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial Mellieħa tal-ħidma li għamiltu fl-aħħar xhur bi preparazzjoni għall-festa ta' din is-sena.

Finalment, inħeġġiġkom biex tkomplu bil-ħidma tagħkom sabiex il-festa fil-lokalità tagħna tkompli tikber kif verament jixraq lil ommna Marija Bambina.

Il-festa t-tajba!








# Messaġġ mill-Ministru għall-Ġustizzja

L-Onorevoli Dr Jonathan Attard



Ħbieb, għal sena oħra, bi pjaċir qiegħed ningħata din l-opportunità biex inwassal il-messaġġ tiegħi fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Bambina. Irrid minnufih infaħħar is-sens ta' dedikazzjoni u impenn tal-Għaqda Mużikali Imperial, mhux biss matul iż-żmien li jwassal għall-festa tant mistennija, imma matul is-sena kollha. Ngħid dan partikolarment fi żmien meta kulħadd jista' jara u japprezza l-ħidma li saret u għadha għaddejja fil-każin. Din hija ħidma li mhux biss se titgawda mill-membri tal-għaqda imma mill-komunità kollha.

Il-festi bla dubju huma parti essenzjali immens mill-kultura u mill-identità lokali u jgħaqqdu ħafna nies ġejjin minn aspetti differenti tal-ħajja. Fil-festi l-aspett reliġjuż jingħaqad b'mod intrinsiku ma' dak tradizzjonali u popolari. Dawn il-festi huma frott tax-xogħol, is-sagrifiċċji u l-impenn tal-membri involuti u anki bis-saħħa tal-qraba tagħhom li sena wara l-oħra jagħtu l-appoġġ meħtieġ lil dawn il-membri tant dedikati.

L-Għaqda Mużikali Imperial dejjem ħadmet sabiex flimkien mal-għaqdiet l-oħra kollha Melliħin, mal-Arċipriet u mal-Kunsill Lokali, il-festa tal-Mellieħa tkun waħda mill-isbaħ festi f'Malta u Għawdex.

Personalment, inħares 'il quddiem biex kif għamilt kull sena minn mindu ġejt noqgħod f'din il-lokalità, ingawdi mal-familja u l-ħbieb tiegħi din il-festa tant għażiża.

Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-President is-Sur Josef Borg, lill-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial tal-ħidma bla waqfien tagħhom u lil qrabathom tas-sapport kontinwu.

F'ismi u f'isem il-familja tiegħi nawgura minn qalbi l-festa t-tajba lill-Melliħin kollha.

*Inħarsu l-ambjent naturali ta' pajjiżna*

**The Veggie Truck**
Mobile Fruit And Veg Specializing in the very best local and imported produce
*David Vella (Owner)*
*9962 9372 / 9965 7483*
*Delivery Service Available*
*jovella1@gmail.com*





# Going Green – Crafting Workshops at the Imperial

**Amanda Jenkins**

Moving from Shropshire in the UK to Malta early last year was a huge change. The Imperial Band Club soon became an integral part of my life and I extend my gratitude to the Club for the warm welcome and for the friendships that have been formed. As someone who isn't musical, I have been particularly drawn to the uniqueness of banding in Malta and to the social history aspects of the Imperial Band. It has been a real privilege to look through decades of old photographs in the archive detailing past events and social activities. Photographs of faces that smile at us from the past and our unique - often poignant - position of knowing what the future will be at a time when those photographed did not. It is the photographs of these past events which link in with some of the work that I have done previously in the UK and one black and white photograph, in particular, of children at a Christmas party many years ago, wearing handmade paper hats, was especially affecting.

With a local government background in Adult Education and Community Development, I have for a long time, been interested in the wider social, environmental and economic benefits of creating more sustainably by reusing and repurposing recycled and found resources. Mellieħa is surrounded by a beautifully rich and diverse natural environment, and we are all increasingly aware that we each have a responsibility to lessen the impact that we have upon the natural world. Nothing that we throw away or recycle disappears completely. Things just 'go' somewhere else so perhaps by thinking more creatively about how we can repurpose and reuse, we can all contribute in part to a more sustainable environment. Many of us will remember our parents and grandparents mending things, passing down clothes, buying food that wasn't packaged in plastic and never throwing things away. The concept of being thrifty and recycling isn't a new one and it has been a real pleasure to be able to share these interests and ideas with others at the club through our craft workshops which started at the end of last year.



Our sessions focus upon 'Wellbeing' and the positive aspects of coming together in a safe and relaxing environment to learn and to share ideas in ways that do not harm the environment. The 'Five Ways to Wellbeing' (Connect with others, Get Active, Take Notice, Learn and Give) and the rationale behind these 'ways' was, from the outset, an intrinsic part of the session planning. Workshops began in November with a series of Christmas Craft sessions. The idea was to reuse and repurpose everyday items that we would ordinarily throw away. We met on Saturday










mornings, and alongside cups of tea and biscuits, we used pre-loved fabrics, old curtain rings, pine cones, scraps of wood (very kindly donated by a member of the band) and recycled paper to make door wreaths, little wooden houses, gift tags, cards and decorations.

The Christmas sessions were followed in the spring with four more workshops themed around paper, fabric and metal. We decorated tin cans, embossed used kunserva tubes and used can ring-pulls as picture hangers. Pre-loved fabric was used to weave on to cardboard box looms and we explored making yarn out of old tee-shirts. Recycled paper became paper roses on wooden stems and one of







our group showed us how to fold old paper sheets to make beautiful inserts for cards.

Our final workshop before the summer focussed on fabric. It is estimated that 92 million tonnes of textile waste goes into landfill globally each year (Source: earth.org). All of the textiles that we use during our sessions are pre-loved and sourced from old clothing, curtains, bedlinen, etc. (some very kindly donated by another member of the band). Torn and threadbare sheets were cut up and dyed using natural plant dyes (onion skins, rose petals, avocado stones and seeds) and we used simple slow stitching techniques to create fabric collages and 'stories'. An old pair of jeans, some vintage buttons and thrifted beads became colourful denim brooches and little circles of cotton were stitched together to make fabric flowers on lolly pop stems.

Going forward, we have sessions planned for the Autumn and for Christmas and we are really keen to expand upon our environmental commitment by meeting for a beach clean to gather driftwood and found resources that we can then repurpose during our future sessions. Plans are also underway for a piece of community art as well as 'open' sessions where people can bring along a craft that they are working on at home, and a wider intergenerational project which will look at the sharing of traditional craft skills and thrift ideas with members of the wider community (including ways to mend and repair).

Our workshops at the Imperial guarantee a very warm welcome and we are always open to new ideas of ways to create in a sustainable way. If you have a skill that you would like to share with others, we would love to hear from you so do please get in touch with us. The benefits to our wellbeing of coming together and learning new skills is well documented and if you would like to join us but you're not too sure about coming on your own, we can meet up beforehand. We are also very grateful to accept donations of things that we can reuse in our sessions (for example, old fabrics, buttons, scraps of wood, greetings cards). Together, we really can make a difference.

### Dates for the Diary:

- Saturday 30 September – Beach Clean (meet at 9am at Marfa, beach entrance opposite the Riviera Hotel)
- Saturday 7 October (10am – 12noon) – Autumn Crafts
- Saturday 14 October (10am – 12noon) – Autumn Crafts
- Saturday 25 November (10am – 12noon) – Christmas Twig Trees and Paper Decorations
- Saturday 2 December (10am – 12noon) – Collage Christmas Cards and Gift Tags
- Saturday 9 December (10am – 12noon) – Scrap Fabric Baubles and Clothing Peg Angels







# It-tagħlim tal-mużika fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial

It-tagħlim tal-mużika hu pilastru li fuqu hi mibnija l-Għaqda Mużikali Imperial. Sa minn meta rat it-twaqqif tagħha, dan it-tagħlim tista' tgħid ma qata' qatt u n-numru ta' studenti li ħadu l-edukazzjoni mużikali tagħhom mill-għaqda tagħna mhux faċli li tgħoddu. Sabiex dan it-tagħlim jibqa' relevanti, hemm bżonn li jibqa' jaġġorna ruħu maż-żminijiet għax dak li kien jgħodd snin ilu mhux bilfors li għadu jgħodd illum. Ir-realtajiet jinbidlu u l-avvanz fl-oqsma edukattivi u mużikali jridu jkunu riflessi fit-tagħlim li jingħata jekk irridu li dan verament ikun tal-aħjar livell.

Il-ħtieġa li t-tagħlim mużikali fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial jingħata spinta 'l quddiem u ssir riforma sħiħa f'dan il-qasam kienet ilha tinħass, tant li din kienet waħda mill-prijoritajiet tal-Kumitat Direttiv għas-sena 2022. Wara diversi laqgħat ta' konsultazzjoni bejn il-partijiet konċernati kollha, fosthom is-Surmast Direttur u l-għalliema tal-mużika, il-Kumitat Direttiv ħa d-deċiżjoni li jkun hemm bidla fl-għalliema tal-mużika u fil-mod ta' kif isir it-tagħlim. F'Novembru u Diċembru 2022 ġew maħtura żewġ għalliema żgħażagħ ġodda. Dawn huma s-Sur Manuel Cassar li beda jgħallem l-istrumenti tal-injam u s-Sur Mark Vella li beda jgħallem l-istrumenti tar-ram. Inbidlet ukoll is-sistema tat-tagħlim li konna qed inħaddnu sabiex illum it-tagħlim tat-teorija u l-prattika tal-istrument jimxu iktar id f'id. Ir-riċerka turi li l-istudenti jitgħallmu aħjar meta jpoġġu fil-prattika dak li qed jitgħallmu, u għalhekk ħassejna li spiċċa ż-żmien li student jagħmel numru ta' snin jitgħallem it-teorija mingħajr ma jmiss strument b'idejh. Dan ma jfissirx li t-tagħlim tat-teorija u dak li nsejħulu solveġġ m'għadux importanti, iżda meta dan isir mal-prattika tal-istrument jieħu dimensjoni oħra li tolqot iktar lill-istudenti u għalhekk hija aktar effettiva.

Din il-bidla tidher li bdiet tħalli l-frott mixtieq għax in-numru ta' studenti attwali żdied sostanzjalment. Dan huwa biss il-bidu ta' proċess sħiħ li nittamaw li nkomplu nattwaw fix-xhur u s-snin li ġejjin sabiex l-Għaqda Mużikali Imperial tkun minn ta' quddiem nett fit-tagħlim mużikali fil-Mellieħa. Qegħdin naħdmu sabiex l-għaqda tagħna tkun minn ta' quddiem sabiex tissieħeb fil-proġett li se tkun qed tniedi l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda li b'kollaborazzjoni mal-MCAST fix-xhur li ġejjin. Dan jinvolvi kurrikulu komuni msejjes fuq il-livelli tal-Malta Qualifications Framework sabiex it-tagħlim li jsir fl-iskejjel tal-mużika fil-każini ta' Malta u Għawdex jibda jingħata rikonoxximent formali mill-awtoritajiet edukattivi, u mhux rikonoxximent informali kif qed isir s'issa.

Il-Kumitat Direttiv jirringrazzja lill-għalliema preċedenti, is-Sur Geoff Thomas, is-Sur Philip Schembri u s-Surmast Anthony Borg tal-impenn u d-dedikazzjoni tagħhom għal ħafna snin fit-tagħlim tal-mużika fi ħdan l-Għaqda Mużikali Imperial.

## Is-Sur Manuel Cassar



Manuel Cassar għandu 24 sena u huwa minn Għajnsielem Għawdex. Minn età żgħira dejjem kien jieħu gost bil-baned. Ta' 8 snin oħtu ħajritu biex jibda jmur jitgħallem strument mal-każin tal-banda tar-raħal, il-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem. F'dak il-każin sab l-ewwel għalliema tiegħu, Anthony u Joe Galea, li introduċewh għat-teorija u l-istrument li llum il-ġurnata qed jispeċjalizza fih, il-klarinett. Ħareġ idoqq għall-ewwel darba mal-imsemmija banda fl-24 ta' Diċembru tal-2010 f'purċissjoni qasira li

saret għall-festa tal-Milied.

Meta kellu 12-il-sena ddeċieda li jkompli jistudja l-mużika b'aktar serjetà u għalhekk għażel il-mużika bħala suġġett ewlieni fl-iskola sekondarja u eventwalment ġab l-'O' level fil-mużika. Ta' 16-il sena, meta beda jmur l-iskola postsekondarja Sir M.A. Refalo, Manuel għażel li jkompli javvanza fil-mużika u b'hekk ħa s-suġġett tant għal qalbu fil-livell Avvanzat, fejn kompla l-istudju tat-teorija, analiżi u l-istorja ma' Mro Joseph Grech. Meta beda jattendi l-Università ta' Malta, hu kompla l-istudju tiegħu f'dan l-istess suġġett permezz tal-kors li toffri l-Università ta' Malta ta' B.A. (Hons.) fil-mużika. Matul dawn it-tliet snin iffoka fuq il-mużika tal-films u saħansitra għamel it-teżi tiegħu wkoll fuq dan is-suġġett fejn ikkompona diversi siltiet mużikali għall-films. Wieħed minn dawn il-films kien animazzjoni qasira fejn ħadem ma' animatur biex b'hekk ivvintaw u għaqdu storja animata qasira flimkien u fl-aħħar imbagħad ikkompona l-mużika għaliha. F'dan iż-żmien ukoll kellu l-opportunità li jaħdem ma' industrija lokali tal-films 'Stargate' fejn ix-xogħol ewlieni tiegħu kien ta' sound designer. B'riżultat ta' dan kollu, il-ħidma tat il-frott hekk kif bl-istudju u r-riżultati tajbin ġab il-baċellerat tiegħu fil-mużika mill-Università ta' Malta.

Id-daqq tal-istrument fi żmien tal-Università ma abbandunahx, anzi huwa propju f'dak il-perjodu li ddeċieda li jibda jitgħallem il-klarinett b'aktar dettall. Kien jistudja ma' Godfrey Mifsud u aktar tard ma' Michael Bonanno.

Preżentament Manuel jgħallem l-istrumenti tal-qasba f'diversi baned kemm Malta kif ukoll Għawdex.

## Is-Sur Mark Vella



Mark Vella (Dip. LCM) beda l-istudji mużikali tiegħu taħt id-direzzjoni ta' Lawrence Bonnici fl-età ta' 9 snin u daqq għall-ewwel darba mal-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat, Malta, f'Diċembru tal-2009. L-ewwel strument mużikali tiegħu kien l-*isnare drum*, imma wara xi ftit taż-żmien Bonnici ssuġġerixxa li jibda l-istudju tal-ewfonju wkoll. Fl-2015 beda l-istudju fuq it-trumbun. Kompla l-istudju mużikali tiegħu ma' diversi għalliema, fost l-oħrajn Joseph Vella, Roderick Bugeja, Tancred Grech, Luke Vella u Kristian Schembri. Fis-sena 2023 Mark kiseb l-ewwel diploma mil-London College of Music fil-prattika tal-ewfonju.

Mark ħa sehem f'diversi masterclasses mużikali ma' diversi mużiċisti rinomati fosthom David Thorton, Daniel Thomas, Mauro Martins, Mario Barsotti, Diego Di Mario, Archangelo Fiorello u Luciano De Luca. Huwa qed ikompli l-istudju fuq l-ewfonju taħt id-direzzjoni ta' Mro Luciano De Luca fi ħdan l-Accademia Italiana di Euphonium ta' Ruma, l-Italja. Mark qed isegwi wkoll id-Diploma in Wind Band Studies mal-Università ta' Malta.

Preżentament Mark huwa għalliem tal-istrumenti tar-ram u perkussjoni f'diversi baned lokali, kif ukoll assistent surmast mal-Għaqda Mużikali Marija Assunta tal-Gudja u mas-Soċjetà San Pawl Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat.

ALKOVA
SHOES FOR ALL THE FAMILY
SELECTION OF HANDBAGS

Opening Hours
Monday to Saturday 9.30am - 1.30pm & 4.00pm - 8.00pm

Ġorġ Borg Olivier Street, Mellieħa
Tel: **2152 1211** Mob: **7992 3060**



# When you feel like quitting, think about why you started

Pippa Roberts

Steven Fenech who is well known in Mellieħa, has had a great year with his two partners Sarah Farrugia and Andrea Naumann Clement. The Malta Open Dance Spectacular held by the Malta Wheelchair Dance Sport Association (MWDA) was held at the Basketball training stadium at Ta' Qali as Pippa had a premonition that the weather was going to be bad and if it rained, the University Sports Hall would have big problems. The heavens opened and we had the worst weather possible for the two days, which really taxed the organisers and in particular Steve as he was also dancing as well as helping with the organisation.




Steve with Sarah won the Malta Open Dance Spectacular Freestyle Championship and Steve with Andrea Naumann from Germany won the Ballroom Championship. Despite the bad weather, all the competitors (15 countries), together with friends, relatives and visitors had a great time with the highlights of the event being the special opening and the team match. The theme on this occasion was integration.

Dancing to Another Brick in the Wall, wheelchair dancers including an electric wheelchair first danced separate from the adjudicators and the Pippa Gee Dancers and then together after the wall in the middle of the dance floor was removed. This year for the first time, special needs dancers also took part from three countries. Steve with Andrea also took part in the film called The Dancing Detective which was all filmed in Malta and is a Hallmark Production, they had a few dancing scenes in it they had a great time whilst filming.

Moving into 2023 Steve participated with both partners at the Holland Dans Spektakel, The Polish Open Championships and the German Open Championships, winning all their events. The couple were also invited to perform in the final programme of the programme "Brilliante Dance". Steve is now looking for a new Latin American partner to carry on performing after his partner retires later this year.

The Open Dance Spectacular 2024 is now being planned and anybody who is interested in sponsoring Steve in the coming year or the event should contact the Malta Wheelchair Dance Sport Association (MWDA): maltawda@yahoo.co.uk







Il-Festa
t-Tajba
REĠJUN TRAMUNTANA



# Programm t'Attivitajiet
## organizzati mill-Għaqda Mużikali Imperial fl-okkażjoni tal-Festa ad unur
# Marija Bambina
## Patruna tal-Parroċċa tal-Mellieħa 2023

### It-Tlieta, 22 t'Awwissu 2023

**6.00p.m.** Tombla speċjali organizzata mill-Kummissjoni Banda u Kor tal-Għaqda Mużikali Imperial.

### Il-Ġimgħa, 25 t'Awwissu 2023

**8.00p.m.** Barbecue f'Misraħ il-Parroċċa. Ikun hemm kant u divertiment ieħor, kif ukoll diversi mistednin speċjali fosthom Joe u Alice Grech.

### It-Tnejn, 28 t'Awwissu 2023

**7.30p.m.** Kunċert ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### It-Tlieta, 29 t'Awwissu 2023

**8.00p.m.** Riċeviment fil-każin għall-membri tal-kumitati, bandisti, u membri tal-kor, flimkien mal-familjari tagħhom.

### L-Erbgħa, 30 t'Awwissu 2023

**8.00p.m.** Laqgħa soċjali għall-emigranti Melleħin li jkunu fostna biex flimkien magħna jiċċelebraw il-festa ta' Marija Bambina.

### Il-Ħamis, 31 t'Awwissu 2023

**6.30p.m.** L-Għaqda Mużikali Imperial tieħu sehem fiċ-ċelebrazzjoni reliġjuża fil-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' 'Jum l-Għaqdiet Ċiviċi'.

**7.30p.m.** Kunċert ġenerali tal-Programm tal-Festa mill-Banda u l-Kor Imperial fis-Sala tal-Każin taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg.

### Is-Sibt, 2 ta' Settembru 2023

**8.00p.m.** Programm Vokali u Strumentali mill-Banda u l-Kor Imperial taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg f'Misraħ il-Parroċċa. Wara jsir riċeviment fis-sala tal-każin.

### It-Tnejn, 4 ta' Settembru 2023

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial li jibda minn Triq l-Għerien, jgħaddi minn Triq Snajjin, Triq il-Kbira, Triq Ġorġ Borġ Olivier, Triq San Luqa u Triq il-Parroċċa, u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

### It-Tlieta, 5 ta' Settembru 2023

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda L'Isle Adam tar-Rabat, Malta, li jibda minn Triq Qasam Barrani, jgħaddi minn Triq Vincenzo Ciappara, Triq Napuljun Caruana Dingli, Triq it-Tħin, Triq il-Mitħna l-Ġdida u Triq il-Parroċċa, u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

## L-Erbgha, 6 ta' Settembru 2023

**8.30p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Mitħna l-Qadima, jgħaddi minn Triq San Ġużepp, Triq Franġisk Żahra, Triq il-Kbira, Triq Sant'Anna u Triq il-Parroċċa, u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**11.00p.m.** Tlugħ tal-istatwa ta' Malta fuq il-pedestall waqt li l-Banda Imperial iddoqq l-Innu Nazzjonali Malti. Wara jitkompla l-marċ sa quddiem il-knisja.

## Il-Ħamis, 7 ta' Settembru 2023

**7.15p.m.** Marċ mill-Banda Imperial minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq tas-Salib, Triq Sant'Anna, Triq il-Parroċċa u jispiċċa f'Misraħ il-Parroċċa.

**9.30p.m.** Il-Banda u l-Kor Imperial jesegwixxu l-Innu lil Marija Bambina. Il-Programm jingħalaq bid-daqq tal-innu-marċ popolari 'Tal-Iljun' flimkien mal-Innu Banda Imperial.

## Il-Ġimgha, 8 ta' Settembru 2023

**6.00p.m.** Marċ mill-Banda San Sebastjan tas-Soċjetà Filarmonika Pinto ta' Ħal Qormi minn Triq il-Parroċċa sa Misraħ il-Parroċċa. Tindaqq l-Ave Maria mal-ħruġ tal-istatwa tal-Bambina mill-bieb tal-knisja. Wara jittella' programm mużikali mill-istess banda quddiem il-każin li jilħaq il-qofol tiegħu bid-daqq tal-Innu lil Marija Bambina mal-wasla tal-istatwa tal-Bambina quddiem il-Każin Imperial.

## Is-Sibt, 9 ta' Settembru 2023

**9.00a.m.** Għax-xalata tal-għada tal-festa, se tkun organizzata mawra bid-dgħajsa mill-Għadira sal-port tal-Imġarr, Għawdex. Minn hemm inżuru r-Rabat u Marsalforn fejn ikun hemm ħin għall-ikel. Lura l-port tal-Imġarr, naqbdu d-dgħajsa lejn Kemmuna fejn ikun hemm ħin għall-għawm qabel nerġgħu naqbdu t-triq lura lejn l-Għadira. Ikun hemm briju organizzat mis-sezzjoni żgħażagħ.






General Contractors • Civil Engineering Work
• Building Components Manufacturers
• Sand – Spalls – Torba – Soil
• Ready Mix Concrete

CARMEL VELLA LIMITED

CENTRAL ASPHALT LIMITED

Labour Ave., Naxxar NXR 9027, Malta • Tel: 2141 2061, 2141 2469 • Fax: 2143 7067 • E-mail: info@centralasphaltltd.com



# Programme of Activities

## *organised by the Imperial Band Club for the feast in honour of*

# Our Lady of Victories

## *Patron Saint of Mellieħa 2023*

### Tuesday, 22nd August 2023

**6.00p.m.** A special bingo night organised by the Band and Choir Subcommittee of the Imperial Band Club.

### Friday, 25th August 2023

**8.00p.m.** Barbecue organised by the Imperial Band Club in the Parish Square. Entertainment will be provided. Special guests for the evening – Joe and Alice Grech.

### Monday, 28th August 2023

**7.30p.m.** Rehearsal by the Imperial Band and Choir in the club's music hall under the direction of Mro Anthony Borg, the club's musical director.

### Tuesday, 29th August 2023

**8.00p.m.** A reception at the Imperial Band Club for committee members, band and choir members and their guests.

### Wednesday, 30th August 2023

**8.00p.m.** Annual Get Together for emigrants at the Imperial Band Club.

### Thursday, 31st August 2023

**6.30p.m.** The Imperial Band Club will be participating in a Holy Mass at the Mellieħa Parish Church on the occasion of the day dedicated to the civic societies of the parish.

**7.30p.m.** Rehearsal by the Imperial Band and Choir in the club's music hall under the direction of Mro Anthony Borg, the club's musical director.

### Saturday, 2nd September 2023

**8.00p.m.** Vocal and instrumental concert by the Imperial Band and Choir in the Parish Square. A reception will be held afterwards in the main hall of the Imperial Band Club.

### Monday, 4th September 2023

**8.30p.m.** Band marches by the Imperial Band from Mellieħa Heights to the Mellieħa Parish Square.

### Tuesday, 5th September 2023

**8.30p.m.** Band marches by the L'Isle Adam Band of Rabat, Malta, from Qasam Barrani Street to the Mellieħa Parish Square.

### Wednesday, 6th September 2023

**8.30p.m.** Band marches by the Imperial Band from Old Mill Street to the Mellieħa Parish Square.

**11.00p.m.** The Imperial Band accompanies the ascent of the statue representing Malta on its pedestal in the Parish Square.

### Thursday, 7th September 2023

**7.15p.m.** Band Marches by the Imperial Band from Main Street corner with Cross Street to the Mellieħa Parish Square.

**9.30p.m.** The Imperial Band and Choir perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories on the club's band stand in the Parish Square, followed by the band's most popular march 'Tal-Iljun' and the Imperial Band Hymn.

### Friday, 8th September 2023

**6.00p.m.** Band marches by the St Sebastian Band of Qormi from Parish Street to the Mellieħa Parish Square. Afterwards, a musical concert by the same band will take place on the club's band stand. As soon as the statue of Our Lady arrives in front of the club, the band and choir will perform the Hymn in Honour of Our Lady of Victories.

### Saturday, 9th September 2023

**9.00a.m.** To round off the activities organised for the village feast, the club will be organising a boat trip from Għadira to the Imġarr Port in Gozo. From there we will visit Rabat and Marsalforn, where we will have free time for lunch. Returning to Imġarr Port, we will get the boat to St Mary's Bay in Comino where we will have time for swimming before making our way back to Għadira. Festive entertainment will be organised during the trip by the youth section.



# Għotjiet lill-Għaqda Mużikali Imperial



L-Onorevoli Ministru Clayton Bartolo jippreżenta synthesiser biex ikun jista' jintuża mill-Banda u l-Kor Imperial.



L-Onorevoli Ministru Dr Jonathan Attard jippreżenta donazzjoni.



L-Onorevoli Membru Parlamentari Dr Michael Farrugia jippreżenta donazzjoni.



L-Onorevoli Membru Parlamentari Robert Cutajar jippreżenta donazzjoni.



*L-Onorevoli Membru Parlamentari Ivan Castillo jippreżenta donazzjoni.*



*L-Onorevoli Membru Parlamentari Graziella Galea tippreżenta donazzjoni.*



*Is-Sindku Dario Vella u l-Kunsillier Marvin Abela jippreżentaw donazzjoni bħala parti mill-ftehim kulturali bejn il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u l-għaqdiet Melleħin.*



*Is-Sur Carl Borg, membru tal-Banda Imperial, jippreżenta s-silta mużikali "Ġrajjiet il-Bastjun", kompożizzjoni tiegħu stess.*



*Is-Sinjura Mariella Barbara tippreżenta donazzjoni f'isem il-familja Barbara u l-familja Borg.*



*Is-Sinjura Maryanne Cuschieri tippreżenta donazzjoni f'isem il-familji Vella, Caruana u Cuschieri.*



Is-Sur Sam Vella minn Sydney, l-Awstralja, f'isem numru ta' emigranti mill-Awstralja jagħmel donazzjoni ta' sett ta' badges li jikkommemoraw id-90 Anniversarju mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali Imperial, kif ukoll żewġ donazzjonijiet oħra għall-ispejjeż ta' restawr tal-Każin Imperial.



Is-Sur Sam Vella jagħmel donazzjoni f'isem il-mibki John Pisani minn Melbourne fl-Awstralja.



Is-Sinjura Jane Caruana u s-Sur Charles Caruana jagħmlu preżentazzjoni f'isem il-familja b'tifkira tal-ex bandist tal-Banda Imperial is-Sur Anthony Caruana, il-Ħuttu.





# Anniversarji



*Il-President, is-Sur Josef Borg, jippreżenta rigal f'isem l-Għaqda Mużikali Imperial lis-Surmast Direttur Mro Anthony Borg fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju minn meta kien maħtur surmast tal-istess għaqda.*



*Is-Segretarju Ġenerali, Prof. John Baptist Gauci, jippreżenta rigal f'isem l-Għaqda Mużikali Imperial lill-President is-Sur Josef Borg fl-okkażjoni tal-10 Anniversarju minn meta kien maħtur president tal-istess għaqda.*



# Għad baqagħlu x'jikteb

David Muscat

għad baqagħlu x'jikteb
għax dejjem hemm x'tikteb
bħal dik it-tifla li għarfet
għall-ewwel darba
li ż-żebgħa ċċappas
u bexklet tpinġija
jew dak il-bniedem nofsu xadina
li ntebaħ li n-nar isajjar
u ġemmed froġa
jew Columbus, li xħin ra l-ewwel
Indjana, ħaseb li ħabat
ma' xtajta Asjatika u
kien skopra l-Amerka

għad baqagħlu x'jikteb
għax il-volja ma tmut qatt
dejjem hemm xi tgħid, x'tirrakkonta
it-tinwiħ mhux mill-qalb – il-qalb newwieħa
l-għana mhux tal-għasafar – l-għasafar għannejja
il-poeżija mhix tal-bniedem – il-bniedem poeżija

għad baqagħlu x'jikteb
għax ir-ruħ bla nifs, infinita
tasal fejn tasal, ma tasal imkien
togħdos kemm togħdos, il-baħar bla qiegħ
tiskopri x'tiskopri, fadal kemm-il stilla

għad baqagħlu x'jikteb
x'jistħajjel, xi jġarrab, xi jterraq
u dejjem jibqa' jibqa' jibqa'…

*For Quality Metal Works*
*at Competitive Prices*





**JOE GAUCI**
**METAL WORKS**

7 Marfa Road, Mellieħa
Tel: 2152 0566 • Mob: 7904 6976



# Xogħol ta' ristrutturar u rinovazzjoni fl-ewwel sular tal-Każin Imperial

Fuq medda ta' snin, l-Għaqda Mużikali Imperial għamlet investiment sostanzjali fil-faċilitajiet u l-infrastruttura tat-tieni u t-tielet sular tal-Każin Imperial, iżda l-ewwel sular tal-każin baqa' tista' tgħid kważi kif kien minn meta nfetaħ il-każin il-ġdid fl-1981. Dan minkejja li d-daħla tal-każin hi propjament il-post li tilqa' lil kull min jidħol il-każin. Mhux l-ewwel darba li smajna l-kumment, speċjalment mingħand min iżur il-Każin Imperial għall-ewwel darba, li l-entrata tal-każin ma tirriflettix il-valur u l-preġju artistiku li nsibu fit-tieni u t-tielet sular tal-istess każin. Għalhekk, kienet ilha tinħass il-ħtieġa li jiġi ristrutturat u rinovat l-ewwel sular tal-każin sabiex dan ikun iktar akkoljenti u adattat għall-każin tagħna. Xtaqna li din il-kritika ġustifikata nindirizzawha b'mod ħolistiku. Madanakollu, il-Kumitat Direttiv hu konxju li dan l-intervent kellu jitqassam fuq diversi fażijiet sabiex ma ngħabbux iktar minn kemm nifilħu fuq il-finanzi tal-għaqda.

L-ewwel pass f'din id-direzzjoni kellu jkun wieħed sostanzjali, jekk ma ridniex li nraqqgħu l-pannu bil-qara' aħmar u nagħmlu xogħol ta' nofs kedda. Dan kien jinvolvi li jitneħħew l-arkati li kien hemm fid-daħla tal-każin sabiex il-post fejn hemm il-bar tal-każin isir miftuħ (open plan). Tkellimna mal-Perit Joseph Attard li għamel pjanta ta' kif kien se jiġi l-post u x'kellu bżonn li jsir. L-ewwel nett, kien hemm il-ħtieġa li jsir xogħol ta' rinforz li jibda mill-pedament tal-każin. Minn stimi li ġbarna, dan l-intervent kien se jiġi jiswa għexieren ta' eluf ta' ewro, spiża sostanzjali sew. Kien għalhekk illi meta l-Onorevoli Ministru Clayton Bartolo ħabbar li kien se jgħaddi fondi sostanzjali lit-tliet għaqdiet mużikali Melleħin permezz tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, rajna xaqq ta' dawl biex nibdew nattwaw dan il-proġett. Wara li avviċinajna lid-diretturi ta' Carmel Vella Ltd u Central Asphalt Ltd, dawn ġentilment offrewlna b'xejn it-travi li konna neħtieġu u b'hekk naqqsulna sew l-ispiża tagħna. Malli rajna dan kollu ddeċidejna li kien iż-żmien opportun biex nidħlu għal din il-proġett ambizzjuż.

Xogħol ta' din in-natura mhux kulħadd lest li jidħol għalih għax jinvolvi sengħa kbira u ħafna għaqal. Wara diversi tentattivi, irnexxielna nsibu kuntratturi li kienu lesti li jagħmlu dan ix-xogħol. Hekk kif għaddiet il-festa tal-Vitorja tal-2022, erġajna morna lura għandhom biex niddiskutu l-intervent f'iktar dettall, iżda dawn urew li kienu biddlu ħsibijiethom u ma xtaqux jidħlu għal dan il-proġett. Dan kien ifisser li ridna nerġgħu nibdew mill-ġdid. Iż-żmien kien qed jagħfas għax xtaqna li x-xogħol isir fl-istess żmien li kien għaddej ix-xogħol ta' pavimentar fil-pjazza tal-parroċċa biex noħolqu l-inqas inkonvenjent possibbli. B'diversi kuntatti u b'xorti tajba, sibna kuntrattur li kien lest li jidħol għal dan il-proġett bi prezz raġonevoli u fi żmien qasir.

Kien nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar 2023 li mexxejna l-bar tal-każin fit-tieni sular b'aċċess minn Triq it-Tramuntana biex tajna bidu għax-xogħol fl-ewwel sular. L-ewwel fażi kien li ntellgħu l-kolonni neċessarji biex fuqhom inserrħu s-sitt travi li kellhom jieħdu t-toqol kollu tat-tieni u t-tielet sular. Bil-ħsieb li fil-futur jitħaffer ukoll taħt il-każin, għamilna erba' ħofriet li baqgħu neżlin iktar 'l isfel mil-livell tal-art tal-pjazza u tellajna erba' kolonni tal-konkos rinfurzati bil-ħadid. Dan ix-xogħol ta' tħaffir sar permezz ta' makkinarju apposta biex ma jsirux ħsarat żejda.

It-tieni fażi kienet tinvolvi li jiddaħħlu s-sitt travi enormi fil-każin. Ma kinitx biċċa xogħol faċli għax it-toqol ta' kull wieħed ma kienx ftit u l-ispazju fejn timmanuvra kien limitat. Dawn kellhom jitpoġġew fil-post minn fejn imbagħad kellhom jittellgħu. Din kienet biċċa xogħol konsiderevoli oħra għax il-makkinarju li seta' jintuża minħabba r-restrizzjonijiet tal-binja ma kienx mill-iktar effiċjenti. Wara li ttellgħu l-ewwel sett ta' travi, riedu jitneħħew il-ħitan li fuqhom il-bini tas-sulari ta' fuq kien qed jistrieħ. M'hemmx xi ngħidu, li tneħħi s-saqajn ta' binja bħal dik mhix ċajta, imma



*It-tħaffir bi preparazzjoni għall-erba' kolonni.*



*Il-bricks għall-bini tal-kolonni.*



*Il-bini ta' waħda mill-kolonni ta' wara l-bieb prinċipali.*



*Xi wħud mit-travi qabel ma ttellgħu posthom.*



*Wieħed mit-travi f'postu fuq il-kolonni.*

s-sengħa u l-ħila tal-kuntrattur għamlu li dan seta' jseħħ bl-inqas ħsarat possibbli.

Għad li x-xogħol l-iktar diffiċli kien lest, it-tielet fażi kienet waħda neċessarja u li ħadet pjuttost fit-tul. Dan minħabba li ridna ngħaddu ħafna mis-sistema tad-dawl mill-ġdid u ried isir xogħol preparatorju għas-servizzi tal-internet u t-televiżjoni. Irranġajna wkoll ix-xaft u kamra biswit il-lift li ma kinitx qed tintuża, inbidlet f'tojlit. Dan ix-xogħol sar kollu volontarjament minn membri tal-każin taħt id-direzzjoni tad-Direttur Clayton Vella. Wara kien jonqos ix-xogħol ta' kisi u tibjid, xogħol ta' tqegħid ta' madum, u l-istallazzjoni tal-fannijiet u l-fanali.

Nhar is-Sibt 8 ta' Lulju, grupp sabiħ ta' voluntiera ngħaqdu flimkien sabiex taw tindifa tajba lill-każin



*Is-sitt travi f'posthom fuq il-kolonni wara li sar ix-xogħol ta' welding u waqt li kienu qed jiġu miżbugħa.*



*Il-bar tal-każin qabel (ritratt ta' fuq) u wara (ritratt ta' taħt).*



kollu bi preparazzjoni għall-Ġimgħa 14 ta' Lulju meta l-bar tal-każin reġa' beda jopera mill-ewwel sular tal-każin.

Il-Każin Imperial hu tista' tgħid l-uniku każin li s'issa żamm ir-rwol tradizzjonali tiegħu bħala post li membri u mhux jistgħu jiltaqgħu regolarment biex jissoċjalizzaw u jgħidu kelma bejniethom, wara li l-każini l-oħra tista' tgħid li biddlu l-ewwel sular tagħhom f'restorant. Permezz ta' dan il-proġett li qed inwettqu nixtiequ li nibqgħu noffru lill-Maltin u lit-turisti kollha li jżuruna esperjenza differenti fejn iħossuhom komdi u milqugħa f'ambjent li jagħti togħma tal-wirt kulturali u artistiku li għandu x'joffri pajjiżna. B'hekk inkomplu ngħaqqdu r-rwol tagħna bħala waħda mill-għaqdiet prinċipali fil-Mellieħa li jippromwovu l-identità kulturali.

Dan ix-xogħol li sar hu l-ewwel pass li għandna fil-pjan ħolistiku biex nirrenovaw is-sular t'isfel tal-każin. Wara dan ix-xogħol strutturali, issa jeħtieġ li nagħmlu l-ambjent iktar akkoljenti. Il-pass li jmiss hu li jsir is-suffett fl-entratata fejn hemm il-bar, flimkien ma' sistema ġdida ta' dawl u ventilazzjoni. Pjanijiet ulterjuri hemm ukoll, imma kollox fi żmienu u f'waqtu, pass meqjus imma determinat.

Il-Kumitat Direttiv jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li għamlu dan il-proġett possibbli. Il-Ministru tat-Turiżmu, l-Onorevoli Clayton Bartolo, li kien fundamentali biex ingħatajna l-fondi li koprew il-biċċa l-kbira tal-ispiża involuta. Id-Diretturi ta' Carmel Vella Ltd u Central Asphalt Ltd li tawna b'donazzjoni s-sitt travi li kellna bżonn għal dan il-proġett u li mingħajr l-għajnuna tagħhom żgur li ma konniex se naslu biex inwettqu dan l-intervent. Il-Perit Joseph Attard li taħt id-direzzjoni u s-superviżjoni professjonali u kontinwa tiegħu sar dan il-proġett. Il-kuntratturi Carmel u Malcolm Cilia li għamlu x-xogħol kollu ta' twaqqiegħ u tqegħid tat-travi. Is-Sur Darren Vella tax-xogħol ta' kisi u tibjid. Il-volontiera kollha membri tal-Għaqda Mużikali Imperial li xammru l-kmiem u taw daqqa t'id kull fejn kien hemm bżonn waqt il-fażijiet kollha ta' dan il-proġett, u li kieku ma kinitx l-għajnuna volontarja tagħhom, dan il-proġett ma kienx ikun vijabbli u possibbli. Grazzi mill-qalb!

**Evergreen**
*Discount Mini Market*

**Triq Napuljun Caruana Dingli**
**Tel: 2152 2738**
**Mob: 9985 9100**

**Free Delivery**

**Ħinijiet tal-Ftuħ:**
Kuljum mis-6.00am sas-6.00pm
ma naghlqu xejn.
Fis-sajf mis-6.00am sas-1.00pm
u mit-3.30pm sas-6.00pm.
L-Erbgħa mis-6.00am sas-1.00pm
u s-Sibt mis-6.00am sas-2.00pm.

Ħanut fejn il-mara tad-dar issib kollox
bl-irħas prezzijiet

TONY'S
BAKERY

***Triq il-Madonna Tal-Għar,***
***Il-Mellieħa MLH 1174 - Malta***

***Tel: 2152 3432***
***Mob: 9945 1519***
***99451514***

Jixtieq lill-klijenti u 'l-Melleħin
kollha l-Festa t-Tajba



# Xi Kompożituri tal-Belġju u r-Reġjuni li jdawruh

**Carl Borg**

Meta wieħed isib ruħu student ta' kompożitriċi Fjamminga fil-Konservatorju Rjali ta' Brussell, ma tonqosx il-kurżità li jiskopri u jifhem l-għeruq tat-tradizzjoni mużikali li jinsab fiha. Meta wieħed jara dawn l-iżviluppi mużikali li seħħew fir-reġjuni tal-Fjandri u l-Wallonja, jifhem li dawn kienu parti essenzjali mill-istorja mużikali Ewropea u mill-formazzjoni tal-mużika kif nafuha llum[1]. Wieħed jista' jiskennja l-QR code (jew jaċċessa din il-ħolqa tinyurl.com/mkbibc2023) u jsegwi n-numri fil-parentesi kwadri biex jisma' xi siltiet bħala eżempju tal-mużika tal-kompożituri msemmija. Din il-kitba hija biss kummentarju dwar il-kuntest tal-mużika li tinstab fil-ħolqa, u b'hekk, is-smigħ tas-siltiet huwa l-qofol ta' dan il-vjaġġ mużikali tul l-istorja.

**Guillaume Du Fay (ca 1397-1474)[#1 *Nuper rosarum flores*: miktuba għall-konsagrazzjoni tal-koppla ikonika tal-Katidral ta' Firenze fl-1436]** kien figura ċentrali ta' żmienu. Imwieled f'Beersel, qrib Brussell, Du Fay serva fl-iżjed pożizzjonijiet prestiġjużi fl-Italja, Franza u l-Artijiet il-Baxxi. Ħafna mill-mużika tiegħu tikkonsisti minn tliet vuċijiet, bil-melodija fil-*cantus,* appoġġjat mit-*tenor* u *contratenor* **[#2 *Se la face ay pale*: eżempju tat-tliet partijiet]**. Huwa kien proponent tal-*fauxbourdon*, teknika tal-kompożizzjoni li tagħmel użu mit-tielet u s-sitt intervall, adattata mill-iskola mużikali Ingliża **[#3 *Ave Maris Stella*: eżempju ta' *fauxbourdon*]**. Innota kif ġieli f'dawn iż-żminijiet l-istrumenti kienu jirdoppjaw il-partijiet kantati]. Ix-xogħlijiet ta' dan il-kompożitur ġew ippreservati f'madwar mitt manuskritt ikkupjat bejn l-1420 u l-bidu tas-seklu sittax, imxerrda ma' Spanja, il-Polonja, l-Italja u l-Iskozja – xhieda ċara li l-mużika sagra u l-kanzunetti sekulari ta' Du Fay kienu magħrufa u kantati fl-Ewropa kollha.

Kompożitur Franko-Fjamming magħruf tal-ġenerazzjoni ta' wara Du Fay kien **Jean de Ockeghem (ca 1420-1497)[#4 *Kyrie* minn *Missa prolationum*]**. Magħruf għall-vuċi tiegħu, l-ewwel impjieg ta' Ockeghem kien bħala kantant fil-katidral ta' Antwerp. Wara huwa serva bħala kompożitur għal diversi rejiet Franċiżi għal madwar ħamsin sena, u kien stmat partikularment għall-quddisiet li kien jikteb. Ix-xogħlijiet ta' Ockeghem u l-kontemporanju tiegħu Busnoys juru biċ-ċar it-tranżizzjoni bejn l-istil antik tal-kontrapunt[2] (fejn il-partijiet tal-*cantus* u *tenor* kienu l-iżjed importanti) għal dak ġdid, ikkaratterizzat mill-ugwaljanza bejn il-partijiet kollha.



Josquin des Prez

Ftit mużiċisti laħqu l-fama u l-influwenza ta' **Josquin des Prez (ca. 1450-1521)**. Il-mużika ta' Josquin kienet stampata jew ikkupjata f'manuskritti fuq skala ġdida għal żmienu. Hu serva fl-iżjed irwoli prestiġjużi fil-knejjes u l-qrati ta' Franza u l-Italja. Waħda mill-iżjed siltiet popolari ta' Josquin hija *Mille regretz* **[#5]**. F'ċerti punti f'din il-kompożizzjoni, l-erba' vuċijiet jimxu bl-istess ritmu (omofonija), filwaqt li f'oħrajn jimitaw lil xulxin u jgħaddu l-melodija bejniethom. Josquin kien magħruf ma' dawk ta' żmienu stess għall-espressjoni u l-emozzjoni fil-mużika tiegħu u għall-ħila tiegħu biex iqabbel sewwa dawn il-ħsus mal-kitba li jkun qiegħed jikteb il-mużika għaliha. Għalkemm din l-espressività hija karatteristika tal-mużika li llum il-ġurnata nikkunsidraw komuni, dan ma kienx dejjem il-każ fiż-żminijiet ta' qabel Josquin **[#6 *Faulte d'argent*].**

Fost l-iżjed kompożituri magħrufa u influwenti, wieħed isib lil **Orlande de Lassus (ca 1532-1594)[#7 *Cum essem parvalus*]**. Flimkien mal-kontemporanji tiegħu, it-Taljan Giovanni Pierluigi da Palestrina u l-Ispanjol Tomás Luis de Victoria, de Lassus kien fil-qofol tal-iżvilupp tal-istil polifoniku[3]


LOCAL & OVERSEAS
funeral arrangements
Offering
UNDERSTANDING & INTEGRITY
PRE-ARRANGEMENT
services available
WE DON'T
just arrange funerals,
WE HELP
create meaningful days
John Bray
& Family
FUNERAL SERVICES
John Bray - Funeral Director
PROFESSIONAL
GUIDANCE
through difficult times
24/7 Service
Local & Overseas funeral directors
Moderate Prices
John Bray
& Family
Funeral Services
Est. 1981
Garage/Office Funeral Services, Lampuki Street, St Paul's Bay
Office Funeral Services, Triq Salvinu Vella Mellieha
Residence 117, Our Lady of Fatima, Parades Street, St Paul's Bay
Tel: 21585716 | 21573588 | 21571260 | 21522400 (Mellieħa office)
Mob: 99493479 | 79493479
Email: johnbrayandson@yahoo.com
www.johnbrayandsonmalta.com






*Mix-xellug għal-lemin: César Franck, Henri Vieuxtemps u Eugène Ysaÿe*

tar-Rinaxximent. Huwa kiteb 'il fuq minn 2,000 biċċa xogħol għall-vuċi f'ħames lingwi differenti.

F'dan il-punt fl-istorja, l-artijiet li ffurmaw il-Belġju modern kienu taħt il-ħakma tad-Duka ta' Bourgogne, u wara nħakmu wkoll minn diversi ħakkiema oħra minn Franza, Spanja u l-Awstrija. Din is-sitwazzjoni nbidlet bil-formazzjoni tal-istat tal-Belġju bħala monarkija kostituzzjonali fl-1830. **César Franck (1822-1890)**, imwieled u mgħallem f'Liège (dak iż-żmien parti mir-Renju Unit tan-Netherlands), għalhekk jista' jiġi kkunsidrat bħala wieħed mill-ewwel kompożituri tal-Belġju modern. Wara li studja fil-Konservatorju ta' Pariġi, hu kien il-figura fuq quddiem nett tal-moviment biex il-mużika Franċiża tilħaq il-livell tekniku u emozzjonali u l-fama li kienet tgawdi l-mużika Ġermaniża. Dan grazzi għaċ-ċirku ta' mużiċisti li Franck dawwar madwaru fi żmienu bħala professur tal-orgni fl-istess konservatorju. **[#8 *Psaume 150* għal kor, orkestra u orgni]**. Kontemporanju ta' Franck kien il-vjolinist u kompożitur **Henri Vieuxtemps (1820-1881)**. Vieuxtemps influwenza bil-kbir it-teknika tad-daqq tal-vjolin. Daqq f'ħafna partijiet tal-Ewropa u l-Amerka u għallem fil-konservatorji ta' San Pietruburgu u Brussell. Huwa kiteb għadd ta' kompożizzjonijiet – l-iżjed għall-istrumenti tal-korda, però magħruf l-iżjed għas-seba' kunċerti tal-vjolin **[#9 *III. Scherzo* mir-Raba' Kunċert tal-Vjolin]**. Bħall-għalliem tiegħu, Vieuxtemps, **Eugène Ysaÿe (1858-1931)** kien kemm vjolinist u kompożitur, però kien rinomat ukoll għad-direzzjoni tiegħu tal-orkestra. Hu kien fundatur tal-Kwartett Ysaÿe – l-istess grupp li, fost oħrajn, daqq għall-ewwel darba l-uniku kwartett għall-korda ta' Claude Debussy. Bħala kompożitur huwa l-iżjed magħruf għas-sitt sonati tal-vjolin mingħajr akkumpanjament.



*Hentri Pousseur*

Wieħed jista' jara l-profiċjenza ta' Ysaÿe fid-daqq tal-vjolin riflessa fil-kompożizzjonijiet tiegħu **[#10 It-Tielet Sonata tal-Vjolin]**.

Fis-snin wara t-Tieni Gwerra Dinjija, id-dinja tal-mużika klassika daħlet f'fażi sperimentali. Kien skartat dak kollu li ġie qabel, fosthom it-tonalità u l-forom tradizzjonali mużikali. Din l-esperimentazzjoni saret fil-parti l-kbira tagħha f'Darmstadt, il-Ġermanja, fejn numru ta' kompożituri komplew jiżviluppaw tekniċi bħas-Serjaliżmu[4] u l-użu tal-elettronika fil-mużika. **Henri Pousseur (1929-2009)** kien wieħed minn dawn il-kompożituri. Hu esperimenta b'kunċetti aljetoriċi,



*Philippe Boesmans*

jiġifieri b'biċċiet mużikali fejn ċerti deċiżjonijiet mużikali jitħallew f'idejn l-interpretu **[#11 *Scambi*:** Silta aljetorika elettronika fejn l-ordni tat-12-il saff titħalla f'idejn dak li jkun qiegħed jesegwixxi s-silta. B'hekk is-silta dejjem tinstema' differenti**]**. Apparti l-kitbiet mużikali tiegħu, Pousseur ħalla warajh ukoll numru t'artikli u kotba dwar il-mużika, u serva wkoll bħala direttur rivoluzzjonarju tal-Konservatorju Rjali ta' Liège. **Philippe Boesmans (1936-2022)** ukoll kien parti mill-iskola serjalista ta' Darmstadt, però wara ftit il-mużika tiegħu evolviet f'direzzjoni iżjed melodika, karatterizzata minn sezzjonijiet ċari u distinti, u ċelloli ta' ritmi li jirrepetu ruħhom. Huwa kien orkestratur fin u kien jesperimenta bit-timbri varji li joffru l-istrumenti orkestrali **[#12 I. *Dernière Rêve (L-Aħħar Ħolma)* mix-xogħol għall-pjanu u l-orkestra *Fin de nuit (Tmiem il-lejl)*]**. Huwa magħruf l-iżjed għall-opri li kiteb waqt li kien il-kompożitur residenti ta' La Monnaie, it-teatru nazzjonali tal-opra fi Brussell.

L-avvanzi u x-xogħol tal-kompożituri msemmija hawn fuq, flimkien ma' sistema edukattiva b'sisien sodi, wasslu għall-ġenerazzjoni preżenti ta' kompożituri Belġjani bħal Wim Mertens (1953-), Luc Brewaeys (1959-2015), Kris Defoort (1959-), Dirk Brossé (1960-), Wim Henderickx (1962-2022) u Annelies Van Parys (1975-) **[#13 *Eco…del vuoto*]**, u l-ġenerazzjoni l-ġdida li kulma jmur qiegħda tiżviluppa u timmatura.

## Referenzi

[1] Ta' min wieħed jinnota l-element ta' inċertezza dwar l-oriġini ta' ċerti kompożituri ta' żmien ir-Rinaxximent u l-era Barokka, kif ukoll dwar ir-reġjuni li kienu differenti mill-fruntieri tal-pajjiżi kif nafuhom illum. Konsegwenza ta' hekk, f'dan l-artiklu jissemmew kompożituri li jew twieldu fil-Belġju (jew fir-reġjuni storiċi li issa jappartjenu lill-Belġju) jew kompożituri meqsjusin bħala Franko-Fjammingi – jiġifieri mir-reġjuni bejn it-Tramuntana ta' Franza, il-Fjandri u n-Netherlands.

[2] Kontrapunt: It-teknika li biha kompożitur jgħaqqad minn tal-inqas żewġ linji mużikali (imsejħa vuċijiet) flimkien b'tali mod li jkunu jiddependu minn xulxin armonikament, iżda jkunu indipendenti minn xulxin f'dak li huwa ritmu u melodija.

[3] Mużika polifonika: mużika li tikkonsisti minn numru ta' linji melodiċi indipendenti superimposti. L-oppost hija mużika omofonika (il-vuċijiet kollha jkantaw noti differenti, iżda bl-istess ritmu) jew mużika monofonika (il-vuċijiet kollha jkantaw parti identika).

[4] Is-Serjaliżmu: Fl-oriġini tagħha fl-għoxrinijiet, Arnold Schönberg ippropona li t-teknika tas-serjaliżmu kienet tirrikjedi li kompożitur joħloq serje li tuża t-12-il ton tal-iskala mużikali f'ordni fissa. Fuq din is-serje l-kompożitur seta' jibni l-kompożizzjoni tiegħu, billi fost l-oħrajn, jimmanipula s-serje oriġinali billi jaqraha b'lura jew jibda minn fuq nota differenti waqt li jżomm l-istess intervalli bejn in-noti. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kompożituri bħal Olivier Messiaen u Milton Babbitt bdew japplikaw dawn ir-regoli fissi anke għal parametri mużikali oħrajn bħad-dinamika, ir-ritmu u l-artikolazzjoni ta' kull nota individwali. Eventwalment, din il-missjoni biex jintlaħaq kontroll assolut fuq il-mużika ġiet abbandunata, u t-teknika (jew elementi minnha) baqgħet tintuża biss f'kuntest inqas strett.





# X'festa għandna!
## *(Ritratt u riflessjoni)*

**Philip Borg**

Bil-bnadar iperpru fuq kull frontispizju
li jżejnu triqatna ma' kull antarjola
b'armar lewn is-seħer tal-arti u l-ħila
li trawmu fis-sekli mill-ifqar sal-ogħla…

bil-qniepen solenni mal-ħsejjes li jtarrxu
u dħaħen fis-sema u nċens fil-korsija
li jfewwaħ u jhenni lin-nanna fil-vespri
imbagħad purċissjoni bix-xebh ta' qdusija…

bil-baned jiddandnu kull sena se jżanżnu
planċier jew faċċata, stendard jew armarju,
kull sena mill-aqwa fost l-iprem u l-isbaħ
u rħama li tfakkar il-kbir ċentinarju…

bix-xorb u l-festini mal-marċi tal-briju
imbagħad illamtati bil-kor u t-tenuri,
bl-irdieden imġienen li jsaħħru t-turisti
mikwija bil-baħar u d-dlik tal-kuluri…

b'kuluri tal-festa li tnessi bħal droga
kull dnewwa miskina tax-xhur l-imgħoddija
u ċċarrat tbissima fuq fomm kotra sħiħa,
bil-ġar ġie jsellimli bħal qisu jaf bija…

Kemm xtaqtha matulek ja sena dil-festa
u nħoss it-tgħanniqa li llum tfur bil-ħlewwa,
biex rejqet bħal qatra ta' wens filgħaxija
lill-ifqar imsejkna fin-niket u d-dnewwa!

Ikomplu… murtali u żina, armar, marċi u briju
u lbisna tal-festa, min jostor, min għeri,
dik dilket u tperrċet, dak tfewwaħ u rtokkja…
fissruli ħa nifhem, dawn maskri jew veri?

*Birkirkara*
*8.viii.2019*

George's Bakery

**22, Main Street, Mellieħa**
**Tel: 21 520685**

Jawgura l-Festa t-Tajba lil Kulħadd



# Dejjem Niftakar li kull Festa tkun iffesteġġjata bil-Ħsieb, Responsabbiltà u ħafna Xogħol

**Christopher Bartolo**
*Sagristan*

Kif dejjem ktibt u għedt, f'kull festa jew okkażjoni li aħna niċċelebraw dejjem ikunu involuti ħafna nies minn kull qasam tal-ħajja. Sa minn żmien il-qedem, missirijietna dejjem ħadmu u stinkaw sabiex f'kull belt u raħal f'Malta u Għawdex ikollna knejjes sbieħ li għadna ngawduhom sal-lum u nisperaw li jibqgħu jitgawdew minn ħafna ġenerazzjonijiet warajna. Barra minn hekk, missirijietna ħadmu wkoll sabiex jiċċelebraw il-festa titulari tagħna billi ħasbu biex isibu skulturi sabiex jagħmlulhom il-vara titulari tal-patrun jew patruna tagħhom. Fil-każ tagħna l-Mellieħa kien ġie mqabbad l-iskultur Pietru Pawl Azzopardi li naqqax din ix-xbieha ħelwa li tant hi minquxa fil-qalb ta' kull Mellieħi u Melliħija. Ta' qabilna ħasbu wkoll sabiex il-festa tagħna tikber u tkun tista' tiġi ffesteġġjata b'dak kollu li jista' jkun marbut ma' festa liturġika kif ukoll ma' festa soċjali jew esterna.

Lil missieri Lippu dejjem nisimgħu jgħid li fil-festa tagħna l-knisja dejjem kienet tkun imżejna mill-isbaħ. Kont nisimgħu jgħid ukoll li f'lejlet u nhar il-festa il-kappillan, li dak iż-żmien kien ikollu r-responsabbiltà sħiħa tal-festa, kien jikkummissjona orkestra mill-aqwa. Jien niftakar li, għal żmien twil, il-Maestro di Cappella kien is-surmast bravu Ġużeppi Camilleri li kien jidderieġi wkoll l-orkestra tat-Teatru Rjal tal-Belt. Fil-fatt meta ġejt maħtur sagristan fl-1976, is-surmast Camilleri kien għadu jmexxi l-orkestra bil-vuċijiet tat-tenuri u l-baritoni waqt il-kant tal-Għasar u l-Quddiesa Solenni. Kien ukoll imexxi l-kant tal-Antifona u t-Tantum Ergo li kienu jindaqqu qabel il-Barka Sagramentali wara li tidħol il-purċissjoni.

Missirijietna stinkaw u ħadmu kemm felħu sabiex għal matul il-ġranet tal-festa l-pjazza tagħna tkun armata u mżejna kif xieraq bl-armar li għadna ngawduh sal-ġurnata tal-lum. Riedu wkoll li l-attivitajiet li jsiru barra jkunu sbieħ u li jixirqu lir-raħal tagħna. Għalhekk fl-1907 ġiet iffurmata l-ewwel banda Melliħija – is-Società Filarmonica La Vittoria. Imbagħad insibu li fl-1930 ġiet iffurmata t-tieni banda Melliħija – il-Banda Imperial. Is-sehem ta' dawn iż-żewġ baned għeżież tagħna mill-bidu tat-twelid tagħhom dejjem taw sehemhom fil-festa tagħna u dejjem ġew apprezzati. Dawn iż-żewġ baned idoqqu ħafna marċi sbieħ li akkwistaw matul il-medda ta' snin. Dawn ħasbu wkoll biex isibu surmastrijiet li jiktbulhom iż-żewġ innijiet sbieħ ad unur Marija Bambina li jindaqqu kull sena lejlet u nhar il-festa. Imbagħad insibu wkoll li fis-sena 1947 grupp ta' rġiel oħra ħadmu sabiex tiġi mwaqqfa orkestra bl-istrumenti tal-korda. B'hekk fir-raħal tagħna għandna tliet għaqdiet mużikali li jpaxxuna bil-mużika sabiħa tagħhom kemm fil-knisja kif ukoll fil-pjazza u t-toroq tagħna.

Il-festi jridu jiġu ppreparati sewwa u bil-ħsieb. Għalhekk, minn xhur qabel, l-Arċipriet flimkien mal-kleru, il-Kunsill Pastorali Parrokkjali u l-Kummissjoni Liturġija jfasslu programm ta' funzjonijiet liturġiċi li jiġi mwettaq matul in-noveni, f'lejlet il-festa, f'nhar il-festa bil-quddiesa solenni u fl-aħħar, fil-purċissjoni. Fejn jidħlu l-attivitajiet ta' barra, il-kumitati ta' kull għaqda li tkun se tieħu sehem fil-programm tal-festa, ifasslu l-programmi tagħhom sabiex b'hekk ikunu kompluti l-attivitajiet kollha li jkunu sejrin jiġu organizzati matul il-ġranet kollha tal-festa.

Festa titulari tirrikjedi wkoll ħafna responsabbiltà minn dawk kollha involuti, kemm minn dawk li jaħdmu fil-knisja kif ukoll dawk li jaħdmu fil-qasam soċjali tal-festa. Ir-responsabbiltà tkun trid tispikka f'kull ħaġa li tiġi ppjanata jew titwettaq. F'dan iż-żmien sabiħ tal-festa, meta ħafna mill-familji tagħna jieqfu ftit mir-rutina tax-xogħol u jifirħu flimkien, kulħadd irid juri responsabbiltà f'dak kollu li wieħed jagħmel jew jgħid sabiex ma jinħoloqx diżgwid bla bżonn.

Il-festa tirrikjedi wkoll ħafna xogħol. Ħafna osservaturi tal-festi jgħidu li l-festi tagħna jinħtieġu ħafna enerġija minn dawk involuti fl-organizzazzjoni

tagħhom. Din hija realtà u verament iħossuha dawk involuti. Tkun kemm tkun dilettant u tkun tiflaħ kemm tkun tiflaħ, jiġu mumenti fejn l-għeja tibda tagħmel tagħha, kemm dik mentali kif ukoll dik fiżika.

Bħala sagristan, niftakar sewwa meta bdejt il-ħidma tiegħi fl-1976. L-ewwel sena kont għadni żagħżugħ ta' 18-il sena. Dik is-sena fil-festa kienu għenuni missieri u ħuti. Konna ħdimna flimkien sabiex il-knisja tkun imżejna u armata minn kollox u, fuq kollox, nadifa. Illum għaddew 47 sena mill-ewwel festa u nistqarr li kull festa ħolqot ħafna xogħol għalija u għal mijiet ta' nies li tawni l-għajnuna tagħhom matul din il-medda twila ta' snin. Wieħed irid jiftakar li l-preparazzjonijiet għall-festa jinbdew minn xhur qabel. Sa minn qabel il-festi tal-Griżma tal-Isqof u tal-Preċett, bdejt infarfar il-knisja kollha. Hekk kif tgħaddi l-festa ta' Santa Marija, flimkien ma' grupp żgħir ta' rġiel, nibdew inżejnu l-knisja. Din il-ħidma tibqa' għaddejja sa dik il-ġimgħa tal-festa.

Kull għaqda li għandna fil-Mellieħa wkoll tgħaddi minn preparazzjonijiet bi tħejjija għall-festa. Naraw iż-żewġ każini tal-banda jarmaw il-planċieri u l-faċċati tal-każini tagħhom. Naraw ukoll il-Grupp tal-Armar b'tant ħeġġa jżejjen il-pjazza u t-toroq tagħna. Insemmu wkoll lill-Grupp tan-Nar li jintensifika l-preparazzjonijiet tiegħu fejn jidħol in-nar tal-festa. Tarahom jippreparaw in-nar tal-art – dak li nsejħulu ġiġġifogu – u n-nar tal-ajru f'dik ix-xemx tisreġ.

Ta' min ifakkar li n-nies u l-familji tagħhom involuti fil-preparazzjonijiet tal-festa jagħmlu ħafna sagrifiċċji u xogħol – ħafna drabi b'mod volontarju – sabiex ikollna festa sabiħa u kompluta minn kollox. Għalhekk irridu noqogħdu attenti sabiex ma nibdewx nikkritikaw u nikkummentaw bl-addoċċ ħalli dawk il-voluntieri jagħmlu kuraġġ u ma jaqtgħux qalbhom u iktar żgħażagħ, irġiel u nisa, jagħmlu kuraġġ u jibdew jitħajru jagħtu kontribut bil-ħiliet tagħhom sabiex fil-futur nibqgħu nsibu nies li jorganizzaw u jippreparaw l-attivitajiet għal matul il-festa.

L-ewwel nett nixtieq inrodd ħajr lill-President, is-Sur Josef Borg, lis-Segretarju, is-Sur John Baptist Gauci u lis-Surmast Tony Borg tar-rispett li dejjem juruni, b'mod speċjali din is-sena li kelli nirtira għal ftit ġimgħat minħabba li kont ma niflaħx. Nirringrazzja wkoll l-għaqdiet kollha Melliħin tar-rispett li wrewni iżjed mis-soltu matul dak iż-żmien diffiċli li għaddejt minnu, f'mumenti fejn l-iktar li kelli bżonn.

Xieraq li nirringrazzja wkoll lill-Arċipriet Fr Joe Caruana, lill-viċiarċipriet Fr Sergio Fenech u ħafna saċerdoti li tawni s-sapport u l-għajnuna. Niżżi ħajr ukoll lis-Sindku u l-kunsilliera kollha, lill-presidenti u l-kumitati tal-għaqdiet kollha. Però l-ikbar grazzi nagħtiha lill-poplu Mellieħi kollu tar-rispett u l-għajnuna li dejjem tani sa mill-ewwel ġurnata li bdejt bil-ħidma tiegħi fil-knisja sal-ġurnata tal-lum. Jien dejjem ħabbejtha lill-komunità Melliħija. Napprezza ħafna l-ħbiberija tagħha u l-għajnuna li dejjem tagħtini. Inwiegħed lil kulħadd li, min-naħa tiegħi, dejjem disponibbli ngħin, fejn inkun nista', lil kull min ikun jinħtieġ l-għajnuna tiegħi.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.





# L-Għaqda tan-Nar Marija Bambina rebbieħa tal-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Ajru 2023

L-Għaqda tan-Nar Marija Bambina kienet l-għaqda li rebħet il-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Ajru li kien imtella' fl-aħħar t'April u l-bidu ta' Mejju 2023. Dan il-festival kien organizzat f'diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex, bil-qofol tiegħu jkun fl-aħħar serata fil-Port il-Kbir.

Waqt dan il-festival prestiġjuż jieħdu sehem diversi kmamar tan-nar, kemm minn Malta kif ukoll minn pajjiżi minn madwar id-dinja. Fost pajjiżi oħra, din is-sena pparteċipaw kmamar tan-nar mill-Italja, is-Serbja, il-Polonja u r-Rumanija. Għalhekk, ir-rebħ ta' dan il-festival hu sinjal ta' livell għoli ta' preparazzjoni u eżekuzzjoni ta' xogħol artistiku tal-aqwa livell.

L-Għaqda Mużikali Imperial tifraħ lill-Għaqda tan-Nar Marija Bambina li rnexxielha turi t-talenti u l-abbiltajiet tal-membri tagħha fil-logħob tan-nar tal-ajru u tirbaħ dan il-festival. Nawguraw iktar suċċessi fil-futur lil din l-għaqda sabiex tkompli tgħolli isimha u isem il-Mellieħa. Prosit tassew!




*(Sors: https://www.facebook.com/maltafireworks)*




*(Sors: Maltadaily.mt; Ritratt: Norbert Vella)*

**ID-DROGA TEQIRDEK...**
**Ħajtek f'idejk... TITLIFHIEX!!**



# Ħsibijieti waqt Żerniq Imbierek f'Selmun

**Rita Gatt**

Il-paċi li nħoss u s-sliem ta' madwari huma dawk l-elementi li lili jġegħluni nqum dejjem kmieni biex nistenna sbieħ il-jum iżernaq. Dawk il-waqtiet għalija huma talba siekta li nlissen ġo qalbi kull meta nkun fuq it-terrazzin tar-razzett, jew Għajn Ħadid, jew wara l-Fortizza Campbell, nistenna x-xefaq jitlewwen bl-istennija tal-miraklu tat-tlugħ ix-xemx. Il-ħemda li tirrrenja dawk il-ħinijiet hija tal-għaġeb saħansitra anki jekk ikun maltemp, riħ ivenven, sħana jew kesħa; kull staġun, ikun xi jkun, il-ħemda tħossha ġo fik, tħoss it-tama tbaqbaq ġo fik, tħoss serħan il-moħħ, tħoss li hemm id moħbija qed tgħannqek magħha u qalb kbira li timliek bil-kuraġġ.

Dawk il-waqtiet għalija nħossni li nitqarreb ħafna lejn dawk l-għeżież li llum m'għadhomx magħna. Nistħajjilhom jafu sew dawk l-imkejjen fejn inkun. Inġibhom quddiem għajnejja, jaħdmu u jħabirku beżlin bla waqfien minn sbieħ il-jum sad-dlam. Ifiġġu bla ma rrid l-uċuħ għeżież tan-nanniet tiegħi Ġużeppa u Pawlu tal-Qantora, ta' missieri Ġużeppi u ommi Salvina, iz-zija Gerit u z-ziju Karmnu u l-kuġini.

Inħares madwari u nilmaħ fi ħsibijieti lil missieri għadu tfajjel ċkejken qed jirgħa n-nagħaġ qalb ix-xagħri ta' madwar Selmun, lin-nanna Ġużeppa bil-maktur abjad qotna marbut ma' rasha twieżen felħana żewġ satliet bl-ilma minn fuq l-għajn, lin-nannu Pawlu jlibbes ix-xedd lill-ħmara biex jitlaq għal ġurnata oħra ta' xogħol iebes qalb il-ħbula tar-raba' li kellu. U bla ma rrid nistħajjel li qed inxomm l-irwejjaħ tal-kafè biċ-ċikwejra li kienet tagħtina n-nanna meta ninżlu mill-quddiesa fil-palazz għodu għodu. U nerġa' nistħajjel liz-ziju Karmnu, tiela' mill-isqaq wieqaf tal-Bajjad, jasal sal-isqaq ta' fejn ir-razzett tan-nanniet, b'ċurniena wara dahru, jgħolli ftit il-beritta u b'dik id-daħka fuq fommu joħroġ xi żewġ bettieħat jew dulliegħat u jagħtihom lil ommi biex nikluhom wara l-ikel.

Elf ħsieb jgħaddi minn moħħi, u dejjem nirrealizza kemm jien ixxurtjata li f'ħajti kelli dawn in-nies għeżież, li għadhom sal-lum jgħallmuni napprezza dak kollu li jinsab madwar Selmun. Li Selmun huwa parti minni għax kien parti minn ħajjithom, li għarfu jgħadduli l-imħabba lejn dan l-irħajjel bil-mod ta' għajxien tagħhom, bl-użanzi tagħhom, bl-imħabba li kienet tilma fuq wiċċhom meta kienu jagħtuna xi ftit patata, xi biċċtejn tin taċ-ċappa mit-tin li kienu jkun qaddew huma stess, xi vażett kunserva milli kienu jkunu għamlu huma stess mit-tadam tal-Bajjad, xi vażett mimli tadam imqadded, xi borża mimlija ful imgiddem mill-ful tagħhom stess, jew xi platt mimli balbuljata mill-basal, tadam u bajd minn tat-tiġieġ li kienu jrabbu huma stess fil-gallinar ta' wara r-razzett. U fil-ħemda nissokta nhewden u naħseb…

Imma s-sbuħija ta' dan l-irħajjel mhix qiegħda biss fil-mogħdijiet imberflin b'ħitan tas-sejjieħ mill-isbaħ, mhix qiegħda fil-ftit giren li għad fadal, ma tinsabx biss fil-beraħ u l-ftuħ tal-kampanja tal-madwar, jew fil-ġarġir, il-lellux, il-kampanella, u l-basal tal-għansar, jew fis-siġar taż-żnuber, tal-ħarrub, tat-tin u l-pal tal-bajtar, jew minħabba l-palazz setgħani f'tarf l-għolja.

Dawn kollha huma attributi sbieħ u għonja li jsebbħu lil dan l-irħajjel imma l-vera sbuħija tiegħu tinsab fil-wirt għażiż li ħallewlna n-nanniet u l-bużnanniet tiegħi u ta' kull min kien twieled u għex hawn… il-wirt tal-imħabba lejn in-natura. Fil-qalba tar-ruħ ta' Selmun hemm elf qalb tħabbat siekta fl-għeruq tas-siġar, fix-xagħri mimlijin ġebel żonqri, fil-ħamrija taflija jew ħamri li żżejjen l-għelieqi selmuniżi u fil-ħbula tar-raba' li kienu l-għajxien ta' ħafna familji. Huma kienu li ħallewlna dan il-ġmiel ta' rħajjel. Huma kienu li għallmuna l-imħabba u r-rispett lejn in-natura, lejn l-art, lejn xogħol il-bidwi u lejn l-għażiż Selmun. U fis-skiet ta' qalbi, niżżihom ħajr u ngħannaqhom ilkoll miegħi.

U nħares madwari u nerġa' nistaqsi lili nnifsi, imnikkta sew, għax nafha t-tweġiba… imma tgħid dan hu l-istess Selmun li kienu jafu huma?

*Selmun - 16 t'Awwissu 2023*



# Il-Captain

Joseph F. Cachia

Kien eżatt disa' snin ilu,
Għaliex il-Mulej hekk ried,
Qal, "Il-Captain, nixtieq, lilu,
Hawn, imexxi l-korijiet''.

Mhux żgur qatt baħħar vapuri,
Jew amar lis-suldati,
'ma dejjem ħareġ bl-unuri,
Kull wirja, li kien jagħti.

Kull min kellu x-xorti, bħali,
Imur għandu, għal xi ħin,
Jaf li kien surmast speċjali.
Kien maestro tal-vjolin.

Joħloqlok xi melodija,
Ħelwa iktar minn tal-ġojjin.
Safja, ħelwa, Melliħija
Tibqa' tidwi tul is-snin.

Il-kitarra, il-mandolina,
Kienu 'ġugarell' f'idejh.
Mużika mill-aqwa, fina,
Illi ġġiegħlek tibqa' ħdejh.

Sigħat twal fis-sajf, qattajna,
Qrib il-bandli, nisimgħuh.
Sa tard billejl. Qatt ma xbajna,
Hemm madwaru, nammirawh.





Bosta kienu l-istudenti,
Illi għallem, kbar jew żgħar.
Fihom irfina t-talenti,
Biex daqqew muż'ka aħjar.

Kiteb marċi ferriħija.
Fil-Vitorja ndaqqew,
Miż-żewġ baned Melliħija.
Bihom huma t-tnejn stagħnew.

Sal-Orkestra dderieġa
Bl-aqwa talent tal-lokal.
Fih dejjem ħass il-ħtieġa,
Li jgħallem lill-kbar u t-tfal.

Muż'ka serja kiteb bosta,
Għall-orkestra, u għall-vjolin.
Il-widna tassew tiggosta,
Tisma' tant noti ħelwin.

Dario u l-Kunsill Lokali.
Taħsbux li jkun ġest sabiħ,
Nemmen bosta jaħsbu bħali,
Li tissemma triq għalih?

Buġibba
16/5/2021



# Marija fil-ħajja tagħna

Rev. Karl Andrew Schembri

Wasalna biex niċċelebraw festa oħra, biex infakkru t-twelid u t-tfulija ta' Marija. Niċċelebraw il-ħajja ta' Marija, tfajla minn Nazzaret, li ħalliet kollox u tat ħajjitha lil Alla. Niċċelebraw il-ħajja ta' Marija, għax b'xi mod jew ieħor il-ħajja ta' Marija għandha valur fil-ħajja tagħna. Bħal meta niċċelebraw il-birthday ta' xi ħadd għax il-persuna jkollha post speċjali u valur f'ħajjitna. Anke aħna, issa se niċċelebraw lil Marija, għax Marija bl-iva tagħha tatna lil binha Ġesù.

Ladarba niċċelebraw, jeħtieġ li nsegwu l-passi ta' Marija u naraw ftit x'nistgħu nitgħallmu mit-tfulija ta' Marija. Spiss nisimgħu xi ħaġa dwar Marija u l-istorja tal-ħajja tagħha u li hija omm Alla u l-omm spiritwali tagħna lkoll. Imma kemm nieħdu ħin biex nippruvaw naraw ftit kif għexet Marija u napplikawh għall-ħajja tagħna? Qegħdin ngħixu f'soċjetà impenjata ħafna, li kważi ma tlaħħaqx tagħmel kollox f'ġurnata waħda. Dan għaliex kollox idur mal-flus biss u allura biex inħossuna tajbin nishru ħinijiet twal f'xogħol li kulma jmur qiegħed dejjem iħalli lill-bniedem bla nifs. Kemm se ndumu sejrin hekk?

Mhux qiegħed ngħid dan għal min ma jlaħħaqx mal-esiġenzi finanzjarji tal-ħajja u allura jispiċċa jkollu jaħdem ħafna imma għal min jista' jgħix komdu u li għandu, qatt ma huwa biżżejjed f'ħajtu. Jekk inħarsu lejn kif għexet Marija, naraw kemm hija għexet ħajja sempliċi u kemm l-ikbar impenn f'ħajjitha kien it-talb. Jekk ikollna napplikaw dan fil-ħajja tagħna rridu nkunu realistiċi, jiġifieri nsibu bilanċ tajjeb ħafna bejn il-ħin tax-xogħol, tal-familja u d-divertiment u l-ħin għat-talb u riflessjoni personali.

Jien spiss kont nispiċċa naljena lili nnifsi b'xogħol, ħafna drabi volontarjat, biex inżommni okkupat b'xi ħaġa. Però, kien meta bdejt insib ħin għat-talb u r-riflessjoni li bdejt niltaqa' ma' Alla u nibni relazzjoni miegħu. Ħajti bdiet tinbidel u dak il-vojt li kelli beda jimlieh Hu. Inħares lura u nara kif Alla ħadem miegħi. Hekk kif ħadem ma' Marija, jista' jaħdem magħna lkoll. Imma rridu nwieġbu l-iva, kulħadd skont iċ-ċirkustanzi tal-ħajja tiegħu. Alla kellu pjan għal Marija, għalik għandu ieħor, qiegħed tipprova tara x'inhu?

Għalhekk ejjew, waqt li niċċelebraw kif jixraq il-ħajja ta' Marija, inħarsu lejn ħajjitha u naraw b'liema mod Alla ħadem fil-ħajja tagħha u nippruvaw aħna wkoll inħalluh jaħdem fil-ħajja tagħna. Huwa b'dan il-mod li ħajjitna tista' titjieb jew tinħass xi ftit aħjar. Il-flus ma jtejbux il-ħajja tagħna, itejbu biss il-kundizzjonijiet li fihom ngħixu, li ħafna drabi s-sodisfazzjon ma jdumx wisq għax il-kundizzjonijiet tajbin li jġibu l-flus malajr jindraw u nkunu rridu aktar u aħjar. Il-ferħ li jiġi minn Alla, kif naraw fil-ħajja ta' Marija, mhux biss tejjeb il-ħajja tagħha imma anke ta' dawk kollha li kienu qrib tagħha. Viva Marija Bambina!





# The Coexistence of the 'Old' and the 'New' in the Maltese Wind Band Tradition

Anthony Borg

The tradition of banding in Malta goes back a long time and music has always had an important and recognised place in Maltese festivities. During the rule of the Knights of St John, for example, a small ensemble of musicians would take part in feast processions and alongside this, there were also established military bands such as the Grandmaster's Band and the Band of the Maltese Militia (id-Dejma). With the onset of British rule, came British Military Bands and the Maltese soon became eager to set up their own bands. Band Clubs, as we know them today, were established in the mid to late 19th century as a result of this.

After more than 150 years, the wind band tradition remains strong in Malta and the presence of band clubs in almost every town and village confirms that banding continues to be an important and valued institution within Maltese society.

To mitigate the past and the present whilst looking to the future is not an easy task and the process of retaining the 'old' traditions whilst embracing change and 'new' traditions is a continuous and evolving process which may often go unnoticed. For some, the 'traditional' and the 'modern' are opposing elements, but the reality is that both complement each other and keeping this complimentary and healthy balance is an essential aspect of contemporary banding in Malta. The coexistence of the 'old' and the 'new' can perhaps be explained further by looking at three different aspects of banding:

- physical space – the band club
- club members – people
- music – instrumentation and repertoire

## The band club

Every band has its own club and in some towns and villages there is more than one band club. Most societies own their band club, but others rent the premises from a third party. "Il-Każin" (the Maltese word for band club) is an important place for the local community and most clubs are situated in a prominent place, usually the parish square or in the town's main street.

Some clubs have also invested heavily in infrastructural projects in order to generate income. For example, the La Stella Philharmonic Society and the Leone Philharmonic Society in Victoria, Gozo, each own an opera theatre as part of their band club complex. Other band clubs, such as the Żejtun Band Club and the Maria Mater Gratiae of Żabbar also have their own theatre, the Pandora and the Blue Arena respectively.

"Il-bottegin" (the Maltese word for bar) is the first place you see when entering a club. The bar is the most frequented part of the club and it is a



*Aurora Theatre, Gozo*



*Astra Theatre, Gozo*

place for members, non-members and visiting tourists to meet and to socialise. For many band clubs, the bar is also the main source of revenue. Traditionally, bars would serve a range of drinks (alcoholic and mineral), as well as teas, coffee and cakes. Nowadays, many band clubs also serve food.

Other facilities within the club include a hall (used for social, cultural and fundraising events), teaching rooms and the music room.



*The Imperial Band Club Music Room*

Importantly, the room most treasured in all band clubs, is the Committee Room. Besides being the place where committee meetings are held, the Committee Room is also the room where important guests and visitors are welcomed and where artefacts detailing the club's history can be seen. There are many interesting and important items which can be seen in the display cabinets in a Committee Room, including memorabilia, gifts given by supporters and members, old and obsolete musical instruments, photographs of key events in the club's history and portraits of founding members and former presidents and bandmasters.

There is a huge sense of pride when band club members show visitors around their club and this sense of pride remains especially strong amongst those emigrants who left Malta in the third quarter of the 20th century to live in the USA, Australia and Canada. Often, these emigrants return to Malta at festa time and showing their children and grandchildren around 'their' band club is an important - and often very poignant - part of their holiday in Malta.

## The People

Band clubs are run by a committee elected by members, and elected committee members serve on a voluntary basis for a term of one or two years, depending on the club's statute. The committee is responsible for the day-to-day running of the club with the main positions being those of President, General Secretary, Treasurer, Club Director and Band Delegate. There is usually an assistant to each post and in many instances, there is also a Spiritual



*The Imperial Band Club Committee Room*

Director, a Roman Catholic priest or monk, who looks after the spiritual needs of members.

Within a band club structure, there are also sub-committees. The Youth Section (Kummissjoni Żgħażagħ) is responsible for organising innovative activities which encourage new young people to join the club whilst the Band Sub-Committee (Kummissjoni Banda) looks after everything which is needed in order to ensure the smooth running of all musical activities within the band club. Traditionally, some clubs would also have what was known as a 'Ladies Circle' (Kummissjoni Nisa) where women would come together to organise fundraising activities for the club. Whilst these sub-committees do still exist in some band clubs in Malta, there is an increasing trend for responsibilities that were traditionally seen as being the role of women, to be integrated into the main committee and other sub-committees.



***A fundraising activity at the Imperial Band Club***

Inevitably, as is the case in many organisations, there are different managerial styles within a band club. On the one hand, there is the typically more 'conservative' style of management, often attributed to the main committee, especially when many of the committee members have been serving for a long time. Whilst on the other hand, there can be seen a pro-active and a seemingly open style of management, as in the Youth Section for example.

Band club members come from all walks of life and to become a member, one has to pay an annual fee to the club. In some clubs, a prospective new member has to obtain committee approval prior to being accepted as well. Standing for a few minutes at a band club bar in Malta will give the observer a very good insight into the contrasting differences between members of the same club.

In a typical band club bar, the observer might see someone sitting alone at a table with a coffee going through a daily newspaper. At the same time, a group of younger people might be seen chatting, taking 'selfies' and catching up on social media. The observer might also see a group of people playing cards or snooker and retired members sitting having a drink and catching up on the latest village news. Younger people will nearly always mention the tradition of banding within their family and previous generations are spoken of with admiration and respect. The band club bar remains an integral part of Maltese banding and the bar is very much a fusion of the 'old' and the 'new'.

Another group of people who attend band clubs are the musicians and the students. Since their inception, band clubs have often been the first place where a local person could learn music. Most band clubs offer free music lessons and provide musical instruments and learning material at no cost to the student, and despite increasing financial constraints, clubs continue to provide this important 'social' service to this day. Music teaching has improved significantly over the years through the hiring of more competent teachers and through the use of more modern methodology and technology.

Musicians - just like club members - come from



***The Imperial Band and Choir during the Festa Annual Concert***

a range of different backgrounds and often their connection as a musician with a band goes back three or four generations. Male musicians still outnumber female musicians in banding but it is encouraging to see that this is changing and at the Imperial Band Club in Mellieħa, we are committed to ensuring that more women and girls take up music and go on to play an active role within the band.

The preferred musical repertoire of musicians varies greatly especially between different age groups. Older musicians in a band, for example, often tend to prefer the operatic works of Verdi, Puccini, Mascagni and Wagner, whilst younger musicians may lean more towards pop music, musicals and music from soundtracks. As banding evolves, it is important that all preferred repertoires are taken into account.

### Instrumentation and Repertoire

Although band clubs were formed when Malta was under the British Rule, the significance of Italian refugees to Malta in the last quarter of the 19th century should be acknowledged because this had a huge impact on the Maltese wind band tradition. Some of these Italian refugees were Maestri who very much left their mark on the wind band tradition. Instruments were referred to by their Italian name and the sound of the Maltese wind band was much closer to that of an Italian band than a British band. Instrumentation continued to evolve during this time and some instruments disappeared altogether, such as the Contrabasso D'Ancia and the Tromba. Other instruments were replaced. For example, the Flicorno Tenore and the Trombone Cantabile were replaced by the Althorns.

During the 1960s, the saxophone family was included in the Maltese wind band and during the latter part of the 1970s and the 1980s, further instruments were included such as the drum set, the bass guitar, keyboards and various percussion instruments. This was largely due to the influence of the brass bands that came to Malta for the Maltafest Festival.

The Maltese wind band repertoire also saw significant change over the years. Taking into account the concert repertoire and the first 100 years of the Maltese repertoire, the music performed during concerts was only classical and operatic, namely overtures, fantasias and selections. By the mid-1970s, the Armed Forces Band of Malta under the then Director of Music, Lt Anthony Chircop, started to introduce music from sound tracks and pop music.

This innovative introduction, backed by the




***Selection from Bizet's Opera Carmen transcribed by E. Bartoli August 1880***
***Music Library - Imperial Band Club Mellieħa***


Raymond Mahoney
GENSNA
Highlights from the Rock Opera
Paul Abela
arr. Anthony Borg
Flute
Piccolo
Flute
Oboe
Clarinet in E♭
Clarinet in B♭ 1
Clarinet in Bb 2
Clarinet in Bb 3
Bass Clarinet
Bassoon
Soprano Saxophone
Alto Saxophone 1
Alto Saxophone 2
Tenor Saxophone
Baritone Saxophone
Horn in F 1
Horn in F 2
Horn in F 3
Trumpet in Bb 1
Trumpert in Bb 2
Trumpet in Bb 3
Baritone
Trombone 1
Trombone 2
Bass Trombone
cue bassoon
Euphonium
Tuba
Bass Guitar
Soprano
Baritone
Voice 1
Voice 2
Electric Piano
Timpani
Drum Kit
Percussion
Percussion
Percussion
Xylophone

participation of British brass bands in the Maltafest Festival, left its mark on the Maltese wind band repertoire. Increasingly, Maltese bands are adapting more easily to change, and this is being complimented by easier access to new music by publishing houses and an increase in local musicians composing and making arrangements for their own band. Another important development in recent times is that non-Maltese residents are also joining local bands and thus contributing to a changing repertoire. Currently, there are several non-Maltese musicians who play with the Imperial Band of Mellieħa, and both the current and previous musical directors of the Imperial Ladies Choir are not Maltese.

Today, Maltese wind bands produce concerts with a variety of musical styles, ranging from classical to soundtracks, music for instrument solo and for band, and pop music whereby a pop singer will often join the band to perform. It remains though, that probably the most popular music amongst locals is the Maltese march, especially during the festa period. As with everything else, the Maltese march has also evolved over time. Marches written in the first half of the 20th century, such as those by Adeodato Gatt and Vincenzo Ciappara, have more musical complexity than the popular marches of today. Most of the latter have a simple melody that is easily grasped and recognised by people in the street, and this is accompanied by strong, and at times repetitive, rhythmic structures, as in for example, Andrew Colerio's march 'Agrigento'. The foreign influence on the Maltese march is manifested largely in the marches of Anthony Aquilina and Joseph Azzopardi.

In summary, it is evident that the coexistence of the 'old' and the 'new' does not pose a risk to our wind band tradition. The huge sense of pride and the sense of belonging that are often associated with the 'old', is still evident today and this, alongside the need for change and innovation, often associated with the 'new', will strike the balance which will ensure the successful continuation of a healthy wind band tradition within the Maltese Islands. Going forward, it is essential that we retain the traditional aspects of Maltese banding whilst embracing the new.

Ta' Peter
Bar, Restaurant &
Games Room
Specialising in
Maltese Cuisine
&
Fresh Fish Dishes.
Ġorġ Borg Olivier Str.
Il-Mellieħa - Malta
Tel: 21 523537





# Stejjer minn Selmun

Jeffrey Sammut

## L-Isem Selmun

Skont il-mibki Professur Godfrey Wettinger, l-ewwel darba li jissemma l-isem Selmun huwa f'kuntratt tal-1473, fejn huwa mniżżel bħala *salamuni*. Interessanti li hawn xi għelieqi madwar Malta li wkoll huma magħrufa bħala 'ta' Selmun'. Kienet teżisti wkoll l-għalqa ta' Selmuna (femminil ta' Selmun) f'Tal-Barrani. Selmun aktarx kien xi kunjom, u possibbilment huwa traduzzjoni tal-kunjom Pace. Però jista' jkun ukoll li Selmun hija korruzzjoni tal-isem Salamone jew Sulejman.[1]

Paul P. Borg, fil-ktieb tiegħu *Selmun, a Story of Love,* isemmi kif fl-1576, galera Maltija (bastiment baxx bil-qlugħ u l-imqadef) immexxija minn Marco Di Maria spiċċat b'bastiment Musulman jiġri warajha. Di Maria nduna li l-bastiment tal-għadu kien kważi laħqu u allura ddeċieda li jgħaddi mill-kanal bejn Selmun u l-Gżejjer ta' San Pawl. Dak iż-żmien, dan il-fliegu kien ferm aktar baxx mil-lum u kien faċli li tinkalja fih. Allura dan Marco di Maria ordna lill-baħrin imorru kollha fil-poppa, biex il-pruwa tintrefa' mill-ilma. Hekk kif il-galera ħakket mal-qiegħ, il-kaptan ordna liċ-ċorma jiġru lejn il-pruwa, ħalli togħla l-poppa, u b'hekk irnexxielhom jgħaddu. Mhux l-istess għamel ix-xini Musulman, li nkalja u baqa' mwaħħal hemm, tant li nqabad mill-kavallieri. Tal-bravura li għamel, Marco di Maria u l-werrieta tiegħu ngħataw il-Gżejjer b'ċens mill-kavallieri.[2]

Jaf din kienet ir-raġuni li l-Gżejjer għamlu żmien magħrufa bħala l-Gżejjer tal-Barba Marku, biex ifakkru lil dan Marco di Maria. Fl-1932, meta l-Gżejjer kienu riservati għall-kaċċa lil Carmelo Attard Montaldo, dan induna li xi kaċċaturi niżlu fuqhom għall-fniek mingħajr il-permess tiegħu. Allura kiteb ittra lill-pulizija biex jinfurmahom bil-każ u fiha semma' li dawn il-kaċċaturi '*furono visti per la caccia di coniglio sull'Isola di Barba Marco*.' (rawhom jikkaċċjaw il-fniek fuq il-Gżira tal-Barba Marku.)[3]

Dan l-isem kien għadu jintuża saħansitra sa wara l-aħħar gwerra. Fl-1945, ċertu Vincent Borg tressaq il-Qorti mill-pulizija talli ħalla xi tankijiet jew bjar tal-ilma fi stat ħażin fuq '*Barba Marku Islet*.' Il-Qorti tatu tmint ijiem ċans biex jirranġa l-ħsara, inkella kien se jeħel 2 xelini u nofs multa kuljum sakemm jagħmel it-tiswijiet meħtieġa.[4]

## 'Kent umbrajtha l-iskula.'

Annunziata née Fenech, omm Leli Vella, kienet minn tal-Isbraff imma bħalma kien jiġri ħafna drabi, Leli wiret il-laqam ta' missieru, Karmnu tal-Blaj. Leli jiftakar il-mixja li kellu biex minn Selmun jasal sal-Mellieħa għall-iskola. Xita jew xemx, trid tmur. Imma Leli qalli '*Kent umbrajtha l-iskula. L-għalliem kien jaruni ikreh… Jiena ma finix parenza! U bdejt niskarta*.' Allura, filgħodu, daqqa jitlef il-qorq, daqqa jqum b'żaqqu tuġgħu u fil-gwerra, bis-saħħa ta' Mussolini u Hitler, kien hemm ir-raġuni valida tal-attakki mill-ajru! Imma fl-aħħar ommu qabżitilha u bagħtitu bilfors. Hekk kif daħal l-għalliem fil-klassi u rah, kien pront bewġu 'l barra għand is-surmast! Dan ma tantx laqgħu bit-tajjeb! '*Mur ġib lil ommok,*' qallu. U Leli bela' mixja oħra sa Selmun. Annunziata ma tantx ħadet pjaċir. Qaltlu '*Iwa mort darba, jaħasra erġajt ġejt!?*' Imbagħad mixja oħra tal-qaddisin sal-Mellieħa ma' ommu; dan kollu biex is-surmast jgħidilha li Leli kien qed ifalli wisq skola u ma kienx se jirnexxi. Meta qaltlu li kien qed jibża' mill-air raids, is-surmast kellu r-risposta fil-komma. Weġibha li fil-Mellieħa kien hemm aktar xelters minn Selmun u għalqilha ħalqha. U Leli kellu jerġa' jibda jmur jitgħallem![5]

Minn banda, Leli kellu ftit raġun. Fil-fatt, fl-14 ta' Lulju 1940, sittax-il missier minn Selmun, inkluż wieħed Carmelo Vella, li jista' jkun kien missier Leli stess, bagħtu petizzjoni lill-Gvern Ingliż biex jgħidulu li f'Selmun kien hemm 40 tifel u tifla u li dawn kellhom mixja ta' tliet kwarti kuljum biex imorru l-iskola. Huma semmew kif sa ftit ta' żmien qabel, il-Gvern kellu l-ħsieb li jkun hemm skola f'Selmun imma mid-dehra, kien intesa




*L-ismijiet tal-postijiet meħudin mill-ktieb* Selmun u l-Inħawi *ta' Paul P. Borg.*

kollox. Għalhekk, huma talbu li din l-iskola tiftaħ il-bibien tagħha, aktar u aktar peress li f'Selmun kien hemm erba' xelters fejn it-tfal setgħu jistkennu f'każ ta' attakk. Ir-risposta kienet waħda xotta; ġew infurmati li minħabba n-nuqqas ta' għalliema, l-iskola ma setgħetx tiftaħ. U kellhom jibqgħu b'xiber imnieħer.[6]

### 'Bħal taċ-Ċina'

Leli jiftakar il-ħajja sempliċi imma mimlija miżerja f'Selmun. Billejl, it-toroq kienu mixgħula minn erba' fanali: wieħed fil-misraħ, jiġifieri hekk kif jibda l-bini Selmun, ieħor fejn il-ħanut tal-Lanċa, ieħor fejn il-bir tal-ħnejja, u l-aħħar wieħed fejn ta' Konsolat (l-aħħar irziezet int u sejjer lejn il-Fortizza Campbell). Il-fanali kienu f'idejn Ċensu Vella tal-Ħanin. Filgħaxija kien jiġi bis-sellum jixgħelhom u filgħodu kien jitfi dawk li jkun għadhom mixgħula.



*Mary Vella tan-Naħlu fejn l-għajn tal-ilma li kien hemm fejn ir-razzett ta' Konsolat. Il-pillbox li tidher fejn il-Palazz kienet inqerdet meta saret il-lukanda ta' Selmun. Ritratt: Kollezzjoni privata.*

Għax-xorb kien hemm il-bjar, inkella żewġ għejun, waħda fejn ta' Konsolat u l-oħra xi mitt pass 'il fuq mill-kappella ta' Selmun. Issa dawn l-imberkin għejun kellhom manku li kellek toqgħod iżżommu magħfus biex l-ilma jibqa' ħiereġ. Imma għal kollox hemm soluzzjoni. Xi ħadd ħareġ bl-idea li jekk iddeffes laqxa bejn il-manku u l-għajn, dan kien jeħel u l-ilma kien jibqa' jnixxi bla ma jieqaf, qisu l-ilma li Mosè kien ħareġ mill-blat tad-deżert!

L-ilma kien dejjem problema f'Selmun. Fl-1920, il-kappillan ta' Selmun kiteb lill-Gvernatur biex jgħidlu li ma kienx hemm ilma biżżejjed għall-mitejn ruħ li kien hemm jgħixu f'dan l-irħajjel. Is-soluzzjoni mogħtija kienet li jerġa' jsir kif kien sar fl-1917: titwaħħal kanna fuq barra tal-Mellieħa u l-abitanti ta' Selmun jieħdu l-ilma minnha u jġorruh bil-karrettun lejn djarhom. Dan għaliex ma kienx hemm fondi biżżejjed biex isir main tal-ilma. Il-kappillan ma qatax qalbu; saqsa jekk il-Gvern setax minflok jitfa' sitt btieti ilma kuljum fil-bir tal-ħnejja. Lanqas din ma għoġbithom lill-Ingliżi għax qalu li l-bir kien fi stat ħażin u biex tgħaxxaqha, l-ilma seta' jiġi kkontaminat bil-mikrobi u ħmieġ li kien ikun hemm mal-bramel tan-nies meta dawn jimlew l-ilma bihom. Allura n-nies ta' Selmun kellhom jitqannew bil-ġarr tal-ilma kuljum mill-Mellieħa.[7]

Drenaġġ ma kienx hemm. Xi żewġ familji fortunati kellhom fossa; il-bqija, kif qal Leli, *'bħal taċ-Ċina,'* jiġifieri aqbad is-satal u itfa' kollox fil-pal tal-bajtar jew fir-raba'. Fis-sajf, l-irqad kien fuq xi xkora fuq il-bejt għall-frisk imma meta l-ewwel xita ta' Settembru kienet tkeċċi lil kulħadd 'il ġewwa, kienu jorqdu fil-kmamar tat-tiben.

Leli l-Blaj jiftakar sitt qigħan fix-Xagħra tal-Ħawlija. Issa x-xagħra kienet privata, allura kull meta kienu jidirsu fiha kienu jagħtu tomna qamħ bħala ħlas lil sidha. F'Mejju kienu jippreparaw il-qiegħa. L-ewwel jonqxuha biex ineħħu xi ħaxix li jkun kiber, imbagħad jikinsuha, ixarrbuha u jgħaddu romblu tal-ġebel minn fuqha biex iwittuha u jballtuha. Fl-aħħar kienu jgħattuha bit-tiben biex ix-xemx ma tnixxifx l-art f'salt. U l-ewwel li kienu jidirsu ma kienx il-qamħ jew ix-xgħir imma ċ-ċukkarda jew ġulbiena bajda, peress li din kienet tilħaq l-ewwel. Idawru l-bhejjem fuqha sakemm iż-żerriegħa tinfired minn max-xitla mbaskta bix-xemx, imbagħad jgħolluha (iderruha) bil-midra biex ir-riħ jifred iż-żerriegħa mill-kumplament.

Leli kien jgħin lil Dun Ġużepp iqaddes fil-kappella tal-Palazz, u xħin saqsejtu jekk jiftakarx xi ħaġa mill-quddiesa, kien pront beda jgħid it-talb bil-Latin. U mid-dehra kien joqgħod attent ħafna għal dak li kien jgħallmu Dun Ġużepp, għax li kieku ma waqqaftux, kien ikolli nisma' quddiesa mill-bidu sal-aħħar bla ħsieb![8]

### Il-ħarruba ħaduha magħhom!

Il-gwerra affettwat lill-komunitajiet[9] ta' Selmun b'modi differenti. Saħansitra minn qabel il-gwerra beda l-inkwiet. Karmnu tal-Blaj kellu ħabel raba' u ħarruba fix-Xagħra tal-Bur tal-Ħarruba. Darba minnhom raw xi nies jieħdu l-qisien fuq il-blat u ftit wara ħarġet l-ordni li kull minn kellu l-art f'dik il-ħara kellu jdabbar rasu għax kienet se tinbena fortizza. Kien hemm minn kellu razzett fl-inħawi u dawn ħadu kumpens permezz ta' kmamar int u dieħel



*Salvu Bartolo taz-Zomblu fuq il-qiegħa fix-xagħra tal-Ħawlija. Ritratt: Kollezzjoni privata.*

lejn il-fortizza. Tal-Blaj ma kellhom xejn għajr ftit piżelli u dik l-imbierka ħarruba imma Karmnu fettillu li dik kellu jeħodha miegħu wkoll, la kienet tiegħu. Allura ġieb lil ħuh u kisser minn hemm u sserra minn hawn, kaxkruha magħhom. Imbagħad, kull meta ma kienx ikun galbu għar-raba' minħabba x-xita, Karmnu kien jinfexx fiz-zkuk u jkissirhom biċċiet żgħar bil-baqqun biex isajru bihom.

Hekk kif faqqgħet il-gwerra, tal-Blaj iddeċidew li jmorru jistkennu fil-miġbħa tal-Wied tal-Kalkara billejl. Imma kif waslu hemm sabu li qabilhom kien hemm ġa nofs il-Mellieħa! Barra minn hekk, Leli nduna li mal-ħarruba, fuq barra tal-miġbħa, kien hemm xi tliet xkubetti jew snieter. Dawn kienu ġabuhom magħhom xi Melleħin ħalli f'każ li t-Taljani jew il-Ġermaniżi kien ifettlilhom jagħmlu xi nżul, kienu jilqgħuhom bil-musketterija u ċ-ċomb. Forsi ftit ħasbu li r-risposta tal-għadu kienet se tkun b'armi aktar moderni u qerrieda milli b'sempliċiment snieter tal-kaċċa.[10]

## 'Kinna ngħixu magħhem'

Leli jsemmi li fil-bajja tal-Mistra kien hemm żewġ ajruplani tal-baħar Ingliżi Short Sunderlands. Dawn kienu jintużaw biex ifittxu s-sottomarini tal-għadu, fost affarijiet oħra. Darba, waqt li kien sejjer l-iskola, ra żewġ ajruplani Ġermaniżi qishom tikka fis-smewwiet, iduru dawra mejt. Leli fettillu li dawn il-Ġermaniżi kellhom għalih u kif rahom jogħdsu kien pront staħba ġo kmajra tas-sejjieħ. Imma l-għadu kellu f'moħħu l-ajruplani tal-baħar, mhux lil Leli. Sema' xebgħa sparar u għalkemm xtaq jibqa' jinvestiga, sema' jidwi ġo moħħu l-kliem tas-surmast u reġa' qabad triqtu lejn l-iskola. Wara, xi ħadd qallu li wieħed mill-ajruplani Ingliżi kien intlaqat, ħa n-nar u għereq fil-bajja. Leli jsemmi wkoll li fil-Mistra kien hemm tinda kbira fejn kienu jinżammu dawn is-Sunderlands meta jittellgħu l-art. Wara l-gwerra, il-fdalijiet tal-ajruplan mgħarraq ġew sploduti biex titnaddaf il-bajja.



*L-arjuplan Short Sunderland jaqbad fil-Bajja tal-Mistra wara li ġie mmaxingjat mill-ajruplani Ġermaniżi. Ritratt: Anthony Rogers.*

Imma l-gwerra ma ġibitx biss għaks u faqar. Leli jiftakar is-suldati stazzjonati fil-beachposts madwar Selmun u kif qalli, '*konna ngħixu magħhom*', fissens li ħafna drabi, is-suldati kienu jagħtu ftit mirrazzjon tagħhom lit-tfal. Is-sitwazzjoni tjiebet aktar fl-1943, meta x-xgħari ta' Selmun imtlew bit-tined tal-8th Army qabel l-invażjoni ta' Sqallija. Leli u tfal oħra kienu jmorru ħdejhom u jpartu l-patata mal-gallettini. Meta dawn is-suldati telqu ħabta u sabta biex jinżlu fi Sqallija, kien hemm minn sab ix-xoqqa f'moxtha u għabba karrettuni sħaħ bit-tined, kutri u rimożolji oħra li ħallew warajhom fix-xgħari ta' Selmun.

Ġrajja oħra f'moħħ Leli hija meta ra ajruplan enormi b'erba' magni ġej lejn Selmun. F'daqqa waħda, is-sema mtliet b'umbrelel bojod hekk kif l-ekwipaġġ tal-ajruplan abbandunah peress li kien milqut. Leli jiftakar fejn niżlu ħamsa minn dawk ta' fuqu: fir-ramla tal-Mistra, fil-Bajjad, fejn il-Palazz, fix-xagħra ta' Gardillu u f'Qasam Barrani. Dak li ġie fil-Bajjad taħan siequ u tellgħuh fuq stretcher. Hekk kif waslu bih fejn il-Palazz, iltaqa' ma' sieħbu u tgħidx kemm għannqu lil xulxin.[11] L-ajruplan baqa' jtir sakemm niżel fil-baħar 'il barra mill-Gżejjer Maltin. Din il-ġrajja hija mniżżla wkoll fl-okkorrenzi tal-pulizija tad-19 ta' Lulju 1943, fejn hemm imsemmi li b'kollox, il-pulizija raw tmien membri tal-ekwipaġġ jaqbżu mill-ajruplan[12] Flying Fortress[13] tal-Airforce Amerikana. Fil-fatt, dan l-ajruplan kellu ekwipaġġ ta' għaxra. Id-disa' wieħed inġabar mill-baħar minn dgħajsa tas-salvataġġ. L-ieħor, aktarx il-pilota, ħadd ma jaf x'sar minnu. Aktarx li baqa' jżomm il-Flying Fortress jittajjar dritt sakemm qabżu sħabu imma mhux magħruf jekk hu salvax ukoll.[14]

## Dwal misterjużi

L-anzjani ta' Selmun kellhom ħafna rakkonti. Wieħed minnhom, miġbur mill-awtur Paul P. Borg, jgħid li darba waħda, xi bdiewa kienu qed jaħdmu billejl fuq il-Gżejjer meta lemħu dawl qawwi fuq il-gżira ta' barra u bdew jisimgħu xi daqq ukoll. Wieħed tifel xtaq imur jara x'kien qed jiġri imma missieru ma ħalliehx u qallu '*Dawk tas-Setta ibni!*' Iżda kif sebaħ, it-tifel għelbitu l-kurżità u mar jittawwal imma ma sab xejn, lanqas imqar xi ħaxix mgħaffeġ biex juri li mal-lejl kien hemm xi ħadd![15] Dan ir-rakkont jista' jkun ibbażat fuq storja li seħħet tassew. Fil-lejl tal-11 ta' Settembru 1932, diversi persuni marru l-għassa ta' San Pawl il-Baħar jirrapportaw li kienu qed jisimgħu xi nies jgħajtu mill-inħawi tal-Gżejjer, qishom qed jitolbu l-għajnuna.[16] Fl-istess ħin bdew jaraw ħafna dwal ipetptu, qisu xi ħadd kien qed jixgħel xi sulfarini. Dak il-ħin stess, is-Surġent 20 G. Fenech, il-Kuntistabbli 147 G. Stellini u żewġ persuni oħra rikbu f'dgħajsa tas-sajd u rħewlha lejn il-Gżejjer


ALLNEEDS THE D.I.Y. STORE
ALLNEEDS
IRONMONGERY
19, St.Anne Street,Mellieħa
Tel: 21521167
www.allneeds.com.mt


TONY ENGINEERING
WORKS
FOR ALL KINDS OF
ENGINE RECONDITIONING
102, Prince Albert Town,
Marsa MRS1046 - Malta
TEL. (00356) 21 242 204
EMAIL. tonieng.wks@gmail.com


autumn/winter 2023/24
Kids
indoor pool parties
LUNA
HOLIDAY COMPLEX
request a brochure
events@lhcmalta.com
celebrate your birthday with us

imma la lemħu u lanqas semgħu xejn aktar. Biex żgur ikunu ċerti, għamlu tfittxija wkoll mal-kosta ta' Selmun imma ta' xejn. Il-misteru ta' x'kien dak li raw u semgħu dak il-lejl in-nies ta' San Pawl il-Baħar baqa' qatt ma ġie solvut.[17]

## 'Kien qisna l-barracks.'

Ninu Bonanno, missieru Ġanni minn tan-Nizz u ta' Ġgejna u ommu Vitora, minn ta' Gerbulin u tal-Plajten, bħal Leli tal-Blaj, kien imur l-iskola l-Mellieħa. Il-Mellieħa ħaratha jdur skejjel differenti; tgħallem f'żewġ kmamar quddiem tas-Sorijiet, fiċ-Ċentru, f'Ta' Snajjin, imbagħad fejn illum hemm il-każin tal-Labour u fl-aħħar fl-iskola l-ġdida. Jiftakar li wieħed mill-aktar għalliema li kien jieħu interess fl-istudenti kien is-Sur Kristinu Borg tat-Tabakku. Ninu jiftakar kif ġieli żammhom wara l-ħin biex ikompli l-lezzjonijiet.

Kuljum filgħodu, is-Sur Borg kien jibda l-ġurnata b'nofs siegħa P.E. Issa, peress li dan l-għalliem kien għamel xi żmien fl-armata, il-P.E. kien aktar qisu drill tas-suldati milli sports u kif qalli Ninu, '*bl-għajjat u storbju, kien qisna l-barracks*.' Darba, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni bagħat għalliem tal-Isport Ingliż u dan għamel eżami lill-klassijiet kollha tal-Mellieħa. Wara erbat ijiem, is-surmast bagħat għas-Sur Borg u wara ftit, it-tfal rawh ġej lura ferħan se jtir bi gwarniċ daqsxiex b'ċertifikat ġo fih. Il-klassi tagħhom kienet ħadet l-ewwel!

Imbagħad kien hemm dik l-imbierka dictation. Min kien iġib aktar minn tlieta ħżiena kien jibla' l-kliem kollha għal għaxar darbiet. Issa Fredu Sammut ir-Ratal kienet ġietu idea ġenjali. Bil-paċenzja kollha, ikkopja dictation minnhom għal għaxar darbiet fuq karta tas-siment u meta Ninu kien jeħel, ir-Ratal kien isellifhielu ftit. Meta s-Sur Borg kien isaqsi lil Ninu kienx għamel it-tiswija penitenza, skont il-liġi tal-klassi, dan kien pront jibda jxejjer il-karta tas-siment. Ninu kellu suspett kbir li l-għalliem kien jaf x'qed jiġri imma peress li kellu r-raba' fejn ta' missieru, '*kien ibexxaq għajn waħda!*'[18]



*Leli Vella l-Blaj fir-raba'. Ritratt: Familja Vella.*

## Il-Festa ta' Selmun

Bħall-kumplament tal-ħajja f'Selmun, anke l-festa kienet waħda sempliċi. Kienet issir ħuġġieġa u marċ tat-tfal bil-laned, għotjien tal-bottijiet u ċekċik ieħor. Karmnu Vella tan-Naħlu kien iqabbad in-nar u waqt is-Santu kien jibda jitfa' l-iskrataċ imbjank fil-fjammi u dawn kienu jieħdu wieħed wara l-ieħor u jservu ta' murtali.

Kienet issir ukoll tellieqa bil-ħmir, li kienet tibda minn fejn illum hemm il-kappella u tispiċċa fejn il-palazz. Darba minnhom, waqt din il-kompetizzjoni, il-ħmara ta' Kullatu, li ma kinitx waħda mill-parteċipanti, ħarbet lil sidha, għaddiet lill-ħmir kollha u ħadet l-ewwel! Li ġara kien li din il-ħmara kienet tkun magħluqa fiċ-Ċikken ta' quddiem il-palazz u kif sabet ruħha ħielsa, kienet pront taret bħal sajjetta biex tmur lura f'postha u spiċċat rebbieħa bla ħsieb.

Attività interessanti oħra fil-festa kienet tinkludi l-arblu antik tat-telefon li kien jinsab fil-Lbiċ tal-Palazz. Dan kien jindilek bix-xaħam u taħtu jitpoġġew kemm Alla ħalaq tiben u saqqijiet għal li jista' jinqala'. Man-naħa ta' fuq kienu jiddendlu zalzett, fliexken tal-inbid u affarijiet oħra. Tattika biex tilħaq dak il-ġid imdendel kienet tikkonsisti li isfel joqgħod wieħed b'saħħtu u sħabu jitilgħu fuqu. Dawk li kienu jagħmluha ta' xadini kien ikollhom arma sigrieta fil-but: tiben biex bih jimsħu x-xaħam sakemm fl-aħħar jilħqu l-premjijiet fil-għoli. Min kien jiżloq, jekk tiġih tajba, kien isib xi saqqu jew il-munzell tiben jistennieh.

Ħaġa oħra interessanti li jsemmi Ninu kienet li waħda Ingliża, li kienet tieħu ħsieb il-Palazz ta' Selmun, ma riditx li Ġużepp Bartolo taz-Zomblu jżejjen il-faċċata ta' din il-binja maestuża għall-festa, għax ħasbet li kien se jarmaha bil-fjakkoli. Aċċettat biss meta assigurawha li kienu se jagħmlu bottijiet bit-trab u xemgħa ġo fihom. Dan għaliex beżgħet li l-fjakkoli setgħu jagħmlu l-ħsara lill-ġebel tal-binja. Kif qal Ninu, din il-barranija kien aktar jinteressaha mill-wirt kulturali ta' Malta mill-Maltin stess. B'dispjaċir, Ninu jiftakar kif darba

minnhom, fejn ir-razzett tan-Naħlu, ra munzell 'imbarazz'. Induna li kienu l-fdalijiet tal-artal tal-kappella tal-Palazz; kienu farrkuh dawk li ħadu l-Palazz taħt idejhom biex ikunu jistgħu jdeffsu xi żewġ imwejjed oħra fil-maqdes, li issa kien inbidel f'restorant.[19]



*Il-Palazz ta' Selmun, iċ-Ċikken u l-irziezet qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Dawk li qishom siġar huma fil-fatt munzelli ta' silla jew ħatab maħżuna fuq l-irziezet. L-arblu tat-telefon fuq ix-xellug huwa dak li kien jindilek bix-xaħam għall-kukkanja fil-festa. Ritratt: Kollezzjoni privata.*

## Uniformijiet u Incendiaries

Vitora, omm Ninu, kellha tlieta minn uliedha bandisti mal-Banda Imperial. Kellha kedda biex taħslilhom l-uniformijiet bojod silġ tal-banda. Kienet tlesti kaldarun enormi fuq kenur, tqatta' s-sapun taċ-ċavetta u s-soder, titfa' l-ilma, tagħmel biċċa drapp bajda fuqhom u tgħatti l-kaldarun li ma tmurx taqa' xi biċċa nugrufun fl-ilma.

Imbagħad problema biex issib biżżejjed ħatab biex tgħalli daqstant ilma, għax barra li kull familja kienet tuża l-injam għat-tisjir, fil-Mellieħa u Selmun kien hemm tal-anqas tmint ifran. Allura x-xgħari kienu jitqaxqxu minn kull xewka u ħatba. Kollox kien jinġabar, ħlief is-sagħtar, għax inkella n-naħal ma kienx ikollu fuq xiex jirgħa. Tant kemm kien skars l-injam li xi żabbara tal-ħarrub kienu jitħallsu bil-friegħi li jaqtgħu huma stess.

Ulied Vitora ġieli sabu xi biċċa tyre għall-kenur imma anke dawn kienu skarsi peress li karozzi ftit kien hawn. Allura kienu jirrikorru għall-bombi incendiaries li ntefgħu fil-gwerra mit-Taljani u l-Ġermaniżi u li ma kinux ħadu. Kienu jsibuhom mxerrda 'l hemm u 'l hawn fix-xgħari jew fuq xi ħajt tas-sejjieħ. L-ewwel jiftħu l-bomba, imbagħad ifarrku l-materjal inċendjarju ta' ġewwa b'xebgħa martell u fl-aħħar jitfgħuh fil-kenur taħt il-kaldarun. Issa dan kien idum biex jaqbad imma meta fl-aħħar jieħu n-nar, ma kont titfih b'xejn. Tant kemm kien jagħti dawl abjad qawwi, qisu mħallat b'ħafna kuluri, li kien idejqek, qisu qed tħares lejn il-welding. Waqt li kienet tgħalli l-ħwejjeġ, Vitora kienet tgħanni xi għanjiet fosthom '*Il-qattusa bebbuxija, kemm taf taqbad il-ġurdien, taqbadlu saqajh ta' wara, u tħallilu ta' quddiem.*'

Meta fl-aħħar il-ħwejjeġ jagħlu, l-operazzjoni ma kinitx tkun lesta. L-ewwel kienet tħallihom



*Bomba inċendjarja Taljana. Ħut Ninu kienu jiftħu dawn il-bombi, ikissru l-materjal ta' ġewwa u jitfgħuh fil-kenur mal-ħatab biex ommhom tkun tista' tgħalli l-ħwejjeġ fil-kaldarun. Ritratt: Kollezzjoni privata.*

jiksħu fil-kaldarun stess għax jekk toħroġhom meta jkunu għadhom jaħarqu jiksħu f'salt u d-drapp jitlef is-saħħa. Wara taħsilhom, tlaħlaħhom, ittihom il-blu, tonxorhom, ittihom il-lamtu (*starch*) u jibqa' l-mogħdija. Il-ħadida kienet timsaħha b'biċċa niedja u tgħattiha, ma tmurx titħammġilha u ċċappas xi uniformi u jkollha terġa' tibda mill-bidu! U skont Ninu, ħutu tant kemm kienu jkunu puliti bl-uniformijiet li bejnhom u bejn ir-Re Ġorġ V, ma kienx ikun hemm differenza.[20]

## Dlam ċappa

Ħaġa impressjonanti kienet id-dlam li kien jirrenja fil-pajjiż qabel u wara l-gwerra. Dan kellu l-vantaġġi tiegħu għax il-kwiekeb kienu jidhru sew. Meta kien jorqod fuq il-bejt fis-sajf, Ninu kien jinnota t-Trajja[21], konstellazzjoni ta' stilel tixbah lil pagna (qisha taġen) u li skont fejn kienet tkun waslet fis-sema kienu jikkalkulaw il-ħin. Kienu jaraw ukoll 'It-Triq ta' Sant'Anna' (il-*Milky Way*). Ommu kienet tgħidlu li jekk jifli s-sema sew, seta' anke jara lil Sant'Anna għaddejja imma hu la qatt ra lilha u wisq anqas lil San Ġwakkin! Tant kemm kien hemm dlam li meta hu u ħuh Danjel kienu jmorru Tat-Tomna biex jarmaw għall-gamiem qabel ma jisbaħ, il-dawl tal-fanal tal-Ġordan t'Għawdex kien jagħmel id-dell warajhom fix-xagħra.

Imma xi drabi, f'qamar kwinta, ir-raba' kienet tieħu l-ħajja. Dan għaliex xi bdiewa kienu jagħmlu x-xogħol fid-dawl ta' qamar. Pereżempju kemm Ninu kif ukoll Leli l-Blaj jiftakru l-Gżejjer jinħadmu billejl. Ġrajja li jiftakar Ninu kienet li darba, xi ħadd issellef baqra mingħand bidwi li kellu r-razzett flok il-Fortizza Campbell. Din il-baqra kellhom bżonnha fuq il-Gżejjer biex jaħartu, allura filgħaxija rabtuha wara frejgatina u kellha tgħum warajhom sakemm waslu l-art. Imma filgħodu ma sabuhiex hemm. Li ġara kien li din il-baqra kellha għoġol, li kienu ħallewh fir-razzett. Mal-lejl semgħetu jgħajjat, faqgħet ix-xatba fejn kienet miżmuma, qasmet il-fliegu ta' bejn Selmun u l-Blata bil-għawm u marret lura fejn il-ferħ tagħha.[22]


Office: Stoneage, Triq San Silvestru, Mosta
Tel: 21423662
Mobile: 99422197 (on-site visits); 99526254 (administration)
Facebook: Zammitconcretemalta
e-mail: info@zammitconcrete.com
Website: www.zammitconcrete.com
Professional Concrete Contractor
for both residential and commercial sectors.
Specialising in various outdoor concrete finishes
for garages, roofscreeds, terraces, driveways, pool areas,
factories, warehouses, etc.
ZAMMIT CONCRETE
WORKS LTD


MALTA
INTERNATIONAL
AIRPORT
Scan our QR code
and visit our website
Airport
Transfers
drifter
Call us: +356 2152 3535
drifter



*Ninu Bonanno flimkien ma' ommu Vitora fuq il-qiegħa. Ritratt: Kollezzjoni privata.*

## Bajd fil-pramm

Danjel Bonanno, li jiġi ħu Ninu, ukoll jiftakar il-ħajja trankwilla ta' Selmun. Huwa kien ipoġġi l-madum, imbagħad daħal jaħdem mal-Ingliżi, u meta dawn telqu fl-1979, reġa' spiċċa minn fejn kien beda, ma' Karmnu tal-Madum. Kien ukoll jieħu r-ritratti fit-tiġijiet, tant li martu Mary qaltli li xi wħud saru jafuh bħala 'Tar-Ritratti'.

Selmun ta' tfulitu ddeskrivih fi ftit kelmiet: '*Bdiewa, karrettuni telgħin u niżlin u kulħadd fir-raba*''. Għall-ilma kellhom spiera; ilma tajjeb imma mhux abbundanti. Meta kienu jsaqqu minnha l-ġardina li kellhom quddiem ir-razzett, kienu jarmaw il-grubja, barmil tiela' mill-ispiera u l-ieħor nieżel.

Kienu jrabbu wkoll xi annimali: nagħaġ, fniek u tiġieġ. Is-suf tan-ngħaġ kienu jaħsluh u jagħmluh ħajt bil-magħżel. Il-bajd kienu jbigħuh peress li kien ikollhom mal-200 tiġieġa. Kienet tiġi waħda mlaqqma Ġandarjuwa, iddur bil-pramm, tixtri l-bajd li kien ikollhom u tpoġġih ġo fiha. Imma ma kinitx tbigħu l-Mellieħa, għax kif qalli Danjel, dak iż-żmien kulħadd kien irabbi xi żewġ tiġiġiet id-dar.[23]

## Manuvri misterjużi u suldati finta

Storja li hija ttimbrata f'moħħ Danjel hija meta fil-gwerra feġġew xi suldati armati b'tank tal-gwerra 'l isfel mir-razzett tagħhom, li kien jinsab pass 'il bogħod mit-triq l-antika li kienet tagħti mill-Migduma għal Selmun. Huwa rahom iwaħħlu bħal żewġ travi weqfin mal-art, imbagħad jagħmlu biċċa inċirata jew liżar twil magħhom. It-tank beda jsuq għal fuq din l-inċirata u jieqaf.[24] Dak li lemaħ Danjel aktarx li hemm spjega tiegħu fi ktieb li kien ħareġ fi żmien il-gwerra biex iħarreġ lill-Home Guard fil-ġlied. Il-Home Guard kienet magħmula minn anzjani, tfal jew oħrajn li għal xi raġuni medika ma setgħux jinqabdu bil-lieva imma minflok kienu jitħarrġu ta' suldati volontarjament.

Dan il-manwal ta' taħriġ jispjega kif il-membri tal-ekwipaġġ ta' tank tal-gwerra kellhom żvantaġġ kbir; meta jkunu magħluqin ġol-vettura, kienu jistgħu jittawlu biss minn xquq rettangolari żgħar. Skont l-awtur tal-ktieb, kien hemm mod 'faċli' kif twaqqaf tank tal-għadu. L-ewwel ridt tpoġġi liżar marbut b'wajer mal-art bejn żewġ posti ta' xatba. Fuq kull naħa tal-liżar kien ikun hemm suldat moħbi ġo xi ħatba, iżomm tarf tal-wajer. Hekk kif it-tank jasal max-xatba, dawn iż-żewġ eroj (jew imġienen) kellhom joħorġu jiġru u jgħattu t-tank bil-liżar, qishom qed jaqilbu fuq xi gamiema bil-mansab! B'hekk, is-sewwieq kien ikollu jieqaf għax ma kien ikun qed jara xejn. Imbagħad kienu jfiġġu s-suldati l-oħrajn; min armat b'lieva biex jaqla' l-katina tat-tank u min bi flixkun tal-petrol f'idu biex iwaddbu fuq il-magna ħalli din tieħu n-nar.[25]

Forsi l-awtur ta' dan il-ktieb m'għaddilux minn moħħu li tank rari kien ikun waħdu imma dejjem kienu jkunu minn tal-anqas tnejn jew tlieta. Allura, hekk kif it-tnejn bil-liżar kienu jfiġġu biex iwettqu dmirhom, dawn kienu se jispiċċaw fil-mira tal-machine guns tat-tankijiet l-oħra u l-operazzjoni kien ikollha tieqaf ħesrem. Jista' jkun li peress li l-kittieb ma kienx se jagħmel din il-biċċa xogħol hu, ftit li xejn qagħad jaħseb x'setgħu jkunu l-konsegwenzi.

Difiża oħra kontra t-tankijiet kienu t-trinek fondi mħaffrin fit-toroq. L-idea kienet li jekk il-vettura armata tal-għadu tazzarda taqsam dawn il-kanali, kienet taqa' fihom u teħel hemm. Mal-ġurnata, biex it-trakkijiet u l-karozzi tal-militar setgħu jgħaddu, kien jitpoġġa pont tal-injam fuq dawn il-fossijiet. Issa Danjel u sħabu kien l-hena tagħhom jistennew xi trakk ġej ħalli jidħlu taħt il-pont li kien hemm ftit metri 'l fuq minn fejn illum issib l-istage tal-linja tal-Migduma. Dan biex jisimgħuh ifaqqa' u jċekċek hekk kif it-trakk jgħaddi minn fuqu. Il-problema kienet waħda. Peress li fil-gwerra, vetturi ftit kien hawn, ġieli għamlu nofstanhar jistennew bil-ħniena sakemm fl-aħħar kienet tfiġġ xi karozza jew xi trakk u taqtgħalhom xewqthom.[26] Issa dawn l-imberkin ta' pontijiet tal-injam ta' spiss kienu jispiċċaw fil-mira tal-ħallelin. Dan għaliex kienu jkunu mgħaqqdin b'ħafna boltijiet u skorfini u kull min sab iċ-ċans, żarma kemm felaħ minnhom. Tant kemm ġarrew ħadid minn dawn il-pontijiet li wħud bdew jiżżarmaw u jaqgħu biċċiet. It-tajba kienet li għall-ewwel, kienu weħlu l-inġiniera Ingliżi li kienu armawhom; dawn ġew akkużati li kienu għamlu xogħol ta' kafkaf![27]

Danjel jiftakar ukoll forom ta' suldati tal-injam, mill-qadd 'il fuq, impoġġija fuq il-ħitan tas-sejjieħ. Kien hemm xi tlieta minnhom fejn iċ-Ċangar u oħrajn imferrxin 'l hemm u 'l hawn.[28] Suppost dawn kellhom iservu biex f'każ ta' invażjoni, l-għadu jispara fuqhom u jikxef fejn kien qiegħed. Imma

dawn is-suldati finta, bħall-boltijiet tal-pontijiet, kienu ta' spiss jisparixxu! Dan għaliex xi bdiewa sabu użu aħjar għalihom; kienu jisirquhom, iqattgħuhom biċċiet u jużawhom bħala ħatab għall-kenur.[29]

Ix-xtut kienu magħluqin b'geġwiġija ta' barbed wajer. F'xi postijiet, dan il-wajer imxewwek kien jikkonsisti fi tliet rombli mal-art, żewġ rombli oħra mitfugħa fuqu u romblu ieħor fuq nett, tant li kien jiġi għoli daqs bniedem jew aktar.[30]

Biex twaħħal dan il-wajer f'postu saret ħafna ħsara lill-bdiewa ta' Selmun. Biżżejjed nagħtu żewġ eżempji: Fit-2 ta' Ottubru 1939, John Vella, iben Victor tal-Blaj, u Ġamri Cauchi, iben Grazio ta' Gejges, irrappurtaw li suldati tal-KOMR u tal-Irish Fusiliers daħlu fir-raba' tagħhom fil-Blata u għamlu ħerba mill-prodotti u mill-ħamrija biex poġġew il-barbed wajer. Anke biex tneħħa kollox wara l-gwerra nqala' l-inkwiet. Pereżempju, f'Novembru tal-1945, Vincent Borg, iben Salvu tal-Mellieħi, sab il-ġulbiena misħuqa fl-Imġiebaħ u nduna li xi suldati kienu għaddewlu minn ġo fiha biex żarmaw dan il-wajer li tant ġiegħel bdiewa jgħidu litaniji bil-maqlub.[31]

## Ħelsuha ħafif

Lejla minnhom, il-familja ta' Danjel kienu reqdin fir-razzett meta f'daqqa waħda qam għagħa sħiħ. Ajruplan tal-għadu fettillu jitlaq partita bombi żgħar u tal-ħruq fl-inħawi ta' Selmun u bomba minnhom ġiet viċin ir-razzett tagħhom. Danjel jiftakar li qam maħsud qalb id-duħħan u t-trab. Wara nduna li kemm hu u ħutu kienu ħelsuha ħafif. Bl-isplużjoni, waqgħu seba' xorok mis-saqaf u b'xorti tajba, minflok ġew fuqhom u difnuhom ħajjin, spiċċaw fuq raff u minkejja li dan iċċaqlaq minn postu, ma ċediex. Hekk kif ħarġu mir-razzett, raw għexieren ta' ħġejjeġ żgħar li kienu jaslu sal-Imġarr, juru t-triq minn fejn kien għadda l-ajruplan hu u jitlaq it-tagħbija qerrieda tiegħu.[32]

Mary, mart Danjel, semmiet kif is-suldati tal-KOMR kienu ħadu taħt idejhom garaxx li kellhom fil-Mellieħa. Lil dan il-garaxx, it-truppi malajr għammduh bl-isem ta' Holiday Inn! Tiftakar ukoll kif zitha Mananni kienet tbeżżagħha b''tal-Geżwiera'. Dawn ma kienu xejn għajr is-suldati Skoċċiżi libsin il-kilt, għaddejjin mit-toroq tal-Mellieħa jdoqqu l-bagpipes imma kif kienet tarahom ġejjin, Mary kienet tkun pronta tisparixxi ġewwa![33]

## Konklużjoni

Is-sempliċità tal-irħajjel ta' Selmun intilfet bil-mod il-mod b'dak li jissejjaħ progress. L-invażjoni ta' nies kull nhar ta' Ħadd u fil-festi, biex igawdu l-arja u l-ftuħ, wasslet biex il-kampanja tal-inħawi timtela' biż-żibel, biex il-Fortizza Campbell tiġi vandalizzata u misruqa, u biex l-għelieqi li xi darba kienu jfuru bil-qamħ u x-xgħir jispiċċaw mitħuna taħt ir-roti tal-vetturi. L-ironija hija din: kif il-bniedem dejjem ifittex postijiet mhux mittiefsa biex igawdi l-ġmiel tagħhom imma kull fejn jidħol hu, ifarrak u jkisser. Imbagħad, xħin il-post jinqered darba għal dejjem, ifittex postijiet verġni oħra u l-ħsara tkompli tinfirex qisha xi marda qerrieda li m'għandhiex kura…

L-awtur jixtieq jirringrazzja lil dawn il-persuni, li mingħajrhom dan l-artiklu ma setax ikun possibbli:– Anthony Rogers, Paul P. Borg, Paul R. Vella, Mario Vella, Leli u Karmni Vella, Danjel u Mary Bonanno, Ninu u Mary Bonanno, Stefan Borg, Charles Borg, Simon Mifsud, David Bartolo, Ruben Vella u l-istaff tal-Arkivji Nazzjonali ta' Malta.

## Riferenzi

1 Wettinger, Godfrey (2000) *Place-Names of the Maltese Islands* PEG Ltd pġ xxxiii, 10, 526.
2 Borg, Paul P. (1996) *Selmun, A Story of Love* Union Print pġ 14-15.
3 Okkorrenzi tal-Pulizija tal-Mosta, 1932.
4 Okkorrenzi tal-Pulizija tal-Mosta, 1945.
5 Intervista ma' Leli Vella tal-Blaj.
6 National Archives of Malta CSG01 4526/1940.
7 National Archives of Malta CSG01 3179/1920.
8 Intervista ma' Leli Vella tal-Blaj.
9 Komunitajiet għax kienu mifruda skont fejn kien hemm l-irziezet, eż tal-Imgiebaħ, ta' fejn il-Palazz, tax-Xagħra tal-Bur tal-Ħarruba (Campbell), tal-Blata, eċċ.
10 Intervista ma' Leli Vella tal-Blaj.
11 Intervista ma' Leli Vella tal-Blaj. Għall-aktar informazzjoni dwar Leli Vella l-Blaj, speċjalment dwar l-għażiq bil-bank, ara l-intervista fil-ktieb ta' Paul P. Borg (2000) *Snajja' u Xogħol il-Maltin – L-Ewwel Volum* PEG Ltd pġ 99-107.
12 Okkorrenzi tal-Pulizija tal-Mosta, 1943.
13 Fl-istess ġurnata, fil-baħar viċin il-Gżejjer Maltin, ikkraxxja B-24 Liberator, bomber ieħor Amerikan li wkoll kellu ekwipaġġ ta' għaxra. Jista' jkun li fil-fatt, ikkraxxja biss ajruplan wieħed u min ħasbu Flying Fortress u min irrapporta li kien Liberator.
14 Galea, Frederick R. (2002) *Call Out* Bieb Bieb Publications pġ 262.
15 Borg, Paul P. (1996) *Selmun, A Story of Love* Union Print pġ 299.
16 Il-kliem eżatt li semgħu kien 'Ajjut, ejjew nies.'
17 Okkorrenzi tal-Pulizija tal-Mosta, 1932.
18 Intervista ma' Ninu Bonanno.
19 Intervista ma' Ninu Bonanno.
20 Intervista ma' Ninu Bonanno.
21 Bl-Ingliż, din il-konstellazzjoni hija magħrufa bħala The Pleiades jew The Seven Sisters.
22 Intervista ma' Ninu Bonanno.
23 Intervista ma' Danjel Bonanno.
24 Intervista ma' Danjel Bonanno.
25 Storey Neil R. (2009) *The Home Guard* Shire Library pġ 24-25.
26 Intervista ma' Danjel Bonanno.
27 Sammut, Jeffrey (2022) *Malta War Occurrences – The Police Logbooks 1940-1942* BDL Publishing pġ 215-216.
28 Intervista ma' Danjel Bonanno.
29 Sammut, Jeffrey (2022) *Malta War Occurrences – The Police Logbooks 1940-1942* BDL Publishing pġ 215.
30 Intervista ma' Danjel Bonanno.
31 Okkorrenzi tal-Pulizija tal-Mosta, 1940, 1945.
32 Intervista ma' Danjel Bonanno.
33 Informazzjoni mgħoddija lill-awtur minn Mary Bonanno.



# Celebrating Malta's Musical Heritage: Francesco Schira

**Geoff Thomas**



Last year, I wrote about the wealth of Malta's musical heritage and how it is being rediscovered. Before that, during the enforced lockdown, I shared with you how I made use of that time to delve further into my family tree. This year, I am going to combine those two interests to bring to life one of Malta's oft-forgotten musical sons.

During the spring of this year, I was involved in a wonderful celebration of Maltese operatic music spanning over two hundred years. Organised by Dr Reuben Pace, this musical banquet featured: **Giuseppe Arena** (1709-84); **Girolamo Abos** (1715-60); **Nicolò Isouard** (1773-1818); **Francesco Schira** (1809-83); **Anton Nani** (1842-1929); **Giuseppe Camilleri** (1903-76), and **Carmelo Pace** (1906-93). While I was rehearsing and playing this delightful music, I thought I recognised the style of Francesco Schira. It sounded very much like Balfe (especially Bohemian Girl) and Sullivan. I needed to find out more. Fortunately, the Maltese mezzo-soprano Clare Ghigo had researched quite a bit in order to stage this event and she was able to point me in the right direction.

As it turns out, Signor Schira is a classic example of don't believe everything you read on the internet. When was he born? Where was he born? Was he an average jobbing composer and teacher or was he up there with Verdi as one of the giants of the late 19th century? There is conflicting contemporary evidence in each case. Some things are certain, however, so let's look at the evidence.

First, two reputable sources, Grove's dictionary and Ricordi publishers, give his date of birth as 21 August 1809 in Malta. Wiki (and others) give his birth date as Sept. 19, 1815, or even October 19th, 1809. However, when he died in London on 15 October 1883, his age was given as 74, confirming the earlier date.

He was one of four children born to a father who was a singer and a mother who was a ballerina. There seems to be some confusion between Francesco and his brother Vincenzo, not least because there was another Vincenzo Schira (also on the books of Ricordi) who was born in 1802 – but in Spain – and who died of cholera in Portugal in 1857. Some of Francesco's compositions were erroneously attributed to this man as Francesco also lived in Lisbon for about 10 years.

The Schira family moved to Milan, where Francesco studied (at the Conservatorio) and had his first opera, *Elena e Malvina* performed at La Scala on November 17th, 1832. He was head-hunted by a Portuguese impresario and soon moved to Lisbon as *Maestro Direttore, Compositore e Conduttore della Musica* at the Santo Carlos. He remained for eight years in Lisbon where he was also appointed Professor of Harmony and Counterpoint at the Conservatory, composing *I Cavalieri di Valenza* and *Il Fanatico per la Musica*, besides ballets, cantatas, etc. He also conducted operatic performances at the Teatro della Città di Oporto. Although I have found no concrete evidence to support my theory, it is likely that he married here. He certainly had a daughter (who had married a Portuguese) who was named in his will.

**SCHIRA Francesco.**

Personal Estate £2,102 15s. 10d.

28 May. Administration of the Personal Estate of Francesco Schira late of 60 Welbeck-street Cavendish-square in the County of Middlesex Musician who died 15 October 1883 at 60 Welbeck-street was granted at the Principal Registry under the usual Limitations to George Frederick Jefferys of 67 Berners-street in the said County Music Publisher the lawful Attorney of Angelica Josepha Schira (Wife of F. de Miranda) the Daughter and only Next of Kin now residing in Portugal.

His personal estate of over £2000 is worth about £215,000 today. The fact that he lived in some of the best parts of London is also testament to the fact that he was doing very well. He moved to London following another offer, this time from a Mr Maddox. Schira was visiting Paris in search of a good book or libretto for a new piece and was tempted to London (a city he had visited three years earlier) as director of music at the newly opened Princess's Theatre. The theatre, previously the Oxford Street Theatre, opened on Monday, December 26, 1842. Despite some less than favourable press reviews, Schira was popular with the public and conducted at Drury Lane and Covent Garden.

From the mid-sixties until his unexpected death in 1883, Schira was busy as a singing teacher, although he continued to compose until 1876. He continued to travel, particularly back to Italy, and maintained correspondence with his publisher, Ricordi, in Milan. For the Carnival at Naples, in 1865, he wrote another grand opera, entitled *Selvaggia*, which was given with brilliant success, and was performed at Milan, Barcelona and elsewhere. The reception accorded to *Selvaggia* led to his being asked to write another opera, *Lia*, for Venice. This was also first performed during the Carnival but was apparently not so much to the taste of the Venetians as its precursor. Nevertheless, there are those who regard 'Lia' as Schira's *capo di lavoro*. He was totally opposed to any style other than the Italian, yet 'despite his narrow musical tastes, Schira was, after Verdi, one of the outstanding Italian opera composers of his generation.'

The Drury Lane band requires decided amelioration. There is a want of quality and of tone in the leading instruments. The violins are much too weak for the bass strength. We have no great confidence in the abilities of Signor Schera as musical director. We wish the lessee could be impressed with the importance, in the present advanced state of musical knowledge, of making a grand orchestral improvement, and let us no longer be under the reproach that the Drury Lane band is inferior to a tenth-rate Parisian one. We write under the impressions of last and previous seasons. We are unaware that there has been any alterations of note, but if we find them we shall be most happy to signalise them.

***Illustrated London news, 27th September 1845***

Schira's opera *Kenilworth*, after Scott, was rehearsed at Covent Garden but not produced, but the Princess's Theatre gave well-received productions of his operas *Mina* in 1849 and *Thérèse*, or *The Orphan of Geneva* in 1850. He conducted the 1852 season at Drury Lane, but thereafter he devoted himself to teaching singing, while continuing to compose. His opera *Nicolò de' Lapi* was produced at Her Majesty's Theatre in May 1863.

Francesco Schira appears on the 1861 UK census living at 48 Queen Anne Street in Marylebone. He gave Italy as his place of birth, and his profession as 'Musical Composer and Professor of Singing.' At the time of the census, he was apparently 46, which would mean he was born in or about 1815. More confusion.

The managers of the Birmingham Triennial Festival commissioned Schira to write a cantata for the meeting of 1873. This was one of the most prestigious festivals of the 19th century. It began in September 1768, and was started to help raise funds to complete the new General Hospital on Summer Lane. It proved to be very popular and successful, but it took another event in 1778 to achieve the funds required. The hospital opened September 1779. The festival ran until 1912, never restarting after the First World War. It saw the premieres of

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 48 Queen Anne St | 1 | Francesco Schira | Head | Mar | 46 | | Musical Composer and Prof of Singing | Italy |
| | | Mary Eve | Servant | [illegible] | | 27 | | Middlesex London |
| | | Robert [illegible] | Servant | | 15 | | | Do do |



Signor Schira on 29th October 1861




An extract from Nicolò dè Lapi in Schira's own hand, dated 1st December 1865

Mendelssohn's *Elijah*, Dvořák's *Requiem*, and Elgar's *The Dream of Gerontius*. Schira's cantata *The Lord of Burleigh* was performed on August 26th, 1873, the opening day of the festival, under the composer's baton. The story is based on Tennyson's poem of the same name, although it is a complete re-write! Here are some extracts from the review in The Musical Times of 1st October 1873:

> The first novelty of the Festival, Signor Schira's Pastoral Cantata, "The Lord of Burleigh," was produced at the concert on Tuesday evening, before a large audience, the Duke of Edinburgh again being present. The story of Tennyson's poem on the subject is perhaps scarcely well adapted for musical treatment, as two characters only are the actors in it; but Mr Desmond L. Ryan, the author of the libretto, has remedied this difficulty by adding two more, Constance and Trueman.
>
> In the setting of this Cantata, Signor Schira has shown but little appreciation of the character of the story, but simply using his experience of orchestral and choral resources, to the best advantage, and throwing in a few highly melodious vocal solos, which belong rather to an Italian Opera than an English Pastoral, has succeeded in producing a composition which, regarded only as abstract music, has many points worthy of commendation, but tested by that higher artistic standard by which the work of so mature a composer must inevitably be judged, can scarcely take that high rank which the indiscriminate applause bestowed upon it would seem to warrant. (The Victorians loved long sentences!)
>
> The instrumentation throughout is so crushing to the voices as to render obscure many parts which might with more judicious treatment have been highly effective, for there is much good vocal writing in the concerted portions of the work … if it were necessary to show that our impression of the excessive weight of the orchestration was shared by the general audience, we might allude to the fact that the only two pieces encored - the Trio "O'er seas of life," and the Quartet and Chorus, "How changed her state" were unaccompanied … The Overture and Pastoral Processional March are favourable examples of the composer's orchestral writing, and both were much and deservedly applauded. At the conclusion of the work, Signor Schira, who conducted, received a perfect ovation, being recalled for renewed congratulations after he had left the orchestra.


Birmingham
Agosto 28/73

Carissimo amico

Vi mando uno dei più belli articoli che parla della mia nuova produzione stata eseguita Martedì scorso 26. corrente al gran Festival – Ebbi una vera ovazione, pezzi ripetuti, ed un esecuzione magnifica. Non aggiungo parola, poichè tutto ciò che si può dire, lo troverete nell'articolo – Solo permettetemi di dire, che

My dearest friend,

I am sending you one of the most beautiful articles which talks about my new production which was performed last Tuesday 26th at the Grand Festival. I had a standing ovation, encores, and it was a magnificent performance. I won't say another word as everything I can say will be found in the article.


avergli pagato per intero il libretto [illegible], ebbe da me in settembre scorso, cento lire che gli regalai, che fanno 300, ed ora dopo la domanda fatta sono 15 giorni appena chiedere ancora altre cento ?....

Quando saprò da te che gli hai dato le Italiane lire duecento a mio conto, allora le renderò al Sigr. Lisci – Attendo un tuo riscontro – Ti abbraccio di cuore

L'amico
F. Schira

Feb: 11/80

60, Welbeck Street,
Cavendish Square, W.

Londra

Caro Tornaghi

Ti ho scritto la nuova della mia nomina a Commendatore e spero che Giulio amerà questa onorificenza data ad un Italiano, suo compagno d'arte; e che vorrà gentilmente farmi un bel articoletto nella "Gazzetta musicale" salutamelo cordialmente, e ringrazialo –

Ora vengo a chiederti

This is one of many mixed reviews he received but, as is the case today, the taste of the general public and the informed criticism of educated musicians do not often agree! Schira wrote to Ricordi with great enthusiasm.

One of the many letters from Schira that are in the Ricordi collection. Here, he is giving a gentle hint, following his 'royal appointment' as Commendatore, that his fellow artist will be kind enough to write a short article in the 'Gazzetta Musicale'. Then, in 1883, came the unexpected news of his death:

**Signor Schira**. The death of this esteemed composer and professor of the vocal art, which occurred last Monday morning at his residence in Welbeck Street, will be generally regretted. He had but recently come back from a visit to his relations at Milan and died soon after his return. For upwards of forty years Francesco Schira … has been a prominent figure in the musical world of this city, where he enjoyed high consideration, and moved in the best circles. … His death was quite unanticipated and, if simply on that account, will be the more deeply lamented. Schira was the recipient of several distinguished honours from the Italian Government, the most prized of which is that of *'Commendatore della Corona d'Italia'* — prized the more because it was conferred by King Humbert, motu proprio.

Had you heard of Schira before today? He was certainly a new name to me, but he has left a legacy which, despite his claims to be Italian, should be cherished and remembered by the land of his birth.



# Settembru

Mario Fenech

Bdejna d-disa' xahar tas-sena
għeneb minn tas-Settembrina,
naħsbu sabiex nagħmlu festa
kif tixraq lil Marija Bambina.

Dan ir-raħal tal-Mellieħa
ilu xhur qed jipprepara
jagħmel dak kollu li jista'
imħabbtu lilek qed jiddikjara.

Daqq ta' qniepen b'ton ferrieħi
li jwassal fuq il-widien,
il-kotra qiegħda tinġabar,
il-ferħ jinħass ma' kullimkien.

Il-knisja qiegħda tintrama
dalwaqt mit-tempju noħorġuk
il-patruna ta' raħalna,
għalhekk aħna nħobbuk.

Kull min taħt il-ħarsa tiegħek
għex fir-raħal tal-Mellieħa
lejk inġibed hekk kif lemħek
bukkett fjuri kollok fwieħa.

Imnaqqxa b'sengħa kbira
minn idejn kapaċi ta' skultur
Pietru Pawl Azzopardi
ix-xogħol ħariġlu sew bl-unur.

Kien għalhekk tassew jixraqlek
li jinbnielek tempju kbir,
dan jiddomina fuq ir-raħal,
tħares lejh jagħtik pjaċir.

Bil-pjazza quddiem il-knisja
din imlibbsa b'ħafna armar
daqt tinstema' wkoll il-banda
sabiħ ikun il-logħob tan-nar.

Il-Każin tal-Banda Imperial
sehem se jagħti f'din il-festa
il-marċi ġa ġew magħżula,
programm sħiħ ġa qed jitlesta.

Bil-marċi ddur fit-toroq,
il-programm fuq il-planċier,
kulħadd lest biex jagħti sehmu
minn qalbu u b'mod sinċier.

Għalhekk din l-għaqda mużikali
fil-Mellieħa taħdem qatigħ
sabiex dak li lesta tagħti
tagħmlu sewwa u b'mod sħiħ.

Jum it-8 ta' Settembru
infakkru t-twelid tiegħek,
żommna lkoll fit-triq it-tajba
sakemm naslu l-Ġenna miegħek.

Fittex oħroġ O Madonna
biex tberikna u thennina,
b'vuċi waħda għalenija
Viva Marija Bambina.



# Bis-skiet u l-qima ma' George Fenech

**Evarist Bartolo**

"Ħabib, kun af li qabel Alla sawwar lid-dinja
bil-ġmiel tagħha ħolom ħolma
t'għelieqi, ta' widien, għoljiet u xmajjar,
kif jagħmel kull artist qabel ma jsawwar.

"Għalhekk meta tmur timxi fil-kampanja, ftakar sewwa
illi qed timxi ġewwa l-ħolma t'Alla;
irfes bil-mod, imxi bis-skiet u l-qima …"

Din il-poeżija turina kif il-poeta Anton Buttigieg u l-pittur George Fenech kellhom l-istess qima lejn in-natura u t-tnejn li huma jirfsu bil-mod fiha u jimxu fiha bis-skiet u l-qima għax jarawha bħala sagra.

M'hemmx differenza bejn l-ispirtu u l-materja. Kif jgħidilna Teilhard de Chardin, studjuż tal-blat u tar-rabta tal-bnedmin ma' Alla, l-ispirtu u l-materja, mhux biss mhumiex kontra xulxin iżda talli huma biss aspetti differenti tal-istess realtà kożmika, tal-univers sħiħ. Meta George Fenech ipitter il-blat, il-widien, l-irdumijiet, il-baħar, id-dawl tax-xemx fuq San Niklaw, Ġnien Ingraw, Għajn Żnuber, Għajn Ħadid … ma jkunx qed ipitter biss postijiet fiżiċi u ġeoloġiċi li jolqtuh fil-pajsaġġ fil-Mellieħa u madwarha … ikun qed ipittirhom ukoll bħala realtà spiritwali.

George Fenech kien ipitter dak li jolqtu f'dan it-tikka ta' raħal, f'dan it-tikka ta' pajjiż, f'din it-tikka ta' dinja fl-univers tagħna. Għal George Fenech in-natura mhix xi xena pittoreska attraenti f'kartolina turistika fejn is-sbuħija hija tal-qoxra biss, tal-irtokk ta' dak li jidher minn barra biex jolqot l-għajn. Għal George Fenech in-natura mhix kemm se jirnexxilek iddaħħal bini fiha u kemm se jirnexxilek tagħmel flus minnha bla ma tagħti kas kif qed toqtol il-ħajja.



## L-ispirtu tan-natura

Għal George Fenech in-natura għandha ruħ profonda u meta jpenġiha, ipenġiha mill-ġewwieni ta' ruħha għax għandu reverenza lejha bħala parti sħiħa mill-ħajja. Tant jidħol fil-fond tan-natura li l-postijiet li jpinġi mhumiex biċċiet minn pajsaġġ f'raħal jew madwaru iżda parti sħiħa min-natura kożmika tad-dinja u l-univers tagħna. Għalhekk George Fenech huwa pittur tal-ispirtu, huwa pittur tan-natura spiritwali tal-ħajja tagħna fejn ix-xogħol tal-bdiewa, raħħala u sajjieda jitwaħħad mal-ħamrija, mal-mergħat u mal-baħar. Id-dgħajjes, l-irziezet u x-xogħol tal-bdiewa u s-sajjieda f'George Fenech għandu rabta armonjuża man-natura għax in-natura jaħdmu u jgħixu magħha, mhux jagħmlulha gwerra, jisfruttawha u jeqirduha.

George Fenech u n-nies tar-raħal li jpitter fl-għajxien tagħhom kienu jgħixu r-rabta tagħhom man-natura kif fissirha San Franġisk t'Assisi 800 sena ilu: in-natura, l-annimali, il-bnedmin huma familja waħda, huma aħwa ta' xulxin u jekk iweġġa' xi ħadd minnhom, tweġġa' l-familja kollha.

Għad hawn min sal-lum ma jaċċettax il-fatt li jekk se nkomplu nagħmlu gwerra lin-natura fil-mod kif ngħixu, kif naqilgħu l-flus … se nispiċċaw neqirdu lilna nfusna. Il-pittura ta' George Fenech mhix pittura dwar nostalġija lejn l-imgħoddi. Hi pittura b'messaġġ qawwi għal meta ħadimha u għall-futur: jekk mhux se nieħdu ħsieb in-natura, jekk mhux se nirrispettaw lin-natura, jekk se noqtlu lin-natura, se noqtlu lilna nfusna.

Ma' Teilhard de Chardin fl-'Innu lill-Materja', George Fenech permezz tal-pittura tiegħu jbierek lin-natura, lill-blat, lill-ħamrija, lill-baħar, ibierek lill-art li minnha ħareġ u jerġa lura fiha ("trab kont u

trab issir"). Il-bnedmin li jqimu lin-natura jafu li ħajjithom u mewthom huma ħaġa waħda fil-qalba tal-ħajja.

Ma' Teilhard de Chardin, George Fenech bil-pittura tiegħu jgħid: "Erfagħni 'l fuq, materja, lejn dawk il-qċaċet, biex permezz tat-taqbida, tal-firda u tal-mewt; erfagħni 'l fuq, biex fl-aħħar, inkun nista' nħaddan miegħi l-univers." Jekk nidħlu sewwa fil-pittura ta' George Fenech ma nkunux qed naraw biss xeni ta' pajsaġġ, inkunu qed nidħlu fil-misteru sagru tal-ħajja u tal-univers.





Mal-poeta Pablo Neruda, iżda bil-pinzell u mhux bil-pinna, George Fenech jgħid: "Jien magħmul mit-trab tal-art u l-għanja tiegħi magħmula mill-kliem. "X'nista' ngħid bla ma mmiss l-art b'idejja?"

## Vulkan kwiet imma vulkan

Familji Melleħin jirrakkuntawli kif George Fenech kien jagħtihom importanza kbira meta jmorru jixtru xi kwadru mingħandu. Ma kienx moħħu biex jieħu l-flus u ma jimpurtahx iżjed, l-aqwa li għamel il-flus. Il-pittura għal George Fenech kienet vokazzjoni reliġjuża mhux sempliċiment ħidma kummerċjali biex jagħmel il-flus.

Kif ktibt f'din ir-rivista ħdax-il sena ilu: *"Għaliex ma kienx sempliċiment bejgħ u xiri ta' kwadru. Kien jistaqsihom fejn se jdendlu l-kwadru. X'kulur huma l-ħitan tal-kamra. X'għamara għandhom fil-kamra. U mbagħad kien jagħtihom parir jekk il-kwadru li kien jogħġobhom imurx jew le fil-kamra fejn iridu jdendluh. Kien jgħidilhom ukoll xi gwarniċ iridu jdawru mal-pittura. Kien jagħmlilhom il-gwarniċ hu stess għax ma riedx li xi rokna tal-blat tal-Mellieħa, xi razzett, xi wied, xi blata tielgħa mill-baħar… tispiċċa maqtula b'xi gwarniċ tad-deheb li assolutament ma jmurx mal-ħajja sempliċi u ordinarja li kien ipinġi b'mod straordinarju George Fenech."*

*"George għamel nofs seklu jipproduċi stampa tal-ħajja ta' kuljum u l-għajxien tar-raħal u tan-nies tal-Mellieħa permezz tal-pitturi tiegħu ta' nies umli li hu kien jaf sew fir-raħal u li kieku mingħajr il-pittura tiegħu kienu jibqgħu għal dejjem anonimi u inviżibbli. George kien ukoll protagonista ewlieni fir-rakkont viżiv tal-ħajja tar-raħal li fih għex. Imwieled f'raħal żgħir u umli rnexxielu bil-mod kwiet tiegħu u bla suppervja jegħleb il-parrokkjaliżmu dejjaq u l-mentalità magħluqa tal-irħula żgħar. Huwa għamel suċċess kbir fl-istudji tiegħu fl-Italja iżda qatt ma kibritlu rasu jew beda jara bħala dubbien lir-raħal u lin-nies tar-raħal."*

*"Ma kien jara l-ebda kontradizzjoni bejn li jkollu livelli għoljin għall-arti tiegħu u li jservi lill-komunità tiegħu. Il-Melleħin kienu jħobbuh u jirrispettawh. Kien jitħallat ma' nies ta' kull fehma u ġejjin minn kull qasam tal-ħajja. Ma kellu problemi ma' ħadd. Kien jiċċelebra lill-Mellieħa, lill-inħawi ta' madwarha u lin-nies tar-raħal mingħajr ma jaqa' f'folkloriżmu medjokri. Il-kritiċi tal-arti jiddeskrivuh bħala bniedem kalm ħafna, mistħi, jitkellem bil-mod u minn taħt l-ilsien u dejjem jara kif se joħloq armonija fix-xogħlijiet tiegħu. Imma jien nemmen li kien iżjed minn hekk. Jien u nitkellem miegħu kull meta konna niltaqgħu kien dejjem jikkonvinċini kemm kellu passjoni ġo fih, li kien vulkan iżda li jagħti l-impressjoni li kien għolja kwieta rieqda għal sekli sħaħ. Kellu dispràment kwiet ġo fih għall-qerda tal-ambjent li kien jara madwaru u fl-istess ħin rassenjazzjoni kuraġġuża. Kien jipprotesta b'mod qawwi bil-mod li kien jaf hu: billi jpinġi l-widien, l-irdumijiet, il-blatiet, l-irziezet ġol-Mellieħa u madwarha."*

*"Niftakru jgħidli minn taħt l-ilsien li kien ipinġi b'ċerta urġenza, iħossu li m'hemmx ħin x'jitlef, jibża' li malli jitfa' għajnejh fuq xi xena kien se jaraha għall-aħħar darba, meqruda b'iżjed "żvilupp". Għal din ir-raġuni nħoss li l-pittura ta' Fenech dwar ir-raħal u madwaru jqanqlu diqa kbira. Fl-aħħar 50 sena r-raħal u l-kampanja ta' madwaru nbidlu ħafna, u partijiet sħaħ tagħhom inqerdu għal dejjem. Bla dubju kien hemm differenza enormi bejn kif raw il-Mellieħa dawk li ħatfu r-raħal u madwaru u raw kif użaw kull millimetru biex idaħħlu l-bini tagħhom fih u x'kien jara George Fenech u x'naraw fil-pittura tiegħu."*



# Tislima lil Anthony Fenech – Poeta Mellieħi

Alfred C. Sant



Anthony Fenech (1938-2023)

Int li bil-vrus tiegħek pittirt
dik id-dehra wisq sabiħa,
int b'versi mqabbla fissirt
ġmiel li jilqgħek fil-Mellieħa.

Int bl-iżjed mod safi u ċar
tajtna l-kwadru b'kull tifsira,
u bl-għanja ferħu x-xjuħ u ż-żgħar
b'tant memorji tal-Għadira.

Jidwi l-kliem sabiħ li sawwart
biex tajt ġieħ raħal twelidek,
għax kull strofa sew faħħart
bil-pinzell li żżomm f'idek.

Tat-tunnara terrqu 'l bogħod
iżda minnek le minsija,
u l-dat-tempju fuq il-għolja
lill-Vitorja mħabba kbira.

Int kont fil-ġenb mhux f'nofs il-palk
bħad-destin ta' ħafna awturi,
Biss dan il-grupp kif dejjem stmak
rispett u għożża lilek juri.





Tower Ladder Services

Elton Cauchi (Baliena)
Mobile: 9984 4678



# Brøttum Brass in Malta

Anne Linnea Rømo and Mildri Een Eide

Brøttum Brass is a recently promoted elite brass band from a small village in Norway, close to Lillehammer. We have 30 band members aged between 16 and 63 and last year, having been founded in 1892, our band celebrated its 130-year anniversary. We participate in the Nationals every February, and we attend one or two other competitions each year too. In addition to this, we also play many local concerts. Last year we hired a talented, hardworking and skilled conductor to be our main conductor – David Morton. David's appointment has been a huge success for us as David's ability to motivate, inspire and joke with us, has enabled us to reach the level that we are at today. Brøttum Brass has never been better, and we are having so much fun!

Before we begin our trip summary, we must start with a little praise: Malta is fantastic, and we are still warm to the core after our wonderful trip.




The story of Brøttum Brass's dream trip to Malta began in 2019, long before anyone knew that COVID-19 would turn the world upside down. In 2020, at the recommendation of Helge Haukås, we made contact with Dr Noel Camilleri, the President of the Malta Band Clubs Association, and so it began. The trip was initially planned for the summer of 2021 but alas it was not to be. The trip was then rescheduled for the summer of 2023. The dream had come true and we were ready to go! What had gradually faded away as a distant memory had now become a reality and suddenly everything was happening. We had questions though. How do you get a tuba on to an aeroplane? Can we carry percussion instruments in our hand luggage? Is a baritone 'special' luggage if it is packed together with toiletries?

Questions were answered and the trip went like clockwork. The train from Lillehammer to Oslo Airport was on schedule. The plane took off when it was supposed to and we landed on time too. All of the instruments arrived safely and intact and the bus was ready and waiting for us outside Malta International Airport.

When we arrived at the Solana Hotel and Spa in Mellieħa, everything had been arranged for a comfortable and pleasant stay. Of note is that the first thing that we saw at the hotel was a concert poster promoting our joint concert with the Imperial Band that would be taking place the following day. This was such a pleasant welcome and at this point, we realised that a very special few days were ahead of us.

### Day 1:
### Mellieħa and the Concert with the Imperial Band

Early on the Sunday morning we met with the President and Secretary of the Imperial Band Club, Josef Borg and John Baptist Gauci, in order to plan the evening's concert. We could hardly believe our eyes when we saw the band's fantastic venue and heard about the band's proud history.







The evening concert with the Imperial Band was an unforgettable experience. Rarely have we encountered such a wonderful audience.

People danced on the roof terraces around the square as we played and the crowd sang along so loudly at times that we almost didn't hear what we were playing.

Our Conductor, David Morton, beamed with happiness as dusk descended and the rest of the band just smiled. Those who had already managed to get sunburned at the beach probably didn't feel the pain until the next day.

After the concert, we shared food and drink with the Imperial Band in their beautiful venue. This evening – the Maltese warmth, sense of humour and friendliness – is one that we will never forget.







## Day 2:
## Gozo and the Concert in Gharb

Brøttum Brass didn't go to Malta just to have a holiday though, we wanted to play! So we were delighted to be able to combine a day of sightseeing with an evening concert in Gozo on day two. Happy musicians set off on a bus packed with instruments,





sunscreen, drinking water and swimwear - and we got to use everything that we had with us.

Gozo is a beautiful island and it was a special experience indeed to wind our way through the narrow village streets. We ate delicious food at Il-Kċina tar-Ramla in Ramla Bay and Grazie Mille in Għarb. We visited the cliffs at Dwejra Bay, and we played a concert in front of the Knisja tal-Għarb which was another great experience! A lot of work had gone into the planning of our visit, especially by John and Anthony from the Imperial Band, and we are very grateful for this.



## Day 3: Valletta and the Concert in St. Paul's Bay

No one can travel to Malta without experiencing Valletta and after two eventful days, we wanted to take time to reflect and relax in this beautiful capital city. Some chose to go shopping whilst others visited tourist attractions or simply strolled along the streets.

The hotel in Mellieħa was a relaxing meeting place for the band during the trip, and many needed a cooling bath and something cold to drink on the hotel's roof terrace before the concert in St. Paul's Bay that evening. We were now ready for the last concert of our trip! Thanks again to Anthony and to John for organising this through St Paul's Bay Local Council. At Buġibba Square we experienced the hustle and bustle of a popular Maltese tourist spot and little by little, the square around us was soon filled with people eager to see and enjoy the music. Once again, we got to experience an audience that danced and sang as we played. What happiness!

Thanks must also go to Billy's Bar in Mellieħa, who let us fill the bar with Norwegian pop, song and dance on our last night in Malta.

In summary, the experiences, memories and impressions from beautiful Malta will be with us for many years to come. We have got to know inspiring people. We ate good food and experienced the holiday feelings of sunshine and warmth. We played music under the open sky in beautiful places and not least, we were able to experience the inspiring and proud band culture of Malta.

We promise that we will take all of these experiences with us and try to become as good at sharing the joy of music as the Maltese people are.

Many thanks to the Imperial Band Club in Mellieħa and to all of those who made our trip so wonderful. Thank you for your service, hospitality and kindness. We hope that our enthusiasm will inspire many others to experience Malta and all that the country has to offer. Indeed, one of our band members became so fascinated by Malta that she is returning with her family again in October! The rest of the band will be dreaming of another trip and fortunately, dreams can come true!







# Ħbit mill-ajru u inċidenti oħra fil-Mellieħa bejn Jannar u Ġunju 1942

**Charles Debono**
*Kuratur*
*Il-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra*

## Introduzzjoni

L-1942 kienet l-agħar sena tal-gwerra għal Malta, speċjalment l-ewwel xhur, għax il-Luftwaffe wettqet attakki qliel fuq Malta biex tiġi newtralizzata. Bombi waqgħu tista' tgħid f'kull rokna ta' Malta, inkluż fuq il-Mellieħa. Dan l-artiklu se jirrakkonta r-rapporti kollha li saru t'attakki jew bombi li waqgħu fuq dan ir-raħal matul l-ewwel sitt xhur tal-1942. Apparti hekk, se jissemmew numru ta' inċidenti oħra wkoll relatati mal-istess tema ta' dan l-artiklu.

## X'ġara bejn Jannar u Ġunju 1942

L-ewwel attakk li sar fuq il-Mellieħa fl-1942, kien fid-19 ta' Jannar, meta filgħodu kmieni ġie rrappurtat li waqgħet bomba f'għalqa f'Għajn Żejtuna.[1] L-ewwel inċident tas-sena ġara, fil-21 ta' Jannar 1942, meta għal xi l-11.30am, intlemaħ katavru f'wiċċ il-baħar viċin it-Torri l-Abjad. Dan ġie rkuprat minn suldati tal-*1st Battalion, King's Own Malta Regiment* (KOMR). L-ajjutant, il-Kaptan Steward, ġie avviċinat mill-Ispettur L. Bonnici, b'tal-ewwel jistqarr li l-katavru li kien identifikat minnhom kien ta' bdot jew membru tal-ekwipaġġ Taljan, li miet waqt azzjoni mill-ajru fuq Malta.[2]

Sebat ijiem wara, fit-28 ta' Jannar, għall-ħabta tas-6.13am, żewġ ajruplani tal-ġlied tat-tip Messerschmitt Bf109Fs tfaċċaw fuq il-Mellieħa, segwiti iktar tard minn tlieta u sittin ajruplan tal-attakk tat-tip Junkers Ju88s u wieħed u għoxrin Junkers Ju87 Stukas, meta għal ħabta tat-7.57am attakkaw il-kampijiet tal-Bajja tal-Mellieħa u Għajn Tuffieħa, li però kkawżaw ftit ħsarat.[3] Dan ma kienx l-uniku inċident. Għall-ħabta tal-4.30pm tad-29 ta' Jannar, ġiet irrappurtata l-preżenza ta' mina f'wiċċ il-baħar, bejn l-Armier u l-Marfa, li kienet riesqa lejn ix-xatt.[4] Fl-aħħar ġurnata tal-istess xahar, il-31 ta' Jannar 1942, ajruplani tal-għadu waddbu sittax-il bomba f'għelieqi fl-Aħrax tal-Mellieħa u splodew kollha; però ma kinux irrappurtati vittmi.



Iż-żona bejn l-Armier u l-Marfa.




Disinn ta' kif kienet tkun minn ġewwa mina Ġermaniża.

Fis-17 ta' Frar, Gianna Mifsud irrappurtat li sabet bomba mhux sploduta fl-għalqa tagħha l-Miżieb.[5] Ħamest ijiem wara (22 ta' Frar), PC 585 Borg ra mina tal-baħar bejn Kemmuna u l-Marfa, miexja mal-kurrent lejn id-direzzjoni tal-Lvant. Il-mina baqgħet sejra, mingħajr ma resqet lejn ix-xatt.[6] Fl-istess ġurnata erba' bombi waqgħu bejn il-Blata u Selmun, li però ma kkaġunaw l-ebda mwiet jew ħsara.

Sadanittant, fit-18 ta' Marzu, għal ħabta tad-9.30am, waqt li l-ferry boat mv Royal Lady kien

sorġut mal-moll tal-Marfa, b'ekwipaġġ ta' għaxar persuni, beda jiżbarka l-230 passiġġier, li waslu mill-Imġarr, Għawdex. F'daqqa waħda, żewġ Messerschmitt Bf109Fs immaxingjaw lil dan l-istess bastiment, fejn ġew feruti dawn il-persuni li ġejjin:

No. 3531458, *Private* Hennessy, 22 sena, '*D' Company, 8th Manchester Regiment*, Victoria, Gozo

Anġlu Xuereb, 60 sena, No. 47, Triq Giaklin, Nadur, Gozo

No. 20370, *Gunner* J. Camilleri, 42 sena, *22nd Battery*, Delimara, *Royal Malta Artillery (RMA), Headquarters (HQ), Company*.

L-ewwel u t-tielet persuna tas-servizzi ttieħdu l-Isptar Navali tal-Imtarfa, mentri Xuereb intbagħat l-Isptar Bugeja għal aktar trattament.[7]



*Il-vapur mv Royal Lady sorġut mal-Moll tal-Imġarr, Għawdex. (Sors: NWM Archives)*

Fl-1 ta' April, ġie rrappurtat li żewġ ajruplani tal-għadu mmaxingjaw il-Marfa Palace Hotel u t-Torri l-Abjad. Ma kienx hemm fatalitajiet u lanqas ħsarat. Fl-istess ġurnata żewġ ajruplani tal-għadu mmaxingjaw id-dgħajsa t'Għawdex Nru 49 ta' Joseph Galea, 40 sena, minn Għajnsielem, Għawdex, waqt li kienet fil-viċinanzi tal-Marfa. Ma kienx hemm fatalitajiet jew ħsarat.[8] Sitt ijiem wara (7 ta' April), waqt li kanuni ta' kontra l-ajruplani kienu qed jisparaw fuq ajruplani tal-għadu, balla minn kanun minnhom waqgħet u splodiet fi Triq l-Għolja, fejn żewġ suldati tal-*1st Battalion*, *King's Own Malta Regiment* (KOMR) u persuna ċivili ġew midruba.[9]

Fl-10 ta' April, għal ħabta tal-10.10am, id-dgħajsa t'Għawdex Nru 45 kienet għaddejja bejn Għawdex u l-Marfa. Malli waslet qrib Kemmuna, żewġ ajruplani tal-għadu mmaxingjaw lill-istess dgħajsa u ġew midruba dawn il-persuni li ġejjin:

- Coronato Said, 34 sena, Nru 21, Triq il-Qala, il-Qala, Għawdex
- John Xuereb, 52 sena, Nru 5, Triq Theodore, ix-Xewkija, Għawdex
- Saviour Grech, 40 sena, Nru 45, Triq l-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex
- Celest Cini, 51 sena, Nru 106, Triq it-Tramuntana, Victoria, Għawdex
- Anthony Debono, 32 sena, Nru 31, Triq Amuri?, Għajnsielem, Għawdex
- Francis Cordina, 22 sena, Nru 189 Triq Funtana, Victoria, Għawdex
- Francis Cefai, 18-il sena, Nru 91, ix-Xagħra, Għawdex
- John Cauchi, 48 sena, Nru 14 Triq Fontana, Għajnsielem, Għawdex.




*Pjanta tal-Kamp tal-Bajja tal-Mellieħa. (Sors: Arkivji Nazzjonali)*

Mhux magħruf jekk dawn il-persuni ttiħdux l-Isptar Bugeja, jew Cauchi biss.[10]

Erbat ijiem wara, fl-14 ta' April, ajruplani tal-għadu waddbu ħames bombi fl-inħawi tal-Għadira, li però ma kkaġunaw l-ebda feruti jew ħsara.[11]

Matul il-25 ta' April, saru tliet attakki, filgħodu, f'nofsinhar u filgħaxija. L-ewwel tinwiħa tas-sirena nstemgħet fis-6.40am fejn numru ta' ajruplani tal-għadu tfaċċaw fuq il-Bajja tal-Għadira u waddbu diversi bombi fuq il-kamp, fejn tkissru tank tal-ilma u numru ta' barrakki. Matul dan l-attakk tilfu ħajjithom żewġ rekluti,[12] Anthony Baldacchino u Nazzareno Grech.[13] F'dan l-attakk kienu twaddbu ħafna bombi inċendjarji, li waqgħu kemm fuq il-kamp kif ukoll fuq ir-raħal li ġew f'numru ta' toroq.[14]

Fl-istess għodwa, possibilment f'dan il-ħin, ajruplani tal-attakk Ġermaniżi waddbu bombi fuq il-Manikata, fejn ikkawżaw ħsarat f'razzett, li kien jappartjeni lil Paul Gauci, ta' 50 sena. Wara nofsinhar, aktar bombi waqgħu fuq l-istess post, fejn din id-darba kkawżaw ħsarat serji lir-razzett ta' Nazzareno Muscat, ta' 32 sena.[15]

Ajruplani tal-għadu reġgħu tfaċċaw fuq il-Mellieħa għall-ħabta tas-12.50pm u twaddbet bomba ta' kalibru kbir fuq il-Kamp tal-Bajja tal-Mellieħa. Numru ta' bombi inċendjarji waqgħu fuq il-Wied ta' Għajn Żnuber u fl-għelieqi viċin ir-raħal, li però ma kkawżaw l-ebda feruti. L-aħħar attakk tal-ġurnata sar fis-5.45pm meta numru ta' ajruplani tal-għadu waddbu bombi f'għelieqi fil-viċinanzi tal-Mellieħa, fuq il-Kamp tal-Bajja tal-Mellieħa, fuq il-Kamp ta' Għajn Tuffieħa, l-Irdum ta' Bajda u l-Miżieb, li però




*Pjanta tal-Kamp ta' Għajn Tuffieħa. (Sors: Arkivji Nazzjonali)*

ma kkawżaw l-ebda mwiet jew feruti.[16]

Fit-28 ta' April, ġie rrappurtat li filgħodu waqgħet bomba fil-Kamp tal-Bajja tal-Mellieħa.[17] L-għada sar attakk ieħor, fejn erba' ajruplani tat-tip Cant Z.1007 eskortati minn erbgħa u għoxrin Macchi C202 ġew irrappurtati li attakkaw il-Kamp tal-Bajja tal-Mellieħa mingħajr ma kkawżaw imwiet jew feruti.[18]



*Bombi Ġermaniżi fuq ajrudrom fi Sqallija destinati għal Malta. (Sors: NWM Archives)*




*Il-lapida fuq il-qabar tar-rekluta Nazzareno Grech fiċ-Ċimiterju tal-Commonwealth li qiegħed l-Imtarfa. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur)*

Waranofsinhar tat-30 ta' April, għal xi l-4.30pm, disa' bombi twaddbu fuq il-Bajja tal-Mellieħa, fi Triq il-Marfa, u disgħa oħra fuq Qasam Barrani, fejn Joseph Debono, ta' 41 sena, u Joseph Borg, ta' 11-il sena sfaw feruti. Joseph Debono miet ftit wara u ttieħed bil-karozza tal-mejtin tal-Pulizija, il-Kamra Mortwarja, mentri Borg li sofra ġerħa f'idu ta' natura serja, intbagħat l-Isptar Bugeja.[19]




*Bombi inċendjarji kif inhuma esebiti fil-Mużew Nazzjonali tal-Gwerra. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur)*

Il-bombi żgħar, b'mod partikulari l-bombi inċendjarji u l-anti-personnel bombs, kienu perikolużi ħafna, speċjalment meta ma jisplodux, apparti li kienu jiġbdu l-attenzjoni tat-tfal, li jmorru jaqbduhom jew jilagħbu bihom. Waħda mill-intenzjonijiet ta' dawn it-tip ta' bombi kien fil-fatt dan.

Fid-9 ta' Mejju twaddbu xi bombi inċendjarji fuq Selmun. Sitt ijiem wara, ajruplani tal-għadu waddbu bombi fuq il-blat ta' Għajn Żnuber. Fit-12 ta' Mejju, fil-11.00am, Henry Tanti, ta' 12-il sena, minn Għajn Tuffieħa, sab u qabad b'idu bomba inċendjarja f'għalqa qrib ir-residenza tiegħu, u din f'daqqa waħda splodiet b'Henry jsofri xi ġrieħi. Fil-viċinanzi ta' Henry kien hemm ommu, Tereża Tanti, ta' 50 sena, Joseph Sammut, ta' sentejn, minn Għajn Tuffieħa u Emmanuel Grech, ta' 30 sena, mill-Mellieħa, li kien impjegat bħala ħaddiem tal-id mar-*Royal Engineers*, u dawn kollha sofrew xi ġrieħi.

Il-pazjenti, bl-eċċezzjoni ta' Manuel Grech kienu kollha invistati mid-*District Medical Officer* (DMO) tal-Imġarr. Dan verbalment stqarr li Tereża Tanti u Henry Tanti sofrew ġrieħi ta' natura ħafifa, mentri Joseph Sammut sofra ġrieħi ta' natura serja u kien fil-periklu li jitlef ħajtu. Manuel Grech intbagħat l-Isptar Navali tal-Imtarfa, bi ġrieħi ta' natura ħafifa, b'informazzjoni miksuba mill-istess sptar. Henry Tanti, Tereza Tanti u Joseph Sammut intbagħtu l-Isptar Bugeja mid-DMO. Minn stħarriġ li sar mill-Pulizija, irriżulta li la Henry Tanti u lanqas ommu, u Grech ma ndunaw li l-bomba inċendjarja ma kinetx splodiet.[20]

Fl-10.00am tat-13 ta' Mejju, seħħ attakk mill-ajru, fejn twaddbu bombi ta' splussiv qawwi f'għelieqi f'Għajn Żejtuna u l-Miżieb. Il-bombi splodew kollha, u għalkemm ma kkawżawx fatalitajiet, għamlu ħsara fil-linja tat-telefon, li kien hemm bejn il-Mellieħa u t-*Telephone Exchange*, li damet mit-8.00am sas-6.00pm.[21]


L-inħawi ta' Għajn Żnuber. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur)

It-Taljani rritornaw fuq il-Mellieħa fil-15 ta' Mejju, meta għall-ħabta tad-9.15am tfaċċaw tliet ajruplani tal-attakk Taljani tat-tip Savoia Marchetti SM84, eskortati minn tletin ajruplan tal-ġlied tat-tip Macchi C.202 fi triqithom lejn San Pawl il-Baħar, li però waddbu xi bombi fuq Forti Campbell.[22] Bombi oħra waqgħu Għajn Żejtuna.[23] Rapport ieħor iżid li, twaddbu numru ta' bombi fuq Qasam Barrani u Għajn Żnuber, mingħajr ma kkawżaw fatalitajiet jew ħsara.[24] Fit-30 ta' Mejju, għal xi l-10.15pm, seħħ attakk mill-ajru, li fih numru ta' bombi waqgħu u splodew qrib il-Mellieħa Bay Hotel. Private Domenic Vella *'A' Company, 1st Battalion, King's Own Malta Regiment* (KOMR) safa ferut.[25] Fil-lejl tat-30/31 ta' Mejju, ajruplan tal-għadu waddab bomba fil-wied faċċata tal-Għassa tal-Pulizija, fejn ġew milquta tlett idjar.[26]

Fis-17 ta' Ġunju, għall-ħabta tas-1.30am tfaċċa fuq il-Mellieħa ajruplan tal-attakk Taljan tat-tip Fiat BR20M. Dan fetħu n-nar fuqu kanuni ta' kontra l-ajruplani. L-ajruplan beda jwaddab il-bombi u wħud minnhom ġew fuq ir-raħal.[27] Fit-23 ta' Ġunju, ġie rrappurtat li fil-ġurnata ta' qabel (22 ta' Ġunju), fit-3.30pm, PC 147 G. Stellini, innota li kanuni ta' kontra l-ajruplani kienu fl-azzjoni, mingħajr ma waslet it-twissija ta' attakk mill-ajru mill-*Exchange* ta' San Pawl il-Baħar. Il-*Vex Telephone System* ma kinetx qiegħda taħdem. Kienet ilha ma taħdimx mill-attakk mill-ajru ta' qabel, fl-10.30pm.

PC 147 kien infurmat mill-Pulizija tal-Mellieħa li l-attakk mill-ajru kien għaddej u t-twissija ngħatat fit-2.55am. Hu ta t-twissija ta' attakk mill-ajru bis-sirena tal-idejn fit-3.30am. Meta PC 147 staqsa lill-operatur tat-telefon, Giovanni Maria Muscat, hu wieġeb li peress li l-Għassa tal-Pulizija ta' San Pawl il-Baħar kienet fuq il-*Vex Telephone System*, hu ma kienx imdorri li jagħti l-alarm lill-Pulizija ta' San Pawl il-Baħar, u nesa jagħti t-twissija.[28]


L-Għassa tal-Pulizija tal-Mellieħa. (Sors: Kollezzjoni tal-Awtur)

## Konklużjoni

Kif rajna, numru mdaqqas ta' bombi waqgħu fuq il-Mellieħa matul l-ewwel sitt xhur tal-1942. Dawn il-bombi apparti li għamlu ħsarat jew inqerdu xi binjiet, ħallew ukoll vittmi. April kien l-agħar xahar għall-Mellieħa, minħabba li l-bombi ħallew il-vittmi. Kif rajna bombi waqgħu fuq diversi bnadi differenti ta' dan ir-raħal.

## Referenzi

1 (N)ational (W)ar (M)useum (A)rchives, Malta Police Reports 1942.
2 (N)ational (A)rchives, (M)alta, (C)ommissioner's (O)ccurrence (B)ook, Pol 9, Mosta, [157], p 137.
3 D. Rollo, *Guns and Gunners of Malta*, (Mondial Publishing, Malta), p 239.
4 NAM, COB, Pol 9, Mosta, [157], p 160.
5 NAM, COB, Pol 9, Mosta, [158], p 8.
6 Ibid, p 23.
7 Ibid, pp 76 & 92.
8 Ibid, p 121.
9 NWM Archives, Malta Police Reports 1942.
10 NAM, COB, Pol 9, Mosta, [158], p 144.
11 NWM Archives, Malta Police Reports 1942.
12 *The Sunday Times of Malta*, 22nd April 1951, p 5.
13 John A. Agius. Roll of Honour: Civilians.
14 NWM Archives, Malta Police Reports 1942.
15 NAM, COB, Pol 9, Mosta, [158], p 178.
16 NWM Archives, Malta Police Reports 1942.
17 Ibid.
18 C. Shores, B. Cull, N. Malizia, *Malta: The Spitfire Year, 1942*, (Grubb Street, Great Britain), p 226.
19 NAM, COB, Pol 9, Mosta, [158], p 185.
20 NAM, COB, Pol 9, Mosta, [159], pp 21-24.
21 Ibid, p 29.
22 Shores, Cull, Malizia, p 271.
23 NWM Archives, Malta Police Reports 1942.
24 NAM, COB, Pol 9, Mosta, [159], p 34.
25 Ibid, p 69.
26 NWM Archives, Malta Police Reports 1942.
27 A. Rogers, *Battle over Malta: Aircraft Losses & Crash Sites, 1940-42*, (Sutton Publishing, Great Britain), p 173.
28 NAM, COB, Pol 9, Mosta, [159], p 141.




# Salia

Every Table Tells A Story

Salia Mellieħa
db Seabank Resort + Spa
2289 1000

Salia Qawra
db San Antonio Hotel + Spa
2158 3434






# Investiment Maġġuri fil-Qalba tal-Mellieħa

Ir-riġenerazzjoni ta' Misraħ il-Parroċċa se jfisser nifs ġdid għaċ-ċentru tal-lokalità Melliħija. Dan huwa investiment kapitali li huwa fost l-akbar li qatt sar fil-qalba tal-Mellieħa.

Dan il-proġett tant bżonjuż sar b'kofinanzjament mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u Infrastructure Malta u ra numru ta' bidliet infrastrutturali neċessarji li wasslu biex il-pjazza jkollha pavimentar ġdid kif ukoll servizzi bażiċi iżjed moderni milli kellha qabel.

Il-mixja għal dan il-proġett maġġuri involviet konsultazzjoni estensiva mar-residenti kif ukoll mal-għaqdiet kollha involuti fil-festa sabiex id-dehra ġdida tal-pjazza tkun waħda li tirrispetta l-ħtiġijiet u t-tradizzjonijiet li dejjem sawru l-Mellieħa.

Dan il-proġett jirrifletti wkoll il-viżjoni tal-Gvern li permezz tagħha pajjiżna jkompli jaġġorna l-prodott turistiku tiegħu. It-titjib fil-prodott huwa kruċjali biex il-gżejjer Maltin jibqgħu kompetittivi fid-dinja turistika.

Il-Mellieħa hija fost il-lokalitajiet ewlenin li ta' kull sena tiġbed lejha eluf ta' turisti. M'hemmx dubju li r-riġenerazzjoni ta' din il-pjazza se tkun valur miżjud fl-offerta ta' kwalità li joffri dan il-villaġġ pittoresk għal kull min iżuru.





# *The Silent Hero –* Is-Surmast Salvu Vella (1910-1982)

**Ħabib ta' Salvu s-Surmast**



Salvu Vella, imlaqqam ta' Girgor, kien l-ewwel surmast tal-Banda Imperial. Fid-dinja hawn ħafna eroj li baqgħu jissemmew sal-ġurnata tal-lum; oħrajn forsi ntesew għax qatt ma ftaħru b'dak li għamlu. Fost dawn tal-aħħar hemm is-Surmast Vella.

Salvu għamel ħafna ġid u sagrifiċċji u qatta' ħafna minn ħinu biex jara l-każin tal-Imperial jieħu l-ħajja u jmur 'il quddiem. Kien kapaċi jgħallem l-istrumenti kollha, mill-flawt sal-katuba, kollox waħdu, fi żminijiet diffiċli ta' qabel u wara l-gwerra.

Ħafna minn dawn il-lezzjonijiet kien jagħtihom fl-intrata tal-każin fid-dawl tal-lampa. Bosta mill-bandisti ma kinux jafu skola u saħansitra, f'dak iż-żminijiet ta' faqar, lanqas karti biex tinkiteb il-mużika fuqha ġieli ma kien ikollu. Però, bil-paċenzja u bil-kwiet kien jara kif jirranġa f'kull sitwazzjoni.

L-ewwel darba li daqqet il-banda Imperial taħt dan is-Surmast bravu kien fl-21 ta' Settembru 1930, quddiem il-każin stess. U l-ewwel darba li saru xi marċi minn din il-banda barra mill-Mellieħa kien fuq il-gżira ta' Kemmuna. Mid-dehra, kien tellagħha hemm Dun Edgar Salamone, li kien il-kappillan tal-Imġarr, peress li kellu xi familjari jgħixu hemm. Salvu Vella baqa' mal-Banda Imperial sal-1948. Imbagħad, fl-1950, beda jmexxi l-Banda San Pawl ta' San Pawl il-Baħar. Għamel xi żmien ukoll jidderieġi l-Banda Nicolo Isouard tal-Mosta. Fl-1970, intgħażel biex ikun id-Direttur tal-Banda La Vittoria, fejn ifforma l-Kor u Orkestra Santa Ċeċilja.

Barra mill-banda, Salvu għamel ħafna ġid ieħor. Insemmu biss li fit-Tieni Gwerra Dinjija, meta kien jaħdem fil-Protection Office u kien jara xi familja fqira mimlija wlied, kien jgħaddilha baxx baxx xi ħaġa tal-ikel żejda biex it-tfal ikollhom biex jitrejqu. Dan kien jagħmlu dejjem fis-silenzju u mingħajr ma jgħid xejn lil ħadd.

Xtaqt li nikteb dawn il-kelmtejn biex infakkar dan l-eroj minsi Mellieħi, nirringrazzjah tal-ġid li għamel u fl-istess ħin biex nitolbu għalih ħalli l-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem.



# Climate Change and the Mediterranean

**Professor Stephen Calleya**



It has now become more obvious than ever that the changing nature of climate patterns is resulting in a completely different outlook when it comes to future prospects. In recent years, references to heat waves in the Mediterranean have become normal, so much so that all countries across the Mediterranean region are finding it difficult to cope with this new reality.

The theoretical debate which has dominated climate change discourse has now evolved into a real time humanitarian crisis being experienced by everyone. Extreme temperatures on an on-going basis have resulted in an undermining of traditional political and economic planning methodologies and now require an innovative and urgent strategic approach.

If our Mediterranean is to avoid a literal catastrophic human and economic meltdown, urgent measures need to be introduced to combat this new reality. In July 2023, the Mediterranean Sea reached its highest ever recorded temperature at over 28.71 Degrees Celsius. It is already apparent that the arrival of such extreme weather patterns in the Mediterranean is undermining all sectors of society including those related to tourism, agriculture, healthcare and infrastructure in general.

In fact, climate change forces us to reconsider what comprises as a security threat. Should the international community fail to act promptly on this urgent matter, climate change could exacerbate the existing conflicts in the Mediterranean region, as well as increase the levels of unemployment, income inequality and irregular migration.

As a current member of the United Nations Security Council, Malta together with others must persuade the international community to adopt a concerted action plan that provides both better civil protection contingencies and maps out an immediate plan to mitigate against the consequences of extreme weather.

It is crystal clear that failure to implement a comprehensive climate change policy framework in our Mediterranean will result in our region becoming a more vulnerable zone to live in. As stated in our country's Foreign Policy Objectives, Malta believes that the climate crisis is a matter which should be addressed urgently at a global level. The promotion of a collective climate security framework which includes urgent measures to reduce worsening climate conditions is essential if our Mediterranean is to continue to be a region where our quality of life is sustainable.

CLD
Caruana Light Decorations
Mob: 7984 5121


WE STRIVE TO TEACH YOU TO
DRIVE SAFELY & SECURELY FOR A LIFETIME
THE ONLY DRIVING SCHOOL YOU NEED TO CALL TO GET YOUR LICENCE
OVER 25 YEARS EXPERIENCE
• Truck Driving Licence Package
- Ideal for companies with truck fleets
• Category 'C' & 'C+E' Licences
• Professional Qualified Instructor
• Instructor Service on Test Day
• European Licence
• We offer B+E Towing Tuition, allowing your Licence to cover your Towing legally
Male & Female Instructors • Manual & Automatic Cars • Individual Tuition
We Guarantee The Best Prices & Most Of All The Best Professional Service & Tuition
CALL: 99 498 240
... And We'll Take Care of the Rest!
DRIVE WELL
www.drivewellmalta.com
E: drivewell.ms@hotmail.com
drivewellmsmalta


Bayleaves
Restaurant and Pizzeria
Open From
Thursday to Monday
6pm Onwards
9, Triq il-Kbira
Mellieħa, MLH2310
Malta
Tel: 21521281

# John Buttigieg
# CIKKIES

**Fruit & Vegetables Wholesaler & Retailer**
**To Hotels, Caterers & Vendors**




**Store: Cikkies Garage, Cross Street, Mellieħa**

**Office: 32, New Mill Street, Il-Mellieħa**

**Tel: 21 521 945  Mob: 99 460 572**



# Pjanti u mapep tal-Mellieħa fl-Arkivju tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi

**David Bartolo**
*B. European Studies with History (Hons)(Melit.)*

Fl-Arkivju tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubblici nsibu eluf kbar ta' pjanti, disinji u mapep relatati max-xogħlijiet li saru mal-medda taż-żmien mill-istess dipartiment kif ukoll ta' bini storiku u artijiet madwar Malta. Fost dawn insibu wħud relatati mal-Mellieħa.

Dan id-dipartiment huwa wieħed mill-iktar entitajiet governattivi antiki li jmur lura fiż-żmien f'pajjiżna u minnu ħarġu diversi dipartimenti oħra. Riċentament dan id-dipartiment beda proċess ta' diġitalizzazzjoni tal-materjal kollu li għandu fi ħdanu u dan qed isir għal diversi raġunijiet fosthom biex il-materjal jiġi ppreservat aħjar u jkollu aċċess aktar sigur u xieraq, kif ukoll biex jiġi mħares aħjar dan il-patrimonju uniku Malti.

Ta' artijiet fil-Mellieħa u l-inħawi, dawn l-arkivji għandhom mapep li jmorru lura lejn il-bidu tas-seklu għoxrin. Fost dawn hemm tlieta li qed nipproduċu f'dan l-artiklu.

Mappa numru 1 li saret fl-1904 u ġiet ikkoreġuta fl-1905 turi r-raħal tal-Mellieħa kif kien fl-istess żmien. Kif jidher fil-pjanta, ir-raħal kien villaġġ żgħir bi ftit toroq. Jidhru sew l-oqsma ta' Ġnien Ingraw u San Niklaw. Hemm postijiet oħra bħal Qasam Baranni u s-Sellum li l-ġurnata tal-lum ġew żviluppati u mibnija. Ta' min jinnota li l-ittra Q hija miktuba bil-K. Fil-pjanta tidher ukoll parti mill-Bajja tal-Mellieħa fejn taħt it-trunċiera jew it-Tunnara jidher li kien hemm post fejn kienu jgħumu l-uffiċjali Ingliżi.

Mappa numru 2 tal-1904-1905 jidhru l-inħawi ta' Selmun, il-Wied ta' Għajn Żejtuna, il-Kortin, il-Kortin ta'




*Mappa Nru 1*




*Mappa Nru 2*

Għajn Żejtuna, ix-Xagħra ta' Barra u tal-Ibraġ. Apparti Selmun, dawn l-inħawi ġew kollha żviluppati matul iż-żmien u llum huma kollha bini. Il-Wied ta' Għajn Żejtuna llum huwa Santa Maria Estate, il-Kortin u tal-Ibraġ baqgħu l-istess isem, il-Kortin ta' Għajn Żejtuna llum huwa magħruf bħala Mellieħa Heights u x-Xagħra ta' Barra hija estensjoni ta' Santa Maria Estate. Fil-pjanta tidher ukoll parti żgħira mir-raħal tal-Mellieħa fejn tidher sew il-mitħna fi Triq il-Kbira u s-salib ta' ħdejha. F'Selmun jidher sew il-Wied tal-Imġiebaħ.

Mappa numru 3 li hija wkoll tal-perjodu 1904-1905 hija dwar il-Gżejjer (gżira waħda propja għax magħqudin) ta' San Pawl. Jidher sew fuq il-pjanta l-lok fejn hemm l-istatwa ta' San Pawl. Tidher parti żgħira ħafna mill-art fl-inħawi ta' Selmun u l-kanal bejn l-istess gżejjer u l-eqreb art.

Il-Fortizza ta' Selmun, jew aħjar kif inhu isimha propju Campbell Battery, ukoll hemm pjanti u disinji tagħha fl-istess arkivju. Din il-fortizza kienet ġiet mibnija fl-1937 bħala batterija għal żewġ kanuni li wara żdiedu b'ieħor. Inbniet bil-għan li tiddefendi l-bajja ta' San Pawl il-Baħar minn xi attakk minn fuq il-baħar. Hija ġiet mibnija tali li ma tidhirx ħafna u ma tagħtix fil-għajn speċjalment mill-ajru u minn fuq il-baħar. Għal dan l-għan, il-ħajt ta' madwarha jixbah ħafna lill-ħitan tas-sejjieħ. Fil-lok li nbniet kien hemm xi rziezet. Dawn twaqqgħu mill-Ingliżi u sidienhom ingħataw post alternattiv fil-bidu tat-triq li minn Selmun tagħti għall-istess fortizza, fil-ġenb tal-bini li qabel kien iservi ta' lukanda.

Hemm diversi pjanti u disinji ta' din l-aħħar fortizza li nbniet mill-Ingliżi f'Malta u hawnhekk ħa nitkellmu dwar tlieta minnhom. F'pjanta numru 1 naraw fejn kellha tiġi l-fortizza msemmija u l-inħawi madwarha. F'din l-pjanta jidher ir-raħal tal-Mellieħa u l-irħajjel ta' Selmun bil-palazz marbut miegħu. Jidhru wkoll il-Gżejjer (gżira) ta'



*Mappa Nru 3*



*Pjanta Nru 1*



*Pjanta Nru 2*

San Pawl u l-bajja tal-Imgiebaħ u l-wied bl-istess isem.

F'pjanti numru 2 u 3 jidhru disinji ta' binjiet differenti fl-istess fortizza li kienu ġew proposti li jinbnew. Waħda turi l-maħżen tar-razzjon u l-oħra l-mess tal-uffiċjali militari, kien hemm proposta għar-rikostruzzjoni tal-istess binja.

Pjanta numru 4 turi l-kamp militari li kien hemm fil-Bajja tal-Mellieħa. Dan il-kamp illum ma għadux jeżisti u floku nsibu kumpless turistiku. Dan il-kamp jaf il-bidu tiegħu madwar is-sena 1907. Fil-gwerra tal-1914-1918 serva bħala kamp għall-feruti. Kien infetaħ fl-20 ta' Novembru tal-1915 u għalaq fil-5 ta' Settembru tal-1917. Fl-ewwel ġranet tiegħu kellu 1,250 sodda u iktar tard laħaq il-massimu ta' 2,000. Dan il-kamp kien sar bħala sulliev għall-Kamp ta' Għajn Tuffieħa. Waqt it-Tieni Gwerra Dinjija dan il-kamp serva wkoll biex jilqa' partiġjani Jugoslavi li kienu nġabu hawn għall-kura u fil-qrib kien anki nbena ċimiterju biex jindifnu fih dawk li kienu jmutu.

Mal-gwerra nsibu wkoll relatati x-xelters li kienu tħaffru madwar Malta kollha. Fil-Mellieħa kien hawn madwar 45 wieħed imħaffrin fis-saff tal-blat tal-Qawwi ta' Fuq. Pjanta numru 5 turi xelter partikulari fil-Mellieħa, propjament żewġ xelters imniffdin flimkien, li kienu jġibu n-numru 2 u 11. Numru 2 huwa dak ix-xelter li hemm fit-tarag fejn il-pjazza tal-knisja u dak numru 11 kien fi Triq San Publiju. Xelter numru 2 kellu wkoll kamra tal-maternità u kamra oħra li fiha kienu jinżammu oġġetti prezzjużi tal-arti li kienu nġabu hawn minn postijiet oħra.

Postijiet militari oħra li tagħhom hemm pjanti u disinji fl-imsemmi arkivju huma d-diversi postijiet ta' difiża li nbnew mill-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann bil-għan li jiddefendu l-kosta l-aktar mill-attakki tal-furbani u biex joffru xi tip ta' reżistenza f'każ ta' xi invażjoni.

Fil-Bajja tal-Mistra nsibu batterija li hija disinn numru 1 u li probabbilment kienet ġiet mibnija




*Pjanta Nru 3*




*Pjanta Nru 4*




*Pjanta Nru 5*

fil-perjodu bejn Ottubru tal-1714 u April tal-1715, u li setgħet ġiet kompluta jew mibnija mill-ġdid fl-1761. Din il-binja militari hija waħda mill-akbar li nsibu fil-Gżejjer Maltin. Kienet ġiet skedata mill-Awtorità tal-Ippjanar f'Novembru tal-1995 u tinsab fil-ħarsien tal-Fondazzjoni Wirt Artna.

F'disinn numru 2 insibu r-ridott tal-Armier li kien ġie mibni fil-perjodu ta' bejn l-1714 u l-1716. Dan ir-ridott huwa l-uniku wieħed tal-għamla tiegħu li nsibu fl-inħawi tal-Mellieħa. Huwa għandu diversi ismijiet. Apparti tal-Armier insibuh ukoll tal-Barriera għall-fatt li ħdejh tinsab il-barriera li minnha nqata' l-ġebel għall-bini tal-knisja tal-Mellieħa. Insibuh ukoll bħala ta' Crivelli, li kien Prijur ta' Kapua u kien benefattur tal-istess binja. Ġie skedat ukoll f'Novembru tal-1995.

Bħala konklużjoni tajjeb li ngħidu kelmtejn fuq l-arkivju ta' dan id-dipartiment. Dan huwa post miftuħ għal kulħadd u l-pubbliku inġenerali jista' jagħmel appuntament u jmur ifittex dak li jogħġbu b'rabta mal-mistier tal-istess dipartiment. L-arkivju jinsab fid-dipartiment stess fi Project House, il-Furjana. Min ikun jixtieq iżur il-post jista' jew iċempel 22927799 jew 22927251, inkella jibgħat email lil archives.pwd@ gov. mt.

Nixtieq minn hawn nirringrazzja lis-Sur Stephen Tabone li jmexxi dan l-arkivju flimkien mal-istaff tiegħu li kienu ta' għajnuna kbira biex seta' jsir dan l-artiklu.




Disinn Nru 1




Disinn Nru 2

## Biblijografija

Debono, C. (2014), *Wartime Mellieħa - The role of the village during the Second World War 1940-1943 Volume 1*. A&M Printing Qala.

Micallef Eynaud, M Major. (2011), *Nurse of the Mediterranean*, f'Sunday Times 1st December 2002.

Muscat, J. (2011), *Il-Mellieħa, l-Istorja tagħha bir-ritratti, Its history in Pictures*. A&M Printing Qala.

Muscat, Jimmy & Jonathan. (2012), *Fortifications of the Knights Hospitallers in Mellieħa,* A&M Printing Qala.

Muscat, J. (2015), *Il-Mellieħa Lemħa lejn Ġrajjietha*. Printit Ltd.

Spiteri, S. (2017), *The Fortifications of Malta*, BDL Publishers.

Zarb-Dimech, A. (2014), *Malta during the First World War 1914-1918*, BDL Publishers.



# L-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda: 75 sena ta' storja

Duncan Brincat



Sa minn żmien bikri, il-ħtieġa ta' assoċjazzjoni jew għaqda li tiġbor fi ħdanha l-għaqdiet tal-banda f'pajjiżna kienet ilha tinħass. Dan b'mod speċjali wara t-tieni nofs tas-seklu dsatax, fejn il-ġibda lejn il-mużika u t-twaqqif tas-soċjetajiet tal-banda żdied ferm, tant li nsibu li fl-1886 kien hawn 270 mużiċist professjonali u 18-il għaqda mużikali mwaqqfa. Id-diriġenti ta' dawn il-baned bdew iħossu l-ħtieġa ta' għaqda bejniethom biex tħares l-interessi komuni u torganizza attivitajiet fuq skala nazzjonali.

Fl-1895, il-Prof. Napuljun Tagliaferro ħareġ bl-idea li ssir gara mużikali bejn il-baned Għawdxin u Maltin u għalhekk waqqaf il-*Comitato di Direzione*. Madankollu, kien fl-istess perjodu li diversi baned bdew għaddejjin minn serje ta' inkwiet, fosthom dwar permessi ta' daqq. F'Ġunju 1923, b'inizjattiva tas-Soċjetà Filarmonika King's Own u wara kwistjoni tat-tombli mal-Gvern, sittin delegat minn diversi każini tal-banda ltaqgħu flimkien u waqqfu l-*Consiglio Centrale di tutte le filarmoniche* taħt il-presidenza tal-Prof. Carlo Mallia.

Din iżda ma kellhiex ħajja twila. Aktar tard, wara kwistjoni ta' drittijiet tal-awtur, u b'inizjattiva tas-Soċjetà Filarmonica Nazionale La Valette, f'Ottubru 1933 twaqqfet l-*Unione Filarmoniche Maltesi*. Madankollu, iż-żminijiet tat-Tieni Gwerra Dinjija wasslu mhux biss biex din l-għaqda tisfaxxa, iżda magħha diversi każini tal-banda li kellhom jagħlqu l-bibien tagħhom għal żmien relattivament twil.

Kienu diversi l-inizjattivi li għaqqdu flimkien b'mod nazzjonali l-każini tal-banda fl-ewwel snin ta' wara l-gwerra. Fl-istess snin, bdiet ukoll il-ħeġġa trejdunjonistika f'pajjiżna. Dan wassal biex fl-1947, Mikielanġ Delia, mis-Siġġiewi iżda bandist u membru fil-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika San Ġużepp tal-Ħamrun, ressaq proposta quddiem il-Kumitat tal-istess Għaqda sabiex, "Il-Kumitat… jieħu l-inizjattiva f'idejh billi jagħmel stedina lill-Kumitati ta' Malta u Għawdex, ħalli jagħżlu żewġ delegati biex jattendu għal-laqgħa li għandha tiġi ffissata mill-Kumitat, u li jkollhom mandat speċifiku biex jiddiskutu u jikkonkludu flimkien il-possibbiltà ta' għaqda bejn il-baned kollha… bl-iskop li jitjiebu l-kundizzjonijiet ħżiena li jinsabu fihom, u ħalli jakkwistaw il-privileġġi li jimmeritahom u li tant jeħtieġu." Din il-proposta ġiet milqugħa, u t-Tlieta 16 ta' Settembru 1947 saret laqgħa ġenerali fl-istess każin ippreseduta mill-Avukat Tommaso Caruana Demajo. Matulha nħatret kummissjoni biex tabbozza statut, li ġie approvat f'laqgħa ġenerali oħra li saret fil-11 ta' Jannar 1948 fl-istess każin, fejn ġie approvat ukoll l-isem ta' *The Malta Band Clubs' Association*. L-ewwel Kunsill kien iffurmat minn: Dr. Tommaso Caruana Demajo President Onorarju, Mikielanġ Delia President, Joseph Ciappara Viċi President, Albert E. Scicluna Segretarju u Carmelo Dimech Teżorier, fost l-oħrajn.



CHEV. M.A. DELIA, F.R.H.S., S.M.O., S.J.J.
FUNDATUR U PRESIDENT
GHAQDA KAZINI TAL-BANDA
1947 - 1993

It-twaqqif ta' din 'l-għaqda tal-għaqdiet' kif kienet magħrufa, kien għamel ħoss qawwi madwar Malta kollha. Waħda mill-ewwel kwistjonijiet li kienet ħadet ħsieb kienet dik dwar il-banka tal-lottu, fejn wara laqgħa mal-Ministru tat-Teżor it-Tabib Turu Colombo fl-1948, ġabet ftehim

b'diversi benefiċċji. Deċiżjoni oħra importanti li ttieħdet sa mill-ewwel snin kienet dik li jitwaqqaf bord proviżorju tas-Surmastrijiet, bl-għan li jirrakkomanda l-aħjar grammatika mużikali għat-tagħlim tal-allievi fil-każini. Sadanittant, l-ewwel dehra pubblika tal-*Association* kienet bis-sehem ta' banda nominata minnha permezz ta' polza, il-Banda Vilhena tal-Furjana, fl-okkażjoni tal-Festa Nazzjonali tat-8 ta' Settembru.

Imbagħad f'Ottubru tal-istess sena, il-Banda De Paule ta' Raħal Ġdid, ukoll magħżula permezz ta' polza, ħadet sehem f'isem l-Għaqda fl-okkażjoni tal-25 sena episkopat tal-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi. Il-*Malta Band Clubs' Association* bdiet tiġi mistiedna biex tieħu sehem f'kumitati governattivi, fosthom dak tal-Festa Nazzjonali tal-*Otto Settembre* u dak tal-Karnival, kif ukoll biex tattendi għal diversi stediniet uffiċjali.

Sa mill-ewwel snin mit-twaqqif tal-Għaqda, ġie deċiż li tingħata prominenza lill-festa liturġika ta' Santa Ċeċilja, patruna tal-mużiċisti, u għalhekk sejħet biex il-każini kollha dakinhar tat-22 ta' Novembru jtellgħu l-bnadar. Mill-1982, kull Novembru, l-Għaqda bdiet tikkommemora wkoll il-festa ta' Santa Ċeċilja b'quddiesa fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann u wara marċ mat-toroq tal-Belt Valletta, filwaqt li mill-2013 din l-attività bdiet issir ukoll f'Għawdex. Fis-snin 50 ġie mwaqqaf fond għall-allievi li jkunu jippromettu fil-mużika bil-ħsieb li jiġu mogħtija *scholarships*, filwaqt li fl-1957 bdiet ukoll il-gara mużikali.

Bil-ħidma tal-*Association* il-baned bdew jingħataw id-dritt li jipparteċipaw fl-okkażjonijiet nazzjonali, ġew eżentati mill-obbligu tat-taxxa tad-dħul, filwaqt li bdew jingħataw spazju regolari fuq ir-*rediffusion*, aktar tard ir-radju, mill-1956 'il quddiem. Dan sintendi ma' numru kbir ta' kwistjonijiet u diffikultajiet oħra li seħħew matul 75 sena ta' storja. Fl-1954 sar ukoll tentattiv u twaqqfet banda nazzjonali, li iżda aktar tard mas-snin, ma komplietx titmexxa mill-*Association*. Fl-1979 ittella' l-ewwel programm annwali, fejn permezz ta' polza daqqet il-Banda Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien. Dan il-programm kien isir fl-Istitut Kattoliku l-Furjana, iżda mill-1985 'il quddiem beda jsir fit-Teatru Manoel.

L-Għaqda matul is-snin, kienet tiffunzjona mis-sede tal-Każin San Ġużepp tal-Ħamrun. F'Ġunju 1996 ġarret għall-uffiċini fejn tinsab illum fil-Ħamrun stess. Mit-twaqqif tagħha sal-lum, l-Għaqda kellha bħala Presidenti lil Mikielanġ Delia, Karmenu Ellul Galea, Lawrence Farrugia u dak attwali l-Avukat Noel Camilleri.

L-istorja ta' dawn l-aħħar snin għadha qiegħda tinkiteb illum. L-iskop għala twieldet l-*Association* 75 sena ilu għadu attwali sal-lum il-ġurnata: l-isfidi li jġarrbu l-għaqdiet mużikali għadhom hemm, forsi mhux eżattament taħt l-istess forma, iżda xorta waħda jirrikjedu sforz kollettiv biex jiġu megħluba. Ikun għajb għalina jekk niċċelebraw biss dan l-anniversarju sabiħ bħala tifkira, u ma niħdux l-okkażjoni biex insaħħu l-operat ta' din l-għaqda bil-parteċipazzjoni ta' kull min għandu għal qalbu din it-tradizzjoni waħdiena tagħna l-Maltin u Għawdxin. Wasal iż-żmien li l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda tkun merfugħa 'l fuq bħala gwida legali tal-għaqdiet membri, u dan mhux biss sabiex issaħħaħ ħidmietha, iżda wisq iżjed sabiex tirregola b'mod dinjituż dak li sfortunatament jista' jifridna.

Illum, aktar minn qatt qabel, il-ħtieġa ta' 'għaqda tal-għaqdiet' mhux biss għadha hemm, iżda hija ħafna iżjed bżonjuża. Illum irridu kollha flimkien intennu u naħdmu sabiex l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda tissaħħaħ u tikber… sabiex dik iż-żerriegħa li twieldet 75 sena ilu, ma tmut qatt!





**Proġett**

# "Id-Diġitalizzar u l-Organizzar tal-Arkivju Mużikali tal-Għaqda Mużikali Imperial"

Matul l-2022, l-Għaqda Mużikali Imperial wettqet b'suċċess proġett ieħor sabiex tkompli tissalvagwardja l-patrimonju tagħha. Wara li fl-2020-2021 ħadna ħsieb li nippreservaw u narkivjaw b'mod professjonali d-dokumenti storiċi u importanti tal-għaqda tagħna sa mill-bidu tagħha sabiex dawn ma jkomplix jiġrilhom iktar ħsara, bħala parti mill-proġett "Nippreservaw u nikkomunikaw l-Istorja tal-Għaqda" fl-iskema "Voluntary Organisations Projects Scheme 2021" amministrata mill-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju, tul l-aħħar sena kien imiss li ndawru ħarsitna lejn l-arkivju mużikali tal-għaqda. Tul is-snin li ilha mwaqqfa, il-Banda Imperial ġabret u esegwiet patrimonju ta' mużika li tvarja minn dik operistika sa dik moderna, miktuba minn kompożituri lokali u internazzjonali, b'ġeneri differenti li jinkludu, fost oħrajn, marċi brijużi u oħrajn funebri, sinfoniji u overtures, mużika reliġjuża u oħra minn musicals, u mużika tradizzjonali Maltija u ta' pajjiżi varji.

Tul dan il-proġett, iż-żgħażagħ fi ħdan l-għaqda tagħna, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Anthony Borg u d-Direttur tal-għaqda, is-Sur Clayton Vella, kellhom biċċa xogħol sabiex jiġbru l-mużika kollha li kienet merfugħa f'postijiet differenti u jorganizzawha bl-aħjar mod possibbli. Din il-mużika ġiet ikkatalogata kollha fuq database elettronika sabiex tkun iktar aċċessibbli għall-ħtiġijiet tal-Banda u l-Kor Imperial. Id-database issa tinkludi l-isem ta' kull biċċa mużikali, il-kompożitur u/jew arranġatur, il-ġeneru tal-mużika u dettalji oħra relevanti. Din il-mużika ġiet arkivjata fil-kamra tal-arkivju tal-każin b'mod organizzat u metikoluż sabiex ma ssirilhiex iktar ħsara u fl-istess waqt tkun tista' tintuża meta jkun hemm il-bżonn. Għal dan il-għan, investejna wkoll fi xkaffar ġdid sabiex ikun jista' jilqa' l-mużika b'mod adekwat. Fl-istess waqt, ħsibna sabiex il-partitura tas-surmast tkun merfugħa wkoll b'mod diġitali sabiex ma jkunx hemm il-ħtieġa li wieħed jirrikorri għall-kopja pprintjata sabiex ikun jaf il-mużika x'fiha u x'ma fihiex. Dan sabiex tonqos il-ħtieġa li wieħed joqgħod iċaqlaq din il-mużika bla bżonn.



*Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-iskema Small Initiatives Support amministrata mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat f'isem il-Ministeru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur.*

*Din il-pubblikazzjoni tirrifletti biss il-veduti u l-ħsibijiet tal-pubblikaturi/awturi u l-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat ma jistax jinżamm responsabbli għall-kontenut jew għall-użu li jista' jsir minn dan l-istess kontenut.*

Malta Council for the VOLUNTARY SECTOR

Small Initiatives Support Scheme

GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR INCLUSION, VOLUNTARY ORGANISATIONS AND CONSUMER RIGHTS



# Il-Ġellieda tal-Art

Paul P. Borg

***L-intraprendituri huma nies għonja u mimlijin ideat, ħsibijiet u kilba bla tarf biex flushom ikabbruhom, u flok sold jaqalgħu elf. Sewwa jagħmlu u għandhom kull dritt għax dik in-natura tagħhom. Bħalma t-tigra xogħolha ċċarrat u żżarrat bl-aktar mod naturali u Alla fl-għerf tiegħu saħansitra taha dwiefer u nejbiet apposta, hekk ukoll l-iżviluppatur, xogħlu biss li jara roqgħa battala u jivvintalha xi ħaġa biex ma jħallihiex battala u fl-istess ħin jaqla' sold. Jew elf sold.***

***Imma l-art li wħud mill-iżviluppaturi jixħtu ħarsthom fuqha hi ta' kulħadd u m'għandhom ebda dritt jeħduha u jbiddluha fi flus. Ukoll jekk sehemhom hu sewwasew li kull roqgħa jibnuha u jbiddluha f'deheb.***

***Madwar Malta matul is-snin, l-aktar mis-snin sittin sal-lum qed isir żvilupp bla rażan. Ħadd ma jista' jipponta sebgħu lejn ħadd, għax kollha kemm aħna ħatja. Aktar ma l-bniedem deherlu li jista' jgħaddi bla ħamrija għax il-ħaxix isib jixtrih minn fuq xkaffa f'ħanut, aktar il-bniedem qered raba'. Meta l-bidwi u r-raħħal inqatgħu, meta l-bhejjem li kien ikollhom il-familji Melleħin u tal-irħula kollha f'Malta u Għawdex, aktar il-bniedem emmen li jista' jgħaddi mingħajr in-natura u mingħajr il-ħolqien.***

***Il-gwerra kollha bombi li jsemmu missirijietna ma rnexxilhiex tagħmel ħerba ambjentali li għamilna aħna stess. Li qed nagħmlu aħna stess. Li sa nibqgħu nagħmlu aħna stess għax ma nafux nieqfu. Il-bilanċ li nitkellmu fuqu ma nistgħu nsibuh qatt għax ma tgħallimniex biżżejjed fuq il-ħolqien, ma nemmnux fil-ġmiel tan-natura.***

***In-naħla għarfa għax tifhem fi ftit xhur ħajja li mill-fjura xi ħaġa żgħira biss trid, mhux tqaċċatha kollha kemm hi. Imma hemm bhima li l-fjura mhux tifraħ bil-ġmiel tagħha biss irid, imma jqaċċatha, jippossediha u jdawarha fi flus.***

## 1

Ġamil jimxi kemm kemm izappap, jitmejjel ħarira lejn ix-xellug. Iltqajt miegħu Gar Yunis, f'Bengażi snin ilu meta konna grupp ta' studenti mill-Università. Smajjar u tawwali, ħarstu kannella, imħassba u fil-fond; żagħżugħ edukat, espert tal-ilsien Ingliż wara li qatta' xi ħames snin f'Università Ingliża.

"Jien Palestinjan," qalli wara li konna ilna nitkellmu ftit mhux ħażin. Fi ħdanu tifel ta' xi erba' snin.

Imbagħad ħasadni.

Għolla qalza minnhom. L-irkoppa, biċċa minn koxxtu sfrundata, feles laħam nieqes għalkollox. Sfreġju sħiħ. Ġilda meħjuta bl-addoċċ, imkemmxa, laħam imfejjaq bl-addoċċ. Tidher saħansitra l-forma tal-għadma dritta.

Il-ġilda stirata fuqha.

Ma stajtx nitkellem. Ksaħt.

Ibnu niżel minn fuqu, iżżerżaq daħkan. It-tifel mess sieq missieru, mellishielu. Messlu l-vojt f'koxxtu. Messlu l-ġilda rqiqa fuq l-għadma tawwalija li mill-ġenbejn tiegħu lejn l-irkoppa biex tirfed il-ġisem u żżommu wieqaf.

"Jien Palestinjan," reġa' qalli bi tbissima mnikkta. "Ara xi ġrali biex niddefendi r-raba' ta' missieri. Imma ħaduhuli l-Lhud xorta waħda. Xeħtuna 'l barra. Serquna. U dak ir-raba' kien tagħna, kien ta' ġenerazzjonijiet sħaħ qabli u lili serquhuli."

Imbagħad waqaf.

"Qabel kien tan-nannu u tal-bużnannu," kompla. "Jien kelli ġenn sħiħ biex nikber u nieħdu f'idejja … minn dejjem kien għandna. Kelli kollox lest, kelli ġa l-mara biex ikollna t-tfal u jkunu huma wkoll werrieta u jħobbu l-art ta' missirijietna…"

Dik it-tbissima ħiemda li turi aktar qalb sewda u niket milli ferħ.

"Issa qiegħed hawn, ftit jiem Bengażi nistrieħ jumejn; imma erġajt sejjer għax ir-raba' tagħna, u rridu lura." qalli. "Hemm il-ġrajja tan-nazzjon fih.

It-trab mhux trab biss. *The history of our nation is written in the land with our blood*."

Jekk tmur, ara x'jistgħu jagħmlulek, ridt ngħidlu. U ħarist lejn koxxtu. Din id-darba joqtluk. Jisparawlek. Ħallik mill-art. Ibża' għal ħajtek. Ikun ġenn jekk terġa' tmur. Issa żgur joqtluk. Lanqas timxi sewwa ma tista'. Ma tarax li la huma aktar b'saħħithom mhux sa jinteressaw irwieħhom mill-art tiegħek u kemm inti marbut magħha!

"Dik l-art mhux art bħall-bqija tal-art fl-univers kollu kemm hu," komplieli. "Dik art li fiha hemm missieri, hemm l-eżistenza tan-nannu, tal-bużnannu, ta' missirijieti kollha, tal-familja tagħna kollha. Dik l-art u dak it-trab għandu r-ruħ tal-familja tagħna u għalhekk mhux trab komuni u għalhekk jeħtieġ ma nħallix lil min jeqridhulna."

Imbagħad ressaq lil ibnu miegħu. Għafsu miegħu.

"Tibżax," qalli bi tbissima donnu sema' dak kollu li kont qiegħed naħseb. "Tibżax. Jien ma mmutx."

U beda jbus lil ibnu ċkejken. U l-iben ibus lil missieru. Mgħannaq miegħu.

"Qiegħed tara?" staqsieni. "Jien ma nistax immut! Laqqas ħuti, ma jmutu qatt. Sakemm jibqa' l-aħħar wieħed minna jiflaħ jissielet għal dak li ħatfulna. Qed tifhem? U joħloq nies ġodda li huma werrieta ġodda bl-istess demm u bl-istess ġebel ġo fihom u bl-istess ramel u l-istess trab ġol-qalb tagħhom."

Jien bqajt issummat fuqu ma niflaħx nitkellem meta smajt dik l-intensità ta' mħabba. Għajnejh kienu leqqiena bil-għadab ta' min hu mkażbar u muġugħ iżda fl-istess waqt ta' min jaf li għada hu tiegħu għax il-qawwa ta' ħsiebu hi eqqel mill-aktar armi qerrieda. Ġamil kien jaf li l-qawwa tiegħu kienet bla tarf.

"Ir-raba' ma jeħduhx," qal ir-raġel lil ibnu. U tbissimlu. "Ir-raba' ma jistgħu jeħduh qatt għax demmna u ġrajjietna fih. Aħna l-bdiewa kbirna minnu. Ir-raħħala kibru bil-bhejjem f'dak ir-raba'. Lill-ħajja tal-bniedem ma tista' tneħħieha qatt mill-art tiegħu! L-ispirtu tiegħu ma tista' tneħħieh qatt mill-ħamrija u mill-ġebel tiegħu."

Jien bqajt inħares lejh. Dan ġenn jew imħabba? Dan ġenn jew imħabba? Barra kien kważi dalam u stajt nisma' t-tkarkir *t'Allah hu Akbar* jidwi mill-Masġed fil-qrib.

Bħal ruħ għaddejja tfittex is-serħan. Fi nżul ix-xemx.

## 2

**Il-mara** żagħżugħa kienet qed tibki fil-vojt. Kienet mgħaddba. Kienet ħiemda, iżda għadab kbir tagħwar ġo fiha. Għadab kbir li qatt qabel ma ħasset bħalu. Kien hemm saram kbir quddiemha u ma setgħet tagħmel xejn biex teħles minnu u li qatt qabel ma kienet ħabbtet wiċċha miegħu. Imma xi mkien fiha kienet taf li kien kollu biki għalxejn. Uġigħ li ma kien se jwassalha mkien.

X'setgħet qatt tagħmel? Kollox kwiet madwarha, kollox ċass.

L-inkwiet kbir li kellha kien għax ma kienet tista' tagħmel xejn għall-problema li nqalgħet. Kieku kienet taf l-għadu fejn kien qiegħed, jew min kien kienet, tmur tiggranfah u tmegħiklu xagħru mat-trab. Il-qawwa feroċi ta' mara Maltija kienet tbaqbaq sħiħa ġo fiha. Qatt ma kienet tħalliha għal melħa lil ħadd, aħseb u ara kemm kienet sa tħalli għaddej lixx xi ħadd bi ħsieb li jeħdilhom ir-raba'.

Kien għadu filgħodu kmieni. Il-ħajja għadha qed tibda titmattar. L-għodwa Maltija fil-jiem tas-sajf. Ħiereġ Awwissu.

Ix-xemx qawwija kienet sa tibda tballat fuq dahar iż-żagħżugħa baxxuta taqta' t-tadam mill-għalqa ta' missierha. L-għalqa kienet imdaqqsa ġmielha, u xitla wara xitla ż-żagħżugħa kienet tnaqqi tadama tadama. Kemm jagħmel tadam allajbierek, lissnet f'qalbha. Waħda ħamra aktar mill-oħra. Waħda mlaħħma aktar mill-oħra. U bla ma kienet taf x'qed tagħmel niżlet qalb ix-xtieli, ħaddnet il-frieghi miżgħudin ħodon ħodon ta' tadam, għannqithom magħha. Hekk kienet tagħmel meta tmur lejn ir-raba' watja li kellhom fi żmien ir-ranċis. Ma kienet taqta' lanqas warda waħda, iżda kienet titpaxxa tarah u xxomm dik ir-riħa tal-ġenn tal-ħamrija, il-fwieħa tal-ħamrija niedja u tar-ranċis li nibet minnha.

Lill-weraq aħdar tax-xtieli tat-tadam rassithom ma' sidirha. Kienu ħajjitha dawn, kienu l-frottiet ta' missierha. Ta' nannuha. Ta' ġenerazzjonijiet oħrajn qabilhom, min jaf kemm-il mitt sena ilhom għandhom dawk l-għelieqi. Mimlija ġrajja u tifkiriet.

U issa sa jeqirduhomlhom biex jibnu fabbrika tax-xorb. Hekk iridu. Iridu dik l-art u dik il-ħamrija u dawk il-ħitan biex jibnu fabbrika tax-xorb minflokhom. Iridu jeqirdu dawk l-għelieqi biex jibnu fabbrika tax-xorb. Iridu dak l-ilma ġieri biex jimlew il-fliexken bl-ilma u biex ikollhom l-ilma bl-irħis għall-magni tagħhom.

Il-mara bkiet bil-mod. Imma x'setgħet tagħmel? Kienet taf li jekk jieħdu dik l-art ma jkunux ħadu biss ħamsin jew sittin tomna raba', iżda jkunu ħadu magħhom silta mill-ġrajja qadima ta' niesha. Ruħha. L-ispirtu tal-ħolqien. Il-ħamrija ma kinitx

biss ftit trab aħmar tal-art baxxa baxxa, imma kienet imħabba u msensla kollha mħabba mannanniet, mal-bużnanniet. Ma jkunux ġarrfu ftit ħitan tas-sejjieħ biss, iżda jkunu ħattew sekli twal ta' tradizzjoni u drawwiet qodma.

Kienet tafu dan kollu din il-mara. Kienet taf li kien sa jfisser it-tmiem tal-ġbejniet u t-tmiem tat-tames imdendel lest biex jitniżżel għall-baqta. Kien sa jfisser tmiem il-ħoġor blat fejn ommha u nannietha kienu jnixxfu t-tadam imqadded. Dan kien sa jfisser il-bini tal-fabbrika li kienu jridu jibnu minflok ir-raba' tagħhom.

### 3

**Ħassitha** mdejqa mhux ftit il-mara.

Issa x-xemx kienet bħal bdiet iddejjaqha. Minflok ma mlietha bil-hena tas-sajf, bħal nisslet dwejjaq li qatt ma ħasset bħalhom qabel.

Ir-riħa tat-tadam kienet titħallat mal-kubrit li kienu jroxxu missierha jew ħutha s-subien fuq ix-xitla waqt l-irtuba ta' filgħodu. Is-soltu ma kinetx iddejjaqha dik l-għabra safra. Iżda llum bħal darrsitha fuq it-tadam ileqq. Bħal qabbditha tkexkixa bard stramb. Bard li dejjaqha. Għaddabha.

Imma jeħtieg tkompli. Hemm il-kaxxi mimlijin tadam li qatgħu ħutha lbieraħ. Jeħtieġ jaqtgħu li fadal. Hemm iktar. Ħafna iktar. Tunnellati sħaħ ta' tadam. Tadam għal Malta. Tadam għal barra. Tadam għall-kunserva. U la jillestu hemm l-għeneb. Hemm il-brunġiel, hemm il-patata, hemm il-bżar aħdar, hemm il-bittieħ… U iktar ma' moħħha ġera minn frotta għal frotta, aktar ħasset qilla stramba, dwejjaq kbar li ma setgħetx tfisser, għadab għal min ried jeħdilhom l-għelieqi.

Fil-bogħod kien hemm missierha jtella' l-ilma mill-ispiera. Kien hemm ommha traqqa' biċċtejn. Kien hemm ħuha bil-mutur. Kien hemm ħuha l-ieħor idemmel radda radda. Moħħ missierha kien imħasseb, aktarx imbaħnan għax qalulu li dak ir-raba' li kien wiret mingħand missieru u nannuh u bużnannuh ma kien tagħhom xejn. Qatt ma kien tagħhom fil-fatt. Kien tal-Gvern, kienu qalulu, u l-Gvern jista' jdendel karta mal-ħajt imberfla bl-aħdar u jeħodhulek ħalli jkun jista' jbigħ l-art lil min jiftillu. Il-Gvern Alla. Il-bidwi ma kellu xejn. Il-bidwi qam, għodwa waħda, u sab li ma kellu xejn. Ir-raba' li kien jaħseb li kien tiegħu, ma kien tiegħu xejn. Kien biss imqabbel għandu, u xejn iżjed. Il-bidwi ma kellu xejn. Il-bidwi qatt ma kellu xejn. Il-ġrajja ma kinitx ġrajja mibnija fuq l-art tal-bdiewa u tar-raħħala għax art il-bdiewa u r-raħħala ma kellhom qatt. Il-valuri ma kinux valuri mibnija fuq il-blat għax blat il-ġens ta' bdiewa u raħħala ma kellu qatt. Il-qwiel li ħoloq il-ġens, il-kelma miksura u msensla waħidha wara l-oħra kienet mibnija fuq art falza muta muta, tiddieħak bihom. Kienu biss għajdut battala, fiergħa u fil-vojt għax maħluqin fil-baħħ li minn dejjem kien jibla' kollox.

Issa nqala' neguzjant irid jibni fabbrika tax-xorb hemm. Propju hemm għoġbu. Propju hemm flok dak is-saqwi tal-bidwi. U l-kbarat lil dan in-neguzjant ma qalulu xejn. Minflok ma l-kbarat żammew mal-bidwi, daru kontra tiegħu. Riedu jeqirduh. Riedu jwittulu r-raba' tiegħu u jiksu kullimkien b'fabbrika kbira u ġdida timla l-fliexken bl-ilma mħallat bl-essenza u z-zokkor.

Il-lewn aħmar is-soltu jrattbilha ħsiebha lil din l-omm żagħżugħa, jimlieha bl-imħabba għat-trab li jkabbar iz-zkuk, jimla l-arja kollha weraq u ward u frott. Iżda llum l-aħmar bħal ratu ġdid. Ratu mimli qilla għal min ried akkost ta' kollox jeqred dak li kellhom. L-aħmar kien mixgħul għadab għal dawk kollha li riedu jagħmlu ħsara lill-ambjent. Il-mara żagħżugħa bdiet tonfoħ, nifs f'nifs, għajnejha mtlew dmugħ.

Għaliex sa jeħdulna r-raba'? Għaliex?

### 4

**Għalina** *l-ħamrija hija ġid, taħseb mikduda bejnha u bejn ruħha l-mara.*

Għaliex iridu jeħduhielna? Imma għaliex?

Hija l-istess għajxien tagħna hux… aħna bdiewa…

Għaliex iridu jeħdulna dan ir-raba' ta' ġid lilna?

Il-ħajja tagħna, dan ir-raba' u dan is-saqwi.

Għaliex iridu jeħdulna dan ir-raba' kollu mela?

Minn filgħodu dejjem sejrin aħna, bix-xogħol fir-raba'.

Naħdmu għalina, naħdmu għal uliedna.

Naħdmu r-raba' għall-Maltin kollha u għall-barranin ukoll.

Għaliex iridu jeħduhulna mela? Għaliex?

Għalina t-trab hu dak li ħallieli missieri u dak li sa nħalli lit-tfal li jkolli.

Dan it-trab il-ġrajja tagħna. Għaliex jeqirduh?

Dan it-trab l-ilsien tagħna. Għaliex jeqirduh?

Dan it-trab l-identità tagħna. Għaliex jeqirduh?

Aħna mhux ħolqa? Mela għalfejn iridu jaqtgħuha din il-katina?

Xi jriduh ir-raba' tagħna? Għaliex ma jmorrux jibnu l-fabbrika band'oħra?

Biex tibni fabbrika hemm bżonn teqred raba' tajjeb?

Biex tibni fabbrika hemm bżonn teqred xagħri sabiħ?

Hawn ħafna art fejn jistgħu jibnuha l-fabbrika jekk iridu.

Mela hawn bilfors? Għaliex iridu s-saqwi

tagħna? Għax iridu x-xagħri tagħna?

Għax hawn l-ilma?

Għax għandhom il-flus?

Għax għandhom is-setgħa?

Għax aħna ma nafux inqumu fuq tagħna?

Għaliex iridu jeqirdulna s-saqwi? Għaliex iridu jeqirdulna dan ix-xagħri?

Għaliex iridu s-saqwi għalihom? Għaliex xeħtu ħarsthom fuq ix-xagħri?

Mhux biżżejjed qerduhom minn bnadi oħrajn? Il-Mellieħa, Għajn Żejtuna, il-Qawra, Buġibba, Ta' Xbiex, il-Marsa, ix-Xlendi, l-Għasri, Marsalforn, Ħal Qormi, il-Mosta? Kullimkien, kullimkien. Selmun bnew il-fabbriki fuq ix-xagħri. Sa nibqgħu sejrin hekk allura?

Mhu sa jinqala' ħadd li jwaqqafhom? Mhu sa jinqala' ebda bidwi li kapaċi jiqfilhom lil dawn? Mhux sa jinqala' ħadd li jiddefendi lil dan is-saqwi u lil dan ix-xagħri?

Għaliex ma jridux l-ilma jiġri fil-ġwiebi?

Għaliex jeqirdu raba' ta' ġid?

## 5

**Il-mara** żagħżugħa ttalla' idha u timsaħ id-dmugħ nieżel minn ħaddejha. Id-dmugħ tad-dispjaċir imħallat mal-għaraq tax-xogħol. Madwarha ma kienx hemm biss għelieqi mimlijin frott u wċuħ iħaddru. Iżda kien hemm l-istess ħajjitha. L-istess tradizzjoni tagħha. Il-fabbrika tax-xorb li riedu jibnu propju hemmhekk kienet sa tkeċċihom 'il barra. Lil missierha u lil ommha. Lill-familja tagħha. Lill-ġirien. Lil żewġha u lil bintha. Lil ħutha. Il-fabbrika li kienu jridu jibnu kienet sa teqred darba għal dejjem it-tifkiriet li kellha tal-imgħoddi. L-imgħoddi tagħha ma kienx xi ħaġa qadima bħal saqqu qadim u mqatta', iżda kien l-istess identità tagħha, l-istess kelmiet li bihom tgħallmet tleħħen ħsibijietha. L-istess rabta li tgħaqqad ilbieraħ mgħobbi bis-snin u bil-kultura, ma' għada, mimli seħer u misteri u ħajja ġdida. Ma jistax ikun li għalxejn b'xejn jaqbdu u jagħtu l-art lil min irid jagħmel fabbrika li seta' jibni post ieħor. Is-saqwi ma ssibux kullimkien. Għaliex jinqered raba' ta' ġid? Ix-xagħri ma ssibux kullimkien. Għaliex teqred xagħri l-ġmiel tiegħu?

Il-mara qamet mill-art fejn kienet. Ħarset madwarha, imbikkma, imkissra. Imbagħad resqet 'l hemm mix-xtieli, ġebbdet il-kaxxa mimlija tadam aħmar aħmar warajha.

## 6

**F'daqqa** waħda tħoss forza barranija tfur f'qalbha.

Għadab kbir. Għadab ġdid. Ir-raba' ma jeħduhx. Ir-raba' ma jeħduhx. Imma kollox ħiemed madwarha, kollox ċass. Qawwija, deċiża, imma x'tista' tagħmel? Kollox ħiemed, irjus baxxuta, irjus maqtugħa.

Il-ġrajja tal-umanità li taf hi kienet miktuba madwarha. Il-ġrajja kienet miktuba fil-ġwiebi, fit-trab tal-mogħdijiet. Qatt ma kienet bassret li tħoss dak li kienet qed tħoss dak il-waqt. Qatt ma kienet temmen li tasal tħoss f'qalbha dak l-għadab u dik il-qilla feroċi li kienet qed iġġarrab dak il-waqt.

Kilba kbira għal dak li bi dritt hu tagħha. Tħoss għal għarrieda l-ħeġġa li jeħtieġ tiġġieled għal dak li hu tagħha. Kull bidwi jħoss dan l-uġigħ darba jew oħra. Jeħtieġ teħodha kontra kull theddida. Dan kien il-ġejjieni tagħha. Dak li hu ta' wliedha u ta' wliedhom. Dan hu l-imgħoddi tagħha. Dan hu l-ġejjieni tagħha. Dan hu l-istess eżistenza tagħha.

Dan ir-raba' ma jmissuhx, dan ir-raba' ma jmissuhx, tgħid bejnha u bejn ruħha. Missieri ma jmutx, avolja xiħ. Jien ma mmutx. U terġa' tbus lil bintha. Snienha mheżża bħalma qatt qabel ma kienet heżżithom.

"Ir-raba' ma jeħduhx," tgħid lil bintha. "Ir-raba' ma jistgħu jeħduh qatt għax demmna u ġrajjietna fih. Aħna l-bdiewa kbirna minnu. Lill-ħajja tal-bniedem ma tista' tneħħieha qatt mill-art tiegħu!"

Tħaddan lil bintha sewwa magħha. Qalbha sewda. Imnikkta xorta waħda. U mħawda. Lil bintha turiha l-firxiet u l-oqsma ta' missierha. L-imgħoddi tagħha. Il-ġejjieni tagħha. Tkellimha. Twiddibha ma tħalli lil ħadd imiss dawk l-għelieqi, lanqas meta tikber hi.

Imbagħad timxi lil hemm. Issa ħosbiena.

Imma x'taqbad tagħmel? Kollox ħiemed, kollox ċass, kull ras maqtugħa, kull ras sogħbiena.

X'tista' tagħmel?

L-omm żagħżugħa tħares lejn bintha ċkejkna ċċassata lejha. Demgħa ġġelben ma' ħaddejn l-omm. Tbusha. L-omm tbus lil bintha. Il-bint tbus lill-omm.

Min sa jlaħħaq ma' għadu li jgħawwar ġo ħobbu? X'saħħa kien hemm madwarha biex ma tħalli lil ħadd jieħu l-art ta' missirijietha? Min minn dawk madwarha kien hemm b'saħħtu biżżejjed fuq dawn il-gżejjer biex ma jħalli lil ħadd jaħtaflu l-ħamrija kollha ħajja u kollha ġrajja?

Ħarsitha fuq bintha kollha ħerqana għall-ħajja u għall-għajxien. Bintha tbissmitilha. Il-mara tpoġġi fuq ġebla u marritilha kull saħħa.

## Lill-ġellied tal-art

Obżoqli f'wiċċi għażiż ħabib Ġamil.

Kultant niftakar fik -- titmiegħek fid-deżert,
mixħut mal-art ramlija -- bi dmugħ l-uġigħ f'għajnejk.
U b'ħeġġa barranija -- titliegħeb fuq ħaddejk
turini l-ħofra kbira -- fil-qalba ta' rkopptejk
u l-ġerħa kollha mħabba -- tberraħlek imnifsejk.

Ġamil, għażiż ħabib, obżoqli f'wiċċi trid?

Kultant niftakar fik -- titmiegħek fid-deżert,
u l-qilla t'ibnek ħdejk -- tinfed il-qalb u l-ħsieb
xħin inti ġġiegħlu jaħlef -- il-ħalfa kollha demm
imgħaqqad kollu ġieħ -- li artu jroddlok lura
u l-qamar jiddi hieni -- fuq xagħri meħlusin
xħin ħakmet il-barrani -- bid-demm ta' ħajtu jtemm.

Maqdarni għażiż ħabib, maqdarni trid?

Kissrulek irkopptejk -- ja ġellied nobbli,
u int tkaxkart muġugħ -- għax 'l artek ridtha tiegħek.
Lili obżoqli f'wiċċi -- id-demm iswed ta' sidrek
biex jiena bih niddakkar -- il-qilla ħierġa minnek
biex jien xi darba nqum -- flok ħiemed f'ġenb beżżiegħ
nitniegħes u aljenat -- xħin l-għadu jdur għax-xagħri
fuq dawn l-iskolli tiegħi -- u l-gaffa nara għaddejja
mingħajr ma nerfa' jdejja -- u bla nħarrek xuftejja.

Obżoqli f'wiċċi ja Ġamil, obżoqli
tbaqbiq id-demm ta' qalbek.
Obżoqli f'wiċċi ja Ġamil, obżoqli
il-għadab minn ġo ħsiebek,
għax jien bla saħħa,
ċass u dgħajjef, ħiemed…

HORACE ENTERPRISES LTD.
*Trophies & Sports Goods* *Importer & Wholesaler*

**Horace Micallef**
Director

84, Gudja Road, Għaxaq, GXQ2172, Malta
Tel: (356) 2169 6302 • Mob: (356) 9942 0346 • Fax: (356) 2169 3397
Website: www.horace-ent.com • Email: horaceenltd@link.net.mt



# Min Irreklama f'din il-Pubblikazzjoni

A. Vella Borg & Sons Ltd .......14
A.J.M. Service Station ............39
Aalayah's Stop & Shop ...........59
Agalaya Beauty Clinic ............56
Alkova ....................................71
Allneeds
The D.I.Y. Store .................108
Angela's Flower Shop ...........141
Art in Beauty .............................6
Bayleaves .............................134
Beauty Mood...........................39
Belleview & Square Bistro .....47
Billy's .....................................28
Bottles & Bottles .....................54
Carmel Vella Limited ..............76
Ċavett Place ............................56
Central Asphalt Ltd .................76
CLD......................................133
Dainty .....................................22
Dingli Butcher.........................55
Drifter...................................112
Drivewell...............................134
Eight24 ...................................23
EPC Computer Centre.............14
Evergreen ...............................86
Eyetech ...................................18
Fieldsports ..............................22
G3 Group .............................2, 3
Gason Mamo Insurance ..........50
George's Bakery......................91
Great Dane Restaurant ............38
Green Valley...........................60
HB Motors ..............................33
Herbies ...................................43
Horace Enterprises Ltd .........147
iCam .......................................90
Imperial Bar ............................54
Ir-Razzett Fruit Shop..............64
J. Attard ..................................37
J. Vella ....................................65
J&G Discount..........................37
JDS ..........................inside back
Jevon's Fruit Shop..................51
Joe Gauci Metal Works ...........82
John Bray & Family
Funeral Services..................88
John Buttigieg Cikkies ..........135
John Debono Hardware Ltd ....12
Joseph Debono Mapfre ...........30
Julie's Lifestyle .......................56
Kafè Borg ...............................60
Lifting Service ........................43
Luna Holiday Complex .........109
Manuel Bezzina Co Ltd ..........51
Manuel's Garage .....................25
Marianna Stationery................44
Mario Gauci ............................44
Maritim Antonine
Hotel & Spa .........................10
Mark Taliana Gardening .........46
Mġarr United Bar
& Restaurant ........................64
Mosta Bacon ...........................18
Nella's ....................................11
One 80 ..................... inside front
Ostrica Nera ...........................42
P&C Cauchi ...........................35
Paradise Bay Resort ................19
Paws 'n' Claws .....................103
Perfumes&more ......outside back
Ph Borg Ltd ............................55
Popeye Village ........................34
Reġjun Tramuntana .................73
ROCS .......................................7
Sala Imperial ...........................58
Salia.....................................130
Santa Maria
Service Station .....................53
Smina .....................................93
Stardust ..................................29
Stephen Deguara .......................9
Suiga Snack Bar......................15
Ta' Dronk ...............................11
Ta' Peter ...............................103
Ta' Titta Confectionery ...........65
Tal-Puzzu ...............................44
Thai Thai ................................30
The Beach at Paradise Bay .....31
The Caterer.............................59
The Core.................................26
The Hilltop Restaurant............34
The Veggie Truck ...................66
Tony's Bakery ........................86
Tony Engineering Works.......108
Tower Ladder Services .........122
Welbee's .................................27
Zammit Concrete ..................112

# AT JDS WE OFFER:



A variety of custom made kitchens , bedrooms and bespoke furniture, both modern and traditional to suit your needs.



A variety of custom designs and local manufacture that can provide you with a range of materials and colour schemes of your choice.

All are manufactured locally in Marsa.



We also have a wide range of gifts and accessories. These include tableware, to cushions, runners, crystal vases, lamps and occasional furniture.



Visit our showroom in Mellieha to view our Himolla sofa collection. Carrying a 5 year guarantee, Himolla can bring more comfort to home.

Visit the Himolla website: www.himolla.com











Ask us for any assistance, you may require.

SAVE MONEY WITH JDS DIY MADE TO MEASURE SERVICES.

Main Street, Mellieha | Garibaldi Street, Marsa | t: +356 2152 2390
e: info@jdsfurniture.com | s: www.jdsfurniture.com | fb: JDS Furniture



perfumes & more
6 x 100ML
PERFUMES
€100
Apply Coupon Code:
6FOR100
Terms & Conditions Apply
D&P®
perfumum
Main Street, Mellieha
Sliema | Fgura | The Point | Mosta | Birkirkara | Hamrun
Telephone: (+356) 2015 1818 | WhatsApp: (+356) 7743 9472
Email: manager@perfumesandmore.com.mt | Website: www.perfumesandmore.com.mt